Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2022/0403(COD)

13.6.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni
(COM(2022)0697 – C9-0412/2022 – 2022/0403(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 164

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta’ miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta’ pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni
(COM(2022)0697 – C9-0412/2022 – 2022/0403(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0697),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0412/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-infrastrutturi ta’ wara n-negozjar huma aspett fundamentali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u huma responsabbli għal firxa ta’ proċessi ta’ wara n-negozjar,	(2) L-infrastrutturi ta’ wara n-negozjar huma aspett fundamentali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u huma responsabbli għal firxa ta’ proċessi ta’ wara n-negozjar,

inkluż l-ikklerjar. Sistema tal-ikklerjar effiċjenti u kompetittiva fl-Unjoni hija essenzjali għall-funzjonament tas-swieq kapitali tal-Unjoni u hija l-pedament tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aktar regoli sabiex ***tittejjeb*** l-effiċjenza tas-servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni b'mod ġenerali, u tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) b'mod partikolari, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, speċjalment għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet addizzjonali u għat-tibdil tal-mudelli ta' riskju tas-CCPs, billi tiżdied il-likwidità, billi jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fis-CCPs tal-Unjoni, billi jiġi mmodernizzat il-qafas li taħtu joperaw is-CCPs, u billi tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa lis-CCPs u lil atturi finanzjarji oħrajn sabiex jikkompetu fis-suq uniku.	inkluż l-ikklerjar. Sistema tal-ikklerjar effiċjenti u kompetittiva fl-Unjoni hija essenzjali għall-funzjonament tas-swieq kapitali tal-Unjoni u hija l-pedament tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aktar regoli sabiex ***jittejbu l-effiċjenza u l-kompetittività*** tas-servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni b'mod ġenerali, u tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) b'mod partikolari, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, speċjalment għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet addizzjonali u għat-tibdil tal-mudelli ta' riskju tas-CCPs, billi tiżdied il-likwidità, billi jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fis-CCPs tal-Unjoni, billi jiġi mmodernizzat il-qafas li taħtu joperaw is-CCPs, u billi tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa lis-CCPs u lil atturi finanzjarji oħrajn sabiex jikkompetu fis-suq uniku.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-ikklerjar ċentrali huwa negozju globali u l-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni huma attivi internazzjonalment. Madankollu, billi l-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni tas-CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi fl-2017[27], ripetutament ġie espress tħassib, inkluż mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)[28], dwar ir-riskji kontinwi għall-	(4) L-ikklerjar ċentrali huwa negozju globali u l-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni huma attivi internazzjonalment. Madankollu, billi l-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni tas-CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi fl-2017[27], ripetutament ġie espress tħassib, inkluż mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)[28], dwar ir-riskji kontinwi għall-

istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jinħolqu mill-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar f'xi CCPs ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari minħabba r-riskji potenzjali li jistgħu jinħolqu f'xenarju ta' stress. Fuq terminu qasir, sabiex jittaffa r-riskju ta' effetti ta' preċipizju relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni minħabba tfixkil għall-għarrieda tal-aċċess tal-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni għas-CCPs tar-Renju Unit, il-Kummissjoni adottat serje ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex jinżamm l-aċċess għas-CCPs tar-Renju Unit. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-iskoperturi eċċessivi tagħhom għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tenniet dik is-sejħa fil-komunikazzjoni tagħha "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza"[29] f'Jannar 2021. Ir-riskji u l-effetti ta' skoperturi eċċessivi għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni ġew ikkunsidrati fir-rapport ippubblikat mill-ESMA f'Diċembru 2021[30] wara valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak ir-rapport ikkonkluda li xi servizzi pprovduti minn dawk is-CCPs tar-Renju Unit sistemikament importanti kienu ta' importanza sistemika tant sostanzjali li l-arranġamenti attwali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma kinux biżżejjed sabiex jiġġestixxu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni minħabba d-dipendenza eċċessiva kontinwa fuq CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll sabiex tittejjeb il-proporzjonalità tal-miżuri għal dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw anqas riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-qafas introdott mir-Regolament (UE) 2019/2099 jitfassal aħjar għar-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi differenti.

istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jinħolqu mill-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar f'xi CCPs ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari minħabba r-riskji potenzjali li jistgħu jinħolqu f'xenarju ta' stress. Fuq terminu qasir, sabiex jittaffa r-riskju ta' effetti ta' preċipizju relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni minħabba tfixkil għall-għarrieda tal-aċċess tal-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni għas-CCPs tar-Renju Unit, il-Kummissjoni adottat serje ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex jinżamm l-aċċess għas-CCPs tar-Renju Unit. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-iskoperturi eċċessivi tagħhom għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tenniet dik is-sejħa fil-komunikazzjoni tagħha "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza"[29] f'Jannar 2021. Ir-riskji u l-effetti ta' skoperturi eċċessivi għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni ġew ikkunsidrati fir-rapport ippubblikat mill-ESMA f'Diċembru 2021[30] wara valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak ir-rapport ikkonkluda li xi servizzi pprovduti minn dawk is-CCPs tar-Renju Unit sistemikament importanti kienu ta' importanza sistemika tant sostanzjali li l-arranġamenti attwali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma kinux biżżejjed sabiex jiġġestixxu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni minħabba d-dipendenza eċċessiva kontinwa fuq CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll sabiex tittejjeb il-proporzjonalità tal-miżuri għal dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw anqas riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-qafas introdott mir-Regolament (UE) 2019/2099 jitfassal aħjar għar-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi differenti. ***Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-bidliet jiġu kkalibrati sew, fid-dawl tal-impatt potenzjali tal-miżuri regolatorji fuq***

il-kompetittività tal-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni.

---

[27] COM(2017)331.

[28] Ir-Rapport tal-ESMA "Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd", is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

[29] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza" (COM(2021) 32 final).

[30] Ir-Rapport tal-ESMA "Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd", is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

---

[27] COM(2017)331.

[28] Ir-Rapport tal-ESMA "Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd", is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

[29] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza" (COM(2021) 32 final).

[30] Ir-Rapport tal-ESMA "Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd", is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar (servizzi tal-PTRR) jiġġeneraw tranżazzjonijiet li ma jifformawx il-prezz biex jitnaqqas ir-riskju fil-portafolli tad-derivattivi mingħajr ma jinbidel ir-riskju tas-suq. Is-servizzi tal-PTRR jinkludu kompressjoni tal-portafoll, ottimizzazzjoni tal-portafoll jew servizzi ta' riekwilibriju. Is-servizzi tal-PTRR inaqqsu r-riskju sistemiku u r-

riskju operazzjonali, u għalhekk huma għodda siewja biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-suq tad-derivattivi. Kif spjegat l-ESMA fir-Rapport tagħha lill-Kummissjoni Ewropea dwar servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar (l-Artikolu 85(3a) tal-EMIR)[1a], ippreżentat f'Novembru 2020, kif ukoll fl-ittra tagħha lill-Kummissjoni tal-1 ta' April 2022[1b], l-applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar għal tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn servizzi tal-PTRR tillimita l-użu ta' dawn is-servizzi għal portafolli mhux ikklerjati, u tista' twassal għal żieda fl-użu ta' prodotti kumplessi li ma humiex soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tas-servizzi tal-PTRR, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni mmirata u kundizzjonali għall-obbligu tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mis-servizzi tal-PTRR. Tali eżenzjoni jenħtieġ li tqis biss it-tranżazzjonijiet newtrali għar-riskju li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-PTRR, filwaqt li tħalli t-tranżazzjonijiet oriġinali, li fuqhom jitwettqu l-eżerċizzji ta' tnaqqis tar-riskju, soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar meta applikabbli. B'dan il-mod, l-eżenzjoni rakkomandata tneħħi l-ostakli għall-użu tas-servizzi tal-PTRR fil-portafolli li għandhom jiġu kklerjati, tippermetti li firxa usa' ta' kontropartijiet ikollhom aċċess għal dawn it-tekniki ta' tnaqqis tar-riskju, u tnaqqas il-kumplessità tas-suq. Billi jiġi ffaċilitat it-tnaqqis tar-riskju, użu akbar tas-servizzi tal-PTRR inaqqas ir-rekwiżiti ta' kollateral għall-kontropartijiet, u b'hekk itejjeb id-disponibbiltà ġenerali tal-likwidità fis-suq tad-derivattivi tal-UE. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, jenħtieġ li l-eżenzjoni tkun immirata u kundizzjonali, jiġifieri limitata għal servizzi tal-PTRR li jimmitigaw jew inaqqsu r-riskji, imwettqa minn fornitur ta' servizzi ta' PTRR ta' parti terza b'mod indipendenti u taħt ċerti kundizzjonijiet. L-ESMA jenħtieġ li tingħata l-mandat li

tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika u tiżgura aktar l-applikazzjoni uniformi ta' tali kundizzjonijiet. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ESMA u l-NCAs ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, il-kontropartijiet jenħtieġ li jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li japplikaw l-eżenzjoni.

1a

https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma70-156-3351_report_on_ptrr_services_with_regards_to_the_clearing_obligation_0.pdf

1b

https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma91-372-2125_letter_chair_esma_response_to_ec_consultation_on_targeted_emir_review.pdf

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar li ġew identifikati mill-ESMA bħala servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. F'Diċembru 2021, l-ESMA kkonkludiet li l-forniment ta' ċerti servizzi tal-ikklerjar ipprovduti minn żewġ CCPs tal-Grad 2, jiġifieri għal derivattivi tar-rati	(10) Huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar li ġew identifikati mill-ESMA bħala servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. F'Diċembru 2021, l-ESMA kkonkludiet li l-forniment ta' ċerti servizzi tal-ikklerjar ipprovduti minn żewġ CCPs tal-Grad 2, jiġifieri għal derivattivi tar-rati

tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka, Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu (CDS) denominati f'euro u Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax ta' Terminu Qasir (STIR) denominati f'euro, huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Kif ġie nnotat mill-ESMA fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha ta' Diċembru 2021, jekk dawk is-CCPs tal-Grad 2 jiffaċċjaw diffikultà finanzjarja, il-bidliet fil-kollateral, il-marġni jew it-telf impost eliġibbli ta' dawk is-CCPs jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-swieq tal-bonds sovrani ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u b'mod aktar ġenerali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tfixkil fis-swieq rilevanti għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja jista' jxekkel il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni li huwa kritiku għall-banek ċentrali tal-ħruġ. Għalhekk, ***huwa xieraq li kwalunkwe kontroparti finanzjarja*** u ***kontroparti*** mhux ***finanzjarja*** li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar ikunu meħtieġa jżommu, direttament jew indirettament, kontijiet ***b'livell minimu ta' attività*** fis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li ***jnaqqas il-forniment*** ta' dawk is-servizzi tal-ikklerjar minn dawk is-CCPs tal-Grad 2 ***għal livell fejn tali kklerjar ma jibqax*** ta' importanza sistemika sostanzjali.

tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka, Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu (CDS) denominati f'euro u Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax ta' Terminu Qasir (STIR) denominati f'euro, huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Kif ġie nnotat mill-ESMA fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha ta' Diċembru 2021, jekk dawk is-CCPs tal-Grad 2 jiffaċċjaw diffikultà finanzjarja, il-bidliet fil-kollateral, il-marġni jew it-telf impost eliġibbli ta' dawk is-CCPs jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-swieq tal-bonds sovrani ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u b'mod aktar ġenerali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tfixkil fis-swieq rilevanti għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja jista' jxekkel il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni li huwa kritiku għall-banek ċentrali tal-ħruġ. Għalhekk, ***miżuri li jirrikjedu li l-kontropartijiet finanzjarji*** u ***l-kontropartijiet*** mhux ***finanzjarji*** li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar ***iżommu***, direttament jew indirettament***, u jikklerjaw b'mod regolari permezz*** ta' kontijiet fis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni ***jidhru xierqa sabiex gradwalment titnaqqas id-dipendenza sistemika mis-CCPs ta' pajjiżi terzi***. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li ***jiġi kkalibrat b'mod li gradwalment inaqqas l-importanza sistemika sostanzjali*** ta' dawk is-servizzi tal-ikklerjar minn dawk is-CCPs tal-Grad 2***. Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti tas-suq, huwa xieraq ukoll li r-rekwiżit japplika biss għal derivattivi tar-rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka u Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax ta' Terminu Qasir (STIR) denominati f'euro, minbarra kwalunkwe servizz tal-ikklerjar ieħor meqjus li huwa*** ta' importanza sistemika sostanzjali ***mill-ESMA fil-valutazzjonijiet futuri tagħha skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012***.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Huwa xieraq, minħabba n-novità tar-rekwiżit u l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-kompetittività tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti tal-UE, li l-obbligu li jirrikjedi li l-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar iżommu, direttament jew indirettament, kontijiet fis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni u li jikklerjaw b'mod regolari permezz ta' dawk il-kontijiet prodotti ta' importanza sistemika sostanzjali jiddaħħal gradwalment. Inizjalment, il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiskambjaw marġni inizjali u ta' varjazzjoni f'kont f'CCP stabbilita fl-Unjoni, u li jidħlu b'mod regolari f'pożizzjonijiet ġodda fuq dak l-istess kont. Minħabba d-diversità tal-parteċipanti fis-suq fl-Unjoni, u l-livelli differenti tagħhom ta' attività tal-ikklerjar, il-frekwenza li biha huma meħtieġa jidħlu f'pożizzjonijiet ġodda jenħtieġ li tiġi stabbilita mill-ESMA, u jenħtieġ li jiġu kkalibrati b'tali mod li ma jbiddlux b'mod sinifikanti l-kondotta kummerċjali normaliu ta' dawk il-kontropartijiet. Huwa xieraq ukoll li r-rekwiżit japplika biss għal tali kuntratti tad-derivattivi li jidħlu fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex ma jiġux kompromessi l-pożizzjonijiet eżistenti tal-kontropartijiet soġġetti għar-rekwiżit.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-kalibrazzjoni tal-livell tal-attività tal-ikklerjar li għandu jinżamm fil-kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni tkun tista' tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu. ***L-ESMA għandha*** rwol importanti fil-valutazzjoni tal-importanza sistemika sostanzjali tas-CCPs ta' pajjiżi terzi u s-servizzi tal-ikklerjar tagħhom. L-ESMA, b'kooperazzjoni ***mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)*** u ***mal-BERS, u wara li tkun ikkonsultat is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)***, ***għalhekk*** jenħtieġ li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ***id-dettalji tal-livell*** ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu fil-kontijiet attivi fis-CCPs tal-Unjoni mill-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Tali kalibrazzjoni ma jenħtieġx li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex jitnaqqas l-ikklerjar fis-servizzi tal-ikklerjar identifikati fis-CCPs tal-Grad 2 ikkonċernati. F'dak ir-rigward, l-ESMA jenħtieġ li tikkunsidra l-kostijiet, ir-riskji u l-piż li tali kalibrazzjoni tinvolvi għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, l-impatt fuq il-kompetittività tagħhom, u r-riskju li dawk il-kostijiet jiġu mgħoddija lil ditti mhux finanzjarji. Barra minn hekk, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura wkoll li t-tnaqqis previst fl-ikklerjar f'dawk l-istrumenti, identifikati bħala ta' importanza sistemika sostanzjali, iwassal sabiex dawn ***ma jibqgħux jitqiesu ta' importanza*** sistemika sostanzjali meta l-ESMA tirrieżamina r-rikonoxximent tas-	(11) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-kalibrazzjoni tal-livell tal-attività tal-ikklerjar li għandu jinżamm fil-kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni tkun tista' tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu***, u tkun tista' tiġi aġġustata fid-dawl tal-effettività, jew in-nuqqas tagħha, tal-introduzzjoni tar-rekwiżit. L-ESMA u l-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ introdott f'dan ir-Regolament għandhom*** rwol importanti fil-valutazzjoni tal-importanza sistemika sostanzjali tas-CCPs ta' pajjiżi terzi u s-servizzi tal-ikklerjar tagħhom ***u tal-funzjonament usa' tal-ekosistema tal-ikklerjar tal-Unjoni***. ***Wara l-introduzzjoni tar-rekwiżit li jiġi ċċarat proporzjon ta' kuntratti tad-derivattivi f'kontijiet attivi,*** l-ESMA, b'kooperazzjoni ***mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, jenħtieġ li tivvaluta jekk dak ir-rekwiżit huwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi allegati tiegħu, jiġifieri li jimmitiga, jew li finnuqqas ta' miżuri ulterjuri, x'aktarx jimmitiga, ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali. Bħala objettiv sekondarju, dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll jekk il-kompetittività tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti tal-Unjoni ġietx affettwata b'mod negattiv mill-introduzzjoni ta' dak ir-rekwiżit. Meta dik il-valutazzjoni twassal għall-konklużjoni li huma meħtieġa miżuri ulterjuri, l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-EBA, l-EIOPA u l-BERS*** u ***wara li tikkonsulta mas-SEBĊ***,

CCPs rilevanti skont l-Artikolu 25(5) ta' dak ir-Regolament u meta tali rieżami jenħtieġ li jsir mill-anqas kull ħames snin. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu previsti perjodi ta' introduzzjoni gradwali xierqa għall-implimentazzjoni progressiva tar-rekwiżit li jinżamm ċertu livell ta' attività tal-ikklerjar fil-kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni.

jenħtieġ li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ***proporzjon speċifiku*** ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu fil-kontijiet attivi fis-CCPs tal-Unjoni mill-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Tali kalibrazzjoni ma jenħtieġx li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex jitnaqqas l-ikklerjar fis-servizzi tal-ikklerjar identifikati fis-CCPs tal-Grad 2 ikkonċernati. F'dak ir-rigward, l-ESMA jenħtieġ li tikkunsidra l-kostijiet, ir-riskji u l-piż li tali kalibrazzjoni tinvolvi għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, l-impatt fuq il-kompetittività tagħhom, u r-riskju li dawk il-kostijiet jiġu mgħoddija lil ditti mhux finanzjarji. Barra minn hekk, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura wkoll li t-tnaqqis previst fl-ikklerjar f'dawk l-istrumenti, identifikati bħala ta' importanza sistemika sostanzjali, iwassal sabiex dawn ***inaqqsu l-importanza*** sistemika sostanzjali ***tagħhom*** meta l-ESMA tirrieżamina r-rikonoxximent tas-CCPs rilevanti skont l-Artikolu 25(5) ta' dak ir-Regolament u meta tali rieżami jenħtieġ li jsir mill-anqas kull ħames snin. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu previsti perjodi ta' introduzzjoni gradwali xierqa għall-implimentazzjoni progressiva tar-rekwiżit li jinżamm ċertu livell ta' attività tal-ikklerjar fil-kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu konxji tal-għażliet tagħhom u jkunu jistgħu	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu konxji tal-għażliet tagħhom u jkunu jistgħu

jieħdu deċiżjoni informata dwar fejn għandhom jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar f'CCPs kemm tal-Unjoni kif ukoll ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti jinformaw lill-klijenti tagħhom dwar l-għażla li jikklerjaw kuntratt tad-derivattivi f'CCP tal-Unjoni ***sabiex l-ikklerjar f'dawk is-servizzi identifikati bħala ta' importanza sistemika sostanzjali jitnaqqas fis-CCPs tal-Grad 2 sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni***.	jieħdu deċiżjoni informata dwar fejn għandhom jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar f'CCPs kemm tal-Unjoni kif ukoll ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti jinformaw lill-klijenti tagħhom dwar l-għażla li jikklerjaw kuntratt tad-derivattivi f'CCP tal-Unjoni***, u jenħtieġ li jiddivulgaw b'mod ċar il-kostijiet assoċjati mas-servizzi tal-ikklerjar fis-CCPs differenti meta jkun possibbli biex jiġu kklerjati dawk il-kuntratti. Tali obbligu ta' informazzjoni jenħtieġ li jkun distint mir-rekwiżit ta' kont attiv***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7b(1) huwa usa' mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit ta' kont attiv, peress li jirrikjedi li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti rilevanti jipproponu b'mod sistematiku alternattivi tal-ikklerjar tal-Unjoni anke għal servizzi li ma jiġux iddeterminati li huma ta' importanza sistemika sostanzjali mill-ESMA. L-għan tal-Artikolu 7b(1) propost tal-EMIR huwa li jipprovdi inċentivi lill-klijenti finali, soġġetti jew le għar-rekwiżit ta' kont attiv, biex jikklerjaw fil-kontropartijiet ċentrali tal-UE (CCPs).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġi żgurat li ***l-awtoritajiet kompetenti jkollhom*** l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet tal-ikklerjar imwettqa minn membri tal-ikklerjar jew klijenti f'CCPs rikonoxxuti, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' rapportar għal tali membri tal-ikklerjar jew klijenti. L-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi rrapportata jenħtieġ li tiddistingwi bejn it-tranżazzjonijiet ta' titoli, it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi nnegozjati f'suq regolat u t-tranżazzjonijiet ta' derivattivi barra l-Borża (OTC).	(13) Sabiex jiġi żgurat li ***l-ESMA jkollha*** l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet tal-ikklerjar imwettqa minn membri tal-ikklerjar jew klijenti f'CCPs rikonoxxuti, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' rapportar għal tali membri tal-ikklerjar jew klijenti. L-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi rrapportata jenħtieġ li tiddistingwi bejn it-tranżazzjonijiet ta' titoli, it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi nnegozjati f'suq regolat u t-tranżazzjonijiet ta' derivattivi barra l-Borża (OTC). ***Jenħtieġ li l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-***

qrib mas-SEBĊ, tispeċifika l-kontenut u l-format tal-informazzjoni eżatta li għandha tiġi rrapportata, u b'dan il-mod jenħtieġ li tiżgura li l-obbligu ma joħloqx rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali sakemm ma jkunx meħtieġ, sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-membri tal-ikklerjar jew għall-klijenti.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fl-ambitu l-qafas attwali, l-ESMA tirċievi data dwar it-tranżazzjonijiet skont l-EMIR u l-SFTR, li tipprovdi perspettiva madwar l-UE dwar is-swieq, iżda mhux dwar il-ġestjoni tar-riskju tas-CCPs. Dan in-nuqqas ta' data joħloq kwistjonijiet sostanzjali għall-ESMA, li tirrikjedi informazzjoni f'waqtha u affidabbli dwar l-attivitajiet u l-prattiki tas-CCPs biex tissodisfa l-mandat tagħha ta' stabbiltà finanzjarja. Għalhekk jidher li huwa meħtieġ li jiġi introdott rekwiżit ta' rapportar formali dwar id-data tal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP mis-CCPs tal-UE lill-ESMA. Dan jgħin biex tissaħħaħ aktar l-istandardizzazzjoni u l-komparabbiltà bejn id-data, u jiġi żgurat li din tingħata fil-ħin, filwaqt li tiġi koperta data simili bħar-rapporti mħejjija mis-CCPs tal-UE u kondiviżi mal-kulleġġ fuq bażi ta' kull xahar, u għalhekk ma tkunx ta' piż addizzjonali għas-CCPs. Minbarra l-possibbiltà li l-ESMA titlob data direttament mingħand is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti f'taqlib fis-suq, jenħtieġ li d-data riċevuta fir-rapporti tad-data (volontarji) ta' kull xahar permezz tal-kulleġġ tiġi formalizzata biex jiġu żgurati standardizzazzjoni, komparabbiltà

u konsenja f'waqtha ogħla.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] emenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex tiġi introdotta, inter alia, eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' rapportar għat-tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC bejn kontropartijiet fi ħdan grupp, fejn mill-anqas waħda mill-kontropartijiet tkun kontroparti mhux finanzjarja. Dik l-eżenzjoni ġiet introdotta minħabba li t-tranżazzjonijiet intragrupp li jinvolvu kontropartijiet mhux finanzjarji jirrappreżentaw frazzjoni relattivament żgħira tat-tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC kollha u jintużaw primarjament għall-iħħeġġjar intern fi ħdan il-gruppi. Bħala tali, dawk it-tranżazzjonijiet ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għar-riskju sistemiku u l-interkonnettività mal-bqija tas-sistema finanzjarja. Madankollu, l-eżenzjoni għal dawk it-tranżazzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar naqqset il-kapaċità tal-ESMA, tal-BERS u ta' awtoritajiet oħrajn li jidentifikaw u jivvalutaw b'mod ċar ir-riskji meħuda minn kontropartijiet mhux finanzjarji. ***Sabiex tiġi żgurata aktar viżibbiltà fuq it-tranżazzjonijiet intragrupp,*** meta titqies l-interkonnettività potenzjali tagħhom mal-bqija tas-sistema finanzjarja u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi reċenti tas-suq, b'mod partikolari t-tensjonijiet fis-swieq tal-enerġija b'riżultat tal-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li ***dik l-eżenzjoni titneħħa***.	(14) Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] emenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex tiġi introdotta, inter alia, eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' rapportar għat-tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC bejn kontropartijiet fi ħdan grupp, fejn mill-anqas waħda mill-kontropartijiet tkun kontroparti mhux finanzjarja. Dik l-eżenzjoni ġiet introdotta minħabba li t-tranżazzjonijiet intragrupp li jinvolvu kontropartijiet mhux finanzjarji jirrappreżentaw frazzjoni relattivament żgħira tat-tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC kollha u jintużaw primarjament għall-iħħeġġjar intern fi ħdan il-gruppi. Bħala tali, dawk it-tranżazzjonijiet ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għar-riskju sistemiku u l-interkonnettività mal-bqija tas-sistema finanzjarja. Madankollu, l-eżenzjoni għal dawk it-tranżazzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar naqqset il-kapaċità tal-ESMA, tal-BERS u ta' awtoritajiet oħrajn li jidentifikaw u jivvalutaw b'mod ċar ir-riskji meħuda minn kontropartijiet mhux finanzjarji. Meta titqies l-interkonnettività potenzjali tagħhom mal-bqija tas-sistema finanzjarja u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi reċenti tas-suq, b'mod partikolari t-tensjonijiet fis-swieq tal-enerġija b'riżultat tal-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, ***jaf tiġi awtorizzata aktar viżibbiltà fuq it-tranżazzjonijiet intragrupp***. ***Madankollu, l-impatt tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-obbligu tal-ikklerjar fuq attivitajiet***

kummerċjali ta' kontropartijiet mhux finanzjarji ma huwiex ċar. Ma huwiex ċar ukoll jekk ir-rapportar dirett minn kontropartijiet mhux finanzjarji hux se jtejjeb b'mod sinifikanti l-effettività tas-superviżuri, minħabba li l-eżenzjoni tapplika biss għal tranżazzjonijiet intragrupp u mhux għal dawk esterni, li huma rrapportati bis-sħiħ lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet kif meħtieġ bir-Regolament (UE) Nru 648/2012, li jispeċifika għal kull kuntratt tad-derivattivi jekk tali kuntratt huwiex direttament relatat mal-attività kummerċjali tiegħu, il-finanzjament tat-teżor jew għall-iskop ta' negozjar. Minħabba li matul il-kriżi tal-enerġija, il-problemi ta' trasparenza kienu kkonċentrati fis-swieq tal-futuri, aktar milli fis-swieq tad-derivattivi OTC skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak ir-Regolament diġà jipprevedi qafas strett biex tingħata l-eżenzjoni, peress li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu biss eżenzjoni ta' rapportar intragrupp lil kumpaniji li jistgħu juru politika interna adegwata ta' ġestjoni tar-riskju. It-tneħħija ta' din l-eżenzjoni tista' tpoġġi piż sproporzjonat fuq l-utenti finali korporattivi tas-swieq finanzjarji, li spiss jużaw tranżazzjonijiet intragrupp għal finijiet ta' ħħeġġjar bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju prudenzjali, kif innotat mill-BERS fl-ittra tiegħu tal-20 ta' Marzu 2023[34a]. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ESMA** jenħtieġ li ***tingħata l-mandat li tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, flimkien ma' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, li jivvaluta l-possibbiltà li titneħħa l-eżenzjoni.

---

[34] Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, it-

[34] Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, it-

tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 42).	tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 42).
	34a
	https://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/other/esrb.letter230320_on_emir_review_mep~058e272ec7.en.pdf

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-fatt li f'xi ġuriżdizzjonijiet l-iskambju ta' varjazzjoni u l-marġni inizjali għall-opzjonijiet fuq stokk uniku u l-opzjonijiet fuq l-indiċi tal-ekwità ma humiex soġġetti għal rekwiżiti ta' marġni ekwivalenti, it-trattament ta' dawk il-prodotti jenħtieġ li jiddaħħal gradwalment. Dan il-perjodu ta' introduzzjoni gradwali jipprovdi żmien lill-ESMA biex timmonitorja l-iżviluppi regolatorji f'ġuriżdizzjonijiet oħra u biex il-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm stabbiliti rekwiżiti xierqa fl-Unjoni biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fir-rigward ta' tali kuntratti filwaqt li jiġi evitat il-kamp ta' applikazzjoni għall-arbitraġġ regolatorju.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u konverġenti fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni kollha, is-CCPs awtorizzati jew il-persuni ġuridiċi li jixtiequ jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar fi strumenti finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u attivitajiet oħrajn b'rabta ma' strumenti mhux finanzjarji. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplika għas-CCPs bħala entitajiet, u mhux għal servizzi speċifiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament. Meta CCP tapprova strumenti mhux finanzjarji, minbarra l-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li ***l-awtorità kompetenti tas-CCP*** tkun tista' tiżgura li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għas-servizzi kollha li toffri.	(19) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u konverġenti fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni kollha, is-CCPs awtorizzati jew il-persuni ġuridiċi li jixtiequ jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar fi strumenti finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u attivitajiet oħrajn b'rabta ma' strumenti mhux finanzjarji. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplika għas-CCPs bħala entitajiet, u mhux għal servizzi speċifiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament. Meta CCP tapprova strumenti mhux finanzjarji, minbarra l-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li ***l-ESMA*** tkun tista' tiżgura li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għas-servizzi kollha li toffri.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-CCPs tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi sabiex jespandu l-offerta tal-prodotti tagħhom u jesperjenzaw diffikultajiet sabiex ipoġġu prodotti ġodda fis-suq. Dawk l-isfidi u d-diffikultajiet jistgħu jiġu spjegati minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jagħmlu xi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal wisq, kumplessi u inċerti fl-eżitu tagħhom.	(20) Is-CCPs tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi sabiex jespandu l-offerta tal-prodotti tagħhom u jesperjenzaw diffikultajiet sabiex ipoġġu prodotti ġodda fis-suq. Dawk l-isfidi u d-diffikultajiet jistgħu jiġu spjegati minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jagħmlu xi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal wisq, kumplessi u inċerti fl-eżitu tagħhom.

Għalhekk, jenħtieġ li l-proċess tal-awtorizzazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni jew tal-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħhom jiġi ssimplifikat, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-ESMA u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-ewwel, sabiex jiġi evitat dewmien sinifikanti, u potenzjalment indefinit, meta ***l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-kompletezza*** ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jenħtieġ li ***l-awtorità kompetenti*** tirrikonoxxi malajr li tkun irċeviet dik l-applikazzjoni u tivverifika malajr jekk is-CCP tkunx ipprovdiet id-dokumenti meħtieġa għall-valutazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li s-CCPs tal-Unjoni jissottomettu d-dokumenti kollha meħtieġa mal-applikazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw liema dokumenti jenħtieġ li jiġu pprovduti, x'informazzjoni jenħtieġ li jkun fihom dawk id-dokumenti u f'liema format jenħtieġ li jiġu sottomessi. It-tieni, sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effiċjenti u konkorrenti tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li s-CCPs ikunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti kollha permezz ta' bażi tad-data ċentrali fejn jenħtieġ li jiġu kondiviżi b'mod istantanju mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-ESMA u mal-kulleġġ. It-tielet, l-awtorità kompetenti ta' CCP, l-ESMA u l-kulleġġ jenħtieġ li matul il-perjodu ta' valutazzjoni jinvolvu lis-CCP u jistaqsuha kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollhom sabiex jiżguraw proċess rapidu, flessibbli u kooperattiv għal rieżami komprensiv. Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-dewmien bla bżonn, jenħtieġ li l-mistoqsijiet kollha u l-kjarifiki sussegwenti jiġu kondiviżi wkoll simultanjament bejn l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-ESMA u l-kulleġġ.

Għalhekk, jenħtieġ li l-proċess tal-awtorizzazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni jew tal-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħhom jiġi ssimplifikat, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-ESMA u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-ewwel, sabiex jiġi evitat dewmien sinifikanti, u potenzjalment indefinit, meta ***l-ESMA tivvaluta l-kompletezza*** ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jenħtieġ li ***l-ESMA*** tirrikonoxxi malajr li tkun irċeviet dik l-applikazzjoni u tivverifika malajr jekk is-CCP tkunx ipprovdiet id-dokumenti meħtieġa għall-valutazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li s-CCPs tal-Unjoni jissottomettu d-dokumenti kollha meħtieġa mal-applikazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw liema dokumenti jenħtieġ li jiġu pprovduti, x'informazzjoni jenħtieġ li jkun fihom dawk id-dokumenti u f'liema format jenħtieġ li jiġu sottomessi. It-tieni, sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effiċjenti u konkorrenti tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li s-CCPs ikunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti kollha permezz ta' bażi tad-data ċentrali fejn jenħtieġ li jiġu kondiviżi b'mod istantanju mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-ESMA u mal-kulleġġ. It-tielet, l-awtorità kompetenti ta' CCP, l-ESMA u l-kulleġġ jenħtieġ li matul il-perjodu ta' valutazzjoni jinvolvu lis-CCP u jistaqsuha kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollhom sabiex jiżguraw proċess rapidu, flessibbli u kooperattiv għal rieżami komprensiv. Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-dewmien bla bżonn, jenħtieġ li l-mistoqsijiet kollha u l-kjarifiki sussegwenti jiġu kondiviżi wkoll simultanjament bejn l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-ESMA u l-kulleġġ.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Bħalissa hemm inċertezza dwar meta servizz jew attività addizzjonali jkunu koperti minn awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP. Huwa meħtieġ li tiġi indirizzata dik l-inċertezza u li tiġi żgurata l-proporzjonalità meta s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji għas-CCP. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li l-applikazzjonijiet f'dawk il-każijiet ma jenħtieġx li jgħaddu mill-proċedura ta' valutazzjoni sħiħa. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi speċifikat liema servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali ma humiex materjali, u b'hekk ma jżidux ir-riskji għal CCP tal-Unjoni, u jenħtieġ li jiġu approvati permezz ta' proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni ***mill-awtorità kompetenti ta' dik is-CCP***. Jenħtieġ li dik il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tiġi applikata meta s-CCP ikollha l-ħsieb li tikklerja ***strument finanzjarju wieħed jew aktar li jappartjenu għall-istess klassijiet ta' strumenti finanzjarji li għalihom tkun ġiet awtorizzata li tikklerja, sakemm tali strumenti finanzjarji jiġu nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li għalih is-CCP diġà tipprovdi servizzi tal-ikklerjar jew twettaq attivitajiet u s-servizz jew l-attività tal-ikklerjar addizzjonali proposti ma jinvolvux pagament f'munita ġdida. Jenħtieġ li dik il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tiġi applikata wkoll meta s-CCP iżżid*** munita ġdida tal-Unjoni fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP***, jew meta s-CCP iżżid terminu addizzjonali wieħed jew aktar ma' klassi ta' strumenti finanzjarji*** diġà ***koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP, diment li l-medda tal-maturità ma tiġix estiża b'mod sinifikanti***. Barra minn hekk, jenħtieġ li CCP tkun tista' wkoll titlob lill-	(21) Bħalissa hemm inċertezza dwar meta servizz jew attività addizzjonali jkunu koperti minn awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP. Huwa meħtieġ li tiġi indirizzata dik l-inċertezza u li tiġi żgurata l-proporzjonalità meta s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji għas-CCP. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li l-applikazzjonijiet f'dawk il-każijiet ma jenħtieġx li jgħaddu mill-proċedura ta' valutazzjoni sħiħa. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi speċifikat liema servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali ma humiex materjali, u b'hekk ma jżidux ir-riskji għal CCP tal-Unjoni, u jenħtieġ li jiġu approvati permezz ta' proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni ***mill-ESMA***. Jenħtieġ li dik il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tiġi applikata meta s-CCP ikollha l-ħsieb li tikklerja munita ġdida tal-Unjoni fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP ***li għalihom*** is-CCP ***ma jkollhiex stabbilita l-faċilità ta' pagament rilevanti, ikollha l-ħsieb li toffri mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvi l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, depożitorju ċentrali tat-titoli (CSD) jew sistema ta' ħlas jew ikollha l-ħsieb li toffri kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod jew flimkien ma' kuntratti*** diġà ***kklerjati mis-CCP***. Barra minn hekk, jenħtieġ li CCP tkun tista' wkoll titlob lill-awtorità kompetenti tagħha tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni meta dik is-CCP tqis li s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji tagħha, b'mod partikolari meta s-servizz jew l-attività tal-ikklerjar il-ġodda jkunu simili għas-servizzi li s-CCP tkun diġà awtorizzata

awtorità kompetenti tagħha tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni meta dik is-CCP tqis li s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji tagħha, b'mod partikolari meta s-servizz jew l-attività tal-ikklerjar il-ġodda jkunu simili għas-servizzi li s-CCP tkun diġà awtorizzata tipprovdi. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jenħtieġ li ma tkunx tirrikjedi opinjoni separata mill-ESMA u mill-kulleġġ, billi tali rekwiżit ikun sproporzjonat. ***Minflok,*** jenħtieġ li ***l-ESMA u l-kulleġġ ikunu jistgħu jipprovdu kontribut lill-awtorità*** kompetenti ***tas-CCP permezz tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik is-CCP***.

tipprovdi. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jenħtieġ li ma tkunx tirrikjedi opinjoni separata mill-ESMA u mill-kulleġġ, billi tali rekwiżit ikun sproporzjonat. ***Hemm ukoll għadd ta' bidliet li CCP tadotta fuq bażi regolari ("żamma tal-istatus quo") u li jistgħu ma jikkwalifikawx bħala materjali jew mhux materjali. Għal dawk il-bidliet, jidher raġonevoli li s-CCPs*** jenħtieġ li ***ma jkunux soġġetti għall-proċeduri biex jestendu l-awtorizzazzjonijiet, iżda minflok jenħtieġ li jiġu vverifikati biss matul ir-rieżami annwali. Din il-miżura jenħtieġ li ttaffi b'mod sinifikanti l-piż fuq l-awtoritajiet*** kompetenti***, u tnaqqas bil-kbir il-kapaċità tas-CCPs li jimplimentaw bidliet li mhux se jimmodifikaw il-profil tar-riskju ġenerali tagħhom***. ***Madankollu, jenħtieġ li l-ESMA tirrieżamina b'mod regolari kif il-bidliet fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u valutazzjoni jiġu implimentati fil-prattika, biex tiżgura li ma jżidux ir-riskju ta' stabbiltà finanzjarja għall-Unjoni.***

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex titrawwem superviżjoni kooperattiva tas-CCPs fuq bażi kontinwa, jenħtieġ li l-kulleġġ joħroġ opinjoni meta ***awtorità kompetenti*** tikkunsidra li tirtira awtorizzazzjoni ta' CCP u meta awtorità kompetenti twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni annwali ta' dik is-CCP.	(22) Sabiex titrawwem superviżjoni kooperattiva tas-CCPs fuq bażi kontinwa, jenħtieġ li l-kulleġġ joħroġ opinjoni meta ***l-ESMA*** tikkunsidra li tirtira awtorizzazzjoni ta' CCP u meta awtorità kompetenti twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni annwali ta' dik is-CCP.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) ***Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv sabiex tiżgura li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom*** fl-Unjoni ***kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, minbarra l-kompetenzi superviżorji attwalment stipulati fir-Regolament (UE)*** Nru 648/2012***, toħroġ ukoll opinjoni lill-awtorità kompetenti tas-CCP dwar ir-rieżami u l-evalwazzjoni annwali tas-CCP, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u r-rekwiżiti tal-marġni. Meta toħroġ opinjoni, jenħtieġ li l-ESMA tivvaluta l-konformità ta' CCP mar-rekwiżiti applikabbli, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq ir-riskji transfruntiera identifikati jew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Huwa wkoll meħtieġ li tissaħħaħ aktar il-konverġenza superviżorja u li jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha jkunu informati dwar il-valutazzjoni tal-ESMA u tal-kulleġġ tal-attivitajiet ta' CCP***. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA ***tiddivulga, filwaqt li tqis il-ħtieġa li tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali, il-fatt li awtorità kompetenti ma tikkonformax jew ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma mal-opinjoni tagħha jew mal-opinjoni*** tal-kulleġġ ***u ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha***. ***Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' tiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ, li tippubblika r-raġunijiet ipprovduti mill-awtorità*** kompetenti ***għan-nuqqas ta' konformità mal-opinjoni tal-ESMA jew mal-opinjoni tal-kulleġġ jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha***.	(24) ***Ix-xenarju tal-ikklerjar*** fl-Unjoni ***ilu mill-2019 iġarrab bidliet kbar, meta ġew adottati r-regolamenti emendatorji għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u r-Regolament (UE)*** Nru 648/2012***, u jidher li huwa meħtieġ approċċ aktar koordinat u integrat għas-superviżjoni tas-CCPs tal-UE, speċjalment peress li attività aktar sistemika hija mistennija li xxaqleb lejn*** l-Unjoni ***minħabba r-rekwiżit li jinżammu kontijiet attivi fis-CCPs tal-UE għal servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali***. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA ***tkun is-superviżur dirett tas-CCPs tal-UE, u hija meħtieġa kooperazzjoni u integrazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha biex jiġi żgurat li r-riskji kkonċentrati fis-CCPs tal-UE jiġu mmonitorjati u ġestiti b'mod adegwat, sabiex jiġu mminimizzati r-riskji sistemiċi u l-effetti kollaterali fost l-Istati Membri. L-għoti tas-setgħa lill-ESMA bi rwol superviżorju dirett fil-konfront tas-CCPs tal-UE jirrikjedi l-adattament tal-qafas superviżorju eżistenti skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, li jipprovdi lill-ESMA b'setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq is-CCPs tal-UE, iżda wkoll billi jiġi ċċarat kif dawn is-setgħat il-ġodda jinteraġixxu mar-rwol superviżorju tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fl-ambitu ta' approċċ ġdid u aktar integrat, jenħtieġ li l-ESMA tabbozza u tadotta d-deċiżjonijiet superviżorji rilevanti, wara li tqis l-opinjoni*** tal-kulleġġ***. L-awtorità*** kompetenti ***tas-CCP tista' tintalab mill-ESMA biex tassisti fl-abbozzar tad-deċiżjonijiet, fil-verifika tal-attivitajiet tas-CCP, u fil-valutazzjonijiet ta' kuljum***. ***L-ESMA jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtoritajiet kompetenti. L-ESMA***

jenħtieġ li tkun inkarigata mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji konġunti, inkluż fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post tas-CCPs tal-UE. Il-bidla fl-approċċ jenħtieġ li tkopri wkoll ir-rieżamijiet annwali.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jeħtieġ li jiġi żgurat li s-CCP tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq bażi kontinwa, inkluż wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni li tapprova l-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali, jew wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-validazzjoni ta' bidla fil-mudell, f'liema każijiet l-ESMA u l-kulleġġ ma joħorġux opinjoni separata. Għalhekk, jenħtieġ li r-rieżami mwettaq ***mill-awtorità kompetenti tas-CCP*** mill-anqas fuq bażi annwali jikkunsidra b'mod partikolari tali servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar ġodda u kwalunkwe bidla fil-mudell. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja u li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li r-rapport ***tal-awtorità kompetenti*** jkun soġġett għal opinjoni ***mill-ESMA u*** mill-kulleġġ u jenħtieġ li jiġi sottomess kull sena.	(25) Jeħtieġ li jiġi żgurat li s-CCP tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq bażi kontinwa, inkluż wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni li tapprova l-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali, jew wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-validazzjoni ta' bidla fil-mudell, f'liema każijiet l-ESMA u l-kulleġġ ma joħorġux opinjoni separata. Għalhekk, jenħtieġ li r-rieżami mwettaq ***mill-ESMA*** mill-anqas fuq bażi annwali jikkunsidra b'mod partikolari tali servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar ġodda u kwalunkwe bidla fil-mudell. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja u li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li r-rapport ***tal-ESMA*** jkun soġġett għal opinjoni mill-kulleġġ u jenħtieġ li jiġi sottomess kull sena.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-mezzi sabiex tidentifika r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, b'kooperazzjoni mal-EBA, mal-EIOPA u mal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lilha f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[36], tidentifika l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn CCPs u persuni ġuridiċi differenti, inklużi membri tal-ikklerjar, klijenti u klijenti indiretti kondiviżi, forniturі ta' servizzi materjali kondiviżi, forniturі ta' likwidità materjali kondiviżi, arranġamenti ta' kollateral inkroċjat, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u netting bejn is-CCPs, ftehimiet ta' kontrogaranzija u trasferimenti tar-riskji u arranġamenti ta' negozjar back-to-back.	(26) Jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-mezzi sabiex tidentifika r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA, b'kooperazzjoni ***mal-BERS,*** mal-EBA, mal-EIOPA u mal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lilha f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[36], tidentifika l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn CCPs u persuni ġuridiċi differenti, inklużi***, sa fejn ikun possibbli,*** membri tal-ikklerjar, klijenti u klijenti indiretti kondiviżi, forniturі ta' servizzi materjali kondiviżi, forniturі ta' likwidità materjali kondiviżi, arranġamenti ta' kollateral inkroċjat, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u netting bejn is-CCPs, ftehimiet ta' kontrogaranzija u trasferimenti tar-riskji u arranġamenti ta' negozjar back-to-back.
[36] […]	[36] […]

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-BERS huwa responsabbli għal kwistjonijiet makroprudenzjali, l-ESMA għandha tfittex il-parir tal-BERS meta tivvaluta r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE. Barra minn hekk, iż-żieda ta' "sa fejn ikun possibbli" għandha tirrifletti l-fatt li ma hemm l-ebda rabta kuntrattwali diretta bejn is-CCPs u l-klijenti indiretti.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati skambju fil-pront tal-informazzjoni, kondiviżjoni tal-għarfien u kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet involuti fis-superviżjoni tas-CCPs awtorizzati u, b'mod partikolari, meta tkun meħtieġa deċiżjoni rapida ***mill-awtorità kompetenti ta' CCP***. Għalhekk, huwa xieraq li ***jitwaqqaf tim superviżorju konġunt*** għal kull CCP tal-Unjoni sabiex jassisti lil dawk l-awtoritajiet superviżorji, inkluż billi jipprovdi kontribut ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP*** fil-kuntest tal-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP, jassisti fl-istabbiliment tal-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni ta' CCP, u jipparteċipa fi spezzjonijiet fuq il-post. ***Meta jitqies li l-awtorità kompetenti ta' CCP fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għad-deċiżjonijiet superviżorji finali, jenħtieġ li t-timijiet superviżorji konġunti jaħdmu taħt l-awspiċji tal-awtorità kompetenti tas-CCP li għaliha huwa stabbilit it-tim u jenħtieġ li jkunu magħmula minn membri tal-persunal mill-awtorità kompetenti tas-CCP, l-ESMA u ċerti membri tal-kulleġġ. Jenħtieġ ukoll li membri oħrajn tal-kulleġġ ikunu jistgħu jitolbu li jipparteċipaw billi jiġġustifikaw it-talba abbażi tal-valutazzjoni tagħhom tal-impatt li d-diffikultà finanzjarja tas-CCP jista' jkollha fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru rispettiv tagħhom.***	(28) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati skambju fil-pront tal-informazzjoni, kondiviżjoni tal-għarfien u kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet involuti fis-superviżjoni tas-CCPs awtorizzati ***u fil-monitoraġġ tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni*** u, b'mod partikolari, meta tkun meħtieġa deċiżjoni rapida ***mill-ESMA***. Għalhekk, huwa xieraq li ***jinħoloq qafas għall-attivitajiet superviżorji konġunti*** għal kull CCP tal-Unjoni sabiex jassisti lil dawk l-awtoritajiet superviżorji, inkluż billi jipprovdi kontribut ***lill-ESMA*** fil-kuntest tal-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP, jassisti fl-istabbiliment tal-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni ta' CCP, u jipparteċipa fi spezzjonijiet fuq il-post.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) It-taqlib fis-suq tal-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-Covid-19 u l-prezzijiet għoljin tal-2022 fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa wara l-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna wrew li, filwaqt li huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw meta jitfaċċaw avvenimenti b'impatti transfruntiera, l-ESMA għad ma għandhiex l-għodod meħtieġa sabiex tiżgura tali koordinazzjoni u approċċ konverġenti fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' ssejjaħ laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP, fuq inizjattiva tagħha stess jew inkella fuq talba, potenzjalment b'kompożizzjoni mkabbra, sabiex tikkoordina b'mod effettiv ir-rispons tal-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' wkoll titlob, b'talba sempliċi, informazzjoni mill-parteċipanti fis-suq li tkun meħtieġa għall-ESMA sabiex twettaq il-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha f'dawk is-sitwazzjonijiet u sabiex tkun tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti.	(31) It-taqlib fis-suq tal-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-Covid-19 u l-prezzijiet għoljin tal-2022 fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa wara l-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna wrew li, filwaqt li huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw meta jitfaċċaw avvenimenti b'impatti transfruntiera, l-ESMA għad ma għandhiex l-għodod meħtieġa sabiex tiżgura tali koordinazzjoni u approċċ konverġenti fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' ssejjaħ laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP, fuq inizjattiva tagħha stess jew inkella fuq talba, potenzjalment b'kompożizzjoni mkabbra, sabiex tikkoordina b'mod effettiv ir-rispons tal-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' wkoll titlob, b'talba sempliċi, informazzjoni mill-parteċipanti fis-suq li tkun meħtieġa għall-ESMA sabiex twettaq il-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha f'dawk is-sitwazzjonijiet u sabiex tkun tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti. ***Fl-aħħar nett, minħabba li l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għas-sistema bankarja jew għad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-banek ċentrali ta' ħruġ rilevanti dejjem jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP b'reazzjoni għal tali emerġenzi.***

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li s-CCPs u l-kmamar tal-ikklerjar ma jitħallewx ikunu membri tal-ikklerjar ta' CCPs oħrajn, kif ukoll is-CCPs ma jkunux jistgħu jaċċettaw li jkollhom CCPs oħrajn bħala membri tal-ikklerjar jew membri tal-ikklerjar indiretti.	(38) Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li s-CCPs u l-kmamar tal-ikklerjar ma jitħallewx ikunu membri tal-ikklerjar ta' CCPs oħrajn, kif ukoll is-CCPs ma jkunux jistgħu jaċċettaw li jkollhom CCPs oħrajn bħala membri tal-ikklerjar jew membri tal-ikklerjar indiretti. ***Jenħtieġ li din l-esklużjoni ma taffettwax l-arranġamenti ta' interoperabbiltà, jew arranġamenti oħra bħal marġinazzjoni inkroċjata u sħubijiet sponsorjati jew aċċess sponsorjat, bejn is-CCPs.***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti u l-klijenti indiretti jkollhom viżibbiltà u prevedibbiltà aħjar tal-appelli għall-marġni, u b'hekk jiżviluppaw aktar l-istrateġiji ta' ġestjoni tal-likwidità tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi ta' kklerjar jiżguraw trasparenza għall-klijenti tagħhom. Minħabba r-relazzjoni aktar mill-qrib tagħhom mas-CCPs u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-ikklerjar ċentrali u l-ġestjoni tal-likwidità, il-membri tal-ikklerjar huma fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkomunikaw b'mod ċar u trasparenti lill-klijenti kif jaħdmu l-mudelli tas-CCP, inkluż f'avvenimenti ta' stress, u l-	(40) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti u l-klijenti indiretti jkollhom viżibbiltà u prevedibbiltà aħjar tal-appelli għall-marġni, u b'hekk jiżviluppaw aktar l-istrateġiji ta' ġestjoni tal-likwidità tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi ta' kklerjar jiżguraw trasparenza għall-klijenti tagħhom. Minħabba r-relazzjoni aktar mill-qrib tagħhom mas-CCPs u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-ikklerjar ċentrali u l-ġestjoni tal-likwidità, il-membri tal-ikklerjar huma fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkomunikaw b'mod ċar u trasparenti lill-klijenti kif jaħdmu l-mudelli tas-CCP, inkluż f'avvenimenti ta' stress, u l-

implikazzjonijiet li tali avvenimenti jista' jkollhom fuq il-marġnijiet li l-klijenti jintalbu jpoġġu, inkluż kwalunkwe marġni addizzjonali li l-membri tal-ikklerjar infushom jistgħu jitolbu. Fehim aħjar tal-mudelli tal-marġni tas-CCP jista' jtejjeb il-kapaċità tal-klijenti li jbassru b'mod raġonevoli l-appelli għall-marġni u jħejju ruħhom għat-talbiet għal kollateral, b'mod partikolari f'avvenimenti ta' stress.	implikazzjonijiet li tali avvenimenti jista' jkollhom fuq il-marġnijiet li l-klijenti jintalbu jpoġġu, inkluż kwalunkwe marġni addizzjonali li l-membri tal-ikklerjar infushom jistgħu jitolbu. Fehim aħjar tal-mudelli tal-marġni tas-CCP jista' jtejjeb il-kapaċità tal-klijenti li jbassru b'mod raġonevoli l-appelli għall-marġni u jħejju ruħhom għat-talbiet għal kollateral, b'mod partikolari f'avvenimenti ta' stress. ***Sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jipprovdu b'mod effettiv il-livelli meħtieġa ta' trasparenza dwar is-sejħiet għall-marġni u l-mudelli tal-marġni tas-CCP lill-klijenti tagħhom, is-CCPs jenħtieġ li jipprovduhom ukoll kwalunkwe informazzjoni li jkunu jirrikjedu. L-ESMA, f'konsultazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, jenħtieġ li tispeċifika aħjar l-ambitu u l-format tal-iskambju ta' informazzjoni bejn is-CCPs u l-membri tal-ikklerjar u bejn il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom.***
	Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***fl-Artikolu 4(1), jiżdied is-subparagrafu li*** ġej:	(2) ***l-Artikolu 4 huwa emendat kif*** ġej:
	Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b (ġdid)

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	2a. Mingħajr preġudizzju għat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11, il-kuntratti tad-derivattivi OTC li jiġu ffurmati u stabbiliti minn, u li jkunu parti u r-riżultat ta' tranżazzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar (PTTR) kif imsemmi fl-Artikolu 4aa, ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar meta dan ikun il-ftehim tal-partijiet għat-tranżazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Premessa 9a.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***fl-Artikolu 4a(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li*** ġej:	(3) ***l-Artikolu 4a huwa emendat kif*** ġej:

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4a – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Kull 12-il xahar, kontroparti finanzjarja li tieħu pożizzjonijiet f'kuntratti ta' derivattivi OTC tista' tikkalkula ***l-pożizzjoni aggregata medja*** tagħha fi tmiem ix-xahar għat-12-il xahar preċedenti skont il-paragrafu 3.	"1. Kull 12-il xahar, kontroparti finanzjarja li tieħu pożizzjonijiet f'kuntratti ta' derivattivi OTC tista' tikkalkula ***l-pożizzjonijiet aggregati medji*** tagħha fi tmiem ix-xahar ***f'kuntratti mhux ikklerjati*** għat-12-il xahar preċedenti skont il-paragrafu 3.
Meta kontroparti finanzjarja ma tikkalkulax il-pożizzjonijiet tagħha, jew fejn ir-riżultat ***ta' dak il-kalkolu*** jaqbeż kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-ikklerjar speċifikati skont ***il-punt (b) tal-Artikolu 10(4)***, il-kontroparti finanzjarja għandha:	Meta kontroparti finanzjarja ma tikkalkulax il-pożizzjonijiet tagħha, jew fejn ir-riżultat ***tal-kalkolu tal-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar f'kuntratti mhux ikklerjati għat-12-il xahar preċedenti*** jaqbeż kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-ikklerjar speċifikati skont ***l-Artikolu 10(4)(b)***, ***jew meta r-riżultat tal-kalkolu tal-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar f'kuntratti OTC għat-12-il xahar preċedenti jaqbeż il-limitu tal-attività speċifikat f'konformità mal-Artikolu 10(4)(b)***, il-kontroparti finanzjarja għandha:
(a) tinnotifika minnufih ***lill-AETS*** u lill-awtorità kompetenti rilevanti tagħha***, u, fejn rilevanti, tindika l-perijodu użat għall-kalkolu***;	(a) tinnotifika minnufih ***lill-ESMA*** u l-awtorità kompetenti rilevanti tagħha;
(b) tistabbilixxi arranġamenti ta' kklerjar fi żmien erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu; u	(b) tistabbilixxi arranġamenti ta' kklerjar fi żmien erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu; u
(c) issir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 għal kuntratti tad-derivattivi OTC kollha li jappartjenu għall-kwalunkwe klassi ta' derivattivi ta' OTC li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar konkluż jew innovat aktar minn erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.	(c) issir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 għal kuntratti tad-derivattivi OTC kollha li jappartjenu għall-kwalunkwe klassi ta' derivattivi ta' OTC li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar konkluż jew innovat aktar minn erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

L-indirizzar ta' xi kwistjonijiet tekniċi fir-rigward tal-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-limiti. L-emendi għandhom l-għan li jiżguraw li l-obbligu tal-ikklerjar iżomm kopertura prudenti skont il-metodoloġija l-ġdida ta' kalkolu.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet ***imsemmija*** fil-paragrafu 1, il-kontroparti finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25, konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja.***"**;	"Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet ***aggregati medji fi tmiem ix-xahar f'kuntratti mhux ikklerjati msemmija*** fil-paragrafu 1, il-kontroparti finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25, konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda bidla sostantiva - allinjament mal-lingwaġġ użat fl-EMIR.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 4aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	Artikolu 4aa
	Eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar għal servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar
	1. Tranżazzjoni tal-PTTR għandha tiġi eżentata biss mill-obbligu tal-ikklerjar skont l-Artikolu 4 meta l-fornitur tas-servizz tal-PTRR u kull parteċipant għat-tranżazzjoni tal-PTRR jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.
	2. Eżerċizzju tal-PTRR għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) jitwettaq minn fornitur ta' servizzi tal-PTRR indipendenti mill-parteċipanti fis-suq;
	(b) ikun eżerċizzju newtrali għar-riskju tas-suq li ma jikkontribwixxix għall-formazzjoni tal-prezzijiet u jista' jieħu l-forma ta' kompressjoni, riekwilibriju jew ottimizzazzjoni;
	(c) jiġi eżegwit fuq bażi bilaterali jew multilaterali u jkun fih portafolli kklerjati u mhux ikklerjati;
	(d) inaqqas jew jimmitiga r-riskji jew l-iskoperturi f'kull wieħed mill-portafolli sottomessi taħtu;
	(e) fejn xieraq, jinkludi l-possibbiltà li tiġi konkluża tranżazzjoni ta' tpaċija li tiffaċċja CCP:

(f) meta jkun jinkludi portafoll ikklerjat, jikklerja kwalunkwe tranżazzjoni ta' PTRR li tnaqqas ir-riskju jew l-iskopertura f'tali portafoll;

(g) jew jiġi aċċettat jew miċħud fl-intier tiegħu, bir-riżultat li l-parteċipanti fl-eżerċizzju tal-PTRR ma jkunux jistgħu jagħżlu liema tranżazzjonijiet għandhom jiġu eżegwiti fl-ambitu ta' dak l-eżerċizzju.

3. Fornitur ta' servizzi tal-PTRR għandu jipprovdi servizzi tal-PTRR skont regoli miftiehma minn qabel, billi juża metodi u algoritmi f'ċikli skedati minn qabel, u b'mod raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorju. Huma biss l-entitajiet li inizjalment jissottomettu portafoll għall-eżerċizzju ta' PTRR li għandhom jitħallew jipparteċipaw f'dak l-eżerċizzju u, wara li jissottomettu l-portafoll għall-eżerċizzju ta' PTRR, l-entitajiet ma għandu jkollhom l-ebda influwenza fuq ir-riżultat tal-eżerċizzju.

Sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' tranżazzjonijiet f'portafolli, il-fornitur tas-servizzi tal-PTRR għandu jwettaq kompressjoni tal-portafoll wara kull eżerċizzju tal-PTRR li jirriżulta f'għadd materjali ta' tranżazzjonijiet ġodda.

Il-fornitur ta' servizzi tal-PTTR għandu jżomm rekords tat-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont eżerċizzju tal-PTRR, inkluża informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet konklużi fl-eżerċizzju, dwar tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju jew bħala tranżazzjonijiet emendati jew bħala tranżazzjonijiet ġodda, dwar il-bidla ġenerali fir-riskju tal-portafolli differenti inklużi fl-eżerċizzju, u dwar jekk ġietx konkluża kwalunkwe tranżazzjoni ma' CCP.

Il-fornitur ta' servizzi tal-PTTR għandu jimmonitorja t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-PTRR sabiex jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, li l-eżerċizzju tal-PTRR ma jirriżulta fl-ebda użu ħażin jew ċirkomvenzjoni

intenzjonata tal-obbligu tal-ikklerjar.

4. Qabel ma l-entitajiet jibdew jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' PTRR u jagħmlu użu mill-eżenzjoni tal-ikklerjar għal tranżazzjoni ta' PTRR, huma għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom b'dan u jipprovdulhom spjegazzjoni bil-miktub dwar kif jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

5. L-użu ta' eżerċizzju tal-PTRR u l-użu tal-eżenzjoni tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet tal-PTRR rilevanti għandhom jitqiesu vvalidati sakemm l-awtorità kompetenti notifikata ma tinformax lill-entità li hija ma tivvalidax l-użu tal-eżenzjoni, fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tan-notifika. Meta entità ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tista' tirtira l-validazzjoni tagħha għall-eżenzjoni għal tranżazzjonijiet ġodda ta' PTRR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar kwalunkwe entità li tkun ġiet ivvalidata mill-awtorità biex tipparteċipa f'eżerċizzji ta' PTRR.

Fornitur ta' servizzi ta' PTRR li joffri servizzi skont dan l-Artikolu għandu jiġi awtorizzat f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE. L-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat lill-fornitur ta' servizz tal-PTTR għandha tinnotifika lill-ESMA dwar l-awtorizzazzjoni.

6. L-ESMA għandha, fuq bażi annwali tikkonferma li fornitur ta' servizzi ta' PTRR irreġistrat jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, u għandha żżomm lista ta' fornituri ta' servizzi ta' PTRR. Il-lista għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u tiġi aġġornata b'mod regolari.

7. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet għall-użu tal-eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar skont dan l-Artikolu, inkluż

aspetti bħal:

(a) in-newtralità tas-suq fl-eżerċizzju tal-PTRR,

(b) ir-rekwiżiti għall-ġestjoni tal-eżerċizzju tal-PTRR;

(c) ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' dħul fi tranżazzjonijiet ta' tpaċija ma' CCP;

(d) il-mod li bih l-applikazzjonijiet għal eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar għandhom jiġu mmonitorjati.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Premessa 9a.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kontropartijiet finanzjarji jew il-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikoli 4a u 10 u li jikklerjaw kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom	1. Il-kontropartijiet finanzjarji jew il-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikoli 4a u 10 u li jikklerjaw kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom

jikklerjaw mill-anqas ***proporzjon*** ta' tali kuntratti f'kontijiet f'kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14.	jikklerjaw mill-anqas ***proporzjonijiet*** ta' tali kuntratti f'kontijiet ***attivi*** f'kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14. ***L-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibqa' sakemm il-kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2 ikunu qed jiġu kklerjati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li jista' jkun hemm proporzjonijiet differenti għal klassijiet differenti ta' derivattivi u li r-rekwiżit japplika matul id-durata tal-kuntratt.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kont f'CCP awtorizzat skont l-Artikolu 14 għandu jitqies attiv meta jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) jissodisfa r-rekwiżiti tal-marġni inizjali u tal-marġni ta' kuljum kontra pożizzjonijiet eżistenti;
	(b) pożizzjonijiet ġodda jiddaħħlu fuq bażi regolari fuq l-istess kont.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex tal-anqas ikun hemm attività regolari (li għandha tiġi ddefinita) ta' negozjar u ta' kklerjar fil-kont sabiex dan jitqies attiv matul l-approċċ kwalitattiv. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika kemm ta' spiss pożizzjonijiet ġodda għandhom jiddaħħlu fl-istess kont sabiex dak il-kont jitqies bħala "attiv" għall-finijiet tal-paragrafu 1a.
	L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].
	Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha tingħata s-setgħa li tispeċifika kemm ta' spiss il-kontropartijiet differenti għandhom jinnegozjaw sabiex dak il-kont jitqies bħala attiv. Se tkun meħtieġa flessibbiltà, minħabba li hemm kontropartijiet li jikklerjaw tranżazzjonijiet ġodda diversi drabi kuljum, u oħrajn li jikklerjaw biss darba fil-ġimgħa jew inqas. L-ESMA tista' tikkunsidra wkoll jekk jistax japplika limitu minimu (jiġifieri kontropartijiet li jikklerjaw anqas minn darba fix-xahar ma jistgħux ikunu soġġetti għar-rekwiżit).

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal kuntratti tad-derivattivi konklużi fi jew wara... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li r-rekwiżit tal-kont attiv japplika biss għal tranżazzjonijiet ġodda.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Il-kontropartijiet finanzjarji jew il-kontropartijiet mhux finanzjarji li jappartjenu għall-istess grupp għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, jekk kwalunkwe entità fil-grupp tikklerja kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li r-rekwiżit ikopri l-grupp kollu.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-kategoriji*** ta' kuntratti ta' derivati ***soġġetti għall-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin***:	2. ***L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:***
(a) derivattivi tar-rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka;	***(a) derivattivi tar-rati tal-imgħax OTC denominati f'euro u fi zloty Pollakka;***
(b) ***Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu (CDS)*** denominati f'euro;	***(b) derivattivi tar-rati tal-imgħax ta' terminu qasir (STIR) denominati f'euro;***
c) ***Derivati tar-Rati tal-Imgħax ta' Terminu Qasir (STIR) denominati f'euro.***	***(c) kategoriji oħra*** ta' kuntratti ta' derivati ***li jappartjenu għal servizzi tal-ikklerjar identifikati mill-ESMA bħala ta' importanza sistemika sostanzjali f'konformità mal-Artikolu 25(2c).***
	Meta l-ESMA twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, u tikkonkludi li ċerti servizzi jew attivitajiet ipprovduti mis-CCPs tal-Grad 2 li ġew identifikati qabel mill-ESMA bħala li huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha ma għadhomx ta' importanza sistemika sostanzjali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat sabiex temenda l-paragrafu 2 kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 82.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex jitqiesu l-iżviluppi tas-suq billi jitneħħew il-kuntratti tas-CDS mil-lista ta' kategoriji ta' derivattivi soġġetti għar-rekwiżit ta' kont attiv u tiżdied il-flessibbiltà permezz ta' kontroreferenzi għal valutazzjonijiet futuri mwettqa mill-ESMA skont l-Artikolu 25(2c). Barra minn hekk, proposta biex jiġi introdott rekwiżit li tiġi rieżaminata b'mod regolari l-valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c).

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tikkalkula l-attivitajiet tagħha fil-kategoriji ta' kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu ***1*** fil-kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14.	3. Kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu,*** għandha tikkalkula l-attivitajiet tagħha fil-kategoriji ta' kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu ***2*** fil-kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14 ***u, separatament, fis-CCPs rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-obbligi stabbiliti f'dawk il-paragrafi***. ***Il-kontroparti finanzjarja jew il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tinkludi f'dak il-kalkolu l-kuntratti tad-derivattivi kollha msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu konklużi minn dik il-kontroparti jew minn entitajiet oħra fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposal to include TC-CCPs in the denominator in view of calculating the proportion of clearing activity at EU CCPs out of total clearing activity, as per paragraph 5. The calculations should be carried out at group level, including EU subsidiaries, to calculate their level of activity to ensure compliance with the 'proportion of activity'. In addition, the reporting should encompass, separately, information on transactions cleared at authorised CCPs and at recognised third-country CCPs. Such enlarged reporting will allow competent authorities to capture cases of non-compliance with the active account requirement.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali jew tal-kontropartijiet ċentrali li hija tuża l-eżitu tal-kalkolu msemmi*** fil-paragrafu 2 ***fuq bażi annwali, filwaqt li tikkonferma l-konformità tagħhom mal-obbligu stabbilit f'dak il-paragrafu. L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha tibgħat ***minnufih*** dik l-informazzjoni ***lill-AETS u*** lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.	4. ***L-ESMA għandha tikkalkula u timmonitorja l-livell ta' attività fil-kuntratti tad-derivattivi msemmija*** fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu, u*** għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minflok ma toħloq linja ta' rapportar oħra, proposta biex l-ESMA tikkalkula l-livell ta' attività fil-livell tal-entità u b'mod aggregat abbażi tar-rapportar diġà miġbur skont l-EMIR u l-Artikolu 9 rieżaminat propost, li issa jinkludi r-rapportar ta' data minn sussidjarji tal-UE (ara hawn taħt). Din iż-żieda mal-Artikolu 9 hija importanti biex jiġi żgurat li l-ESMA jkollha stampa sħiħa.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Sa … [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ stabbilit skont l-Artikolu 23c, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jivvaluta dan li ġej:
	(a) l-għadd ta' kontijiet miftuħa fis-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14

bħala riżultat tal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) l-ammont ta' attività li l-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji jżommu fil-kontijiet attivi msemmija fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-attività ta' kklerjar ġenerali tagħhom fil-kuntratti msemmija fil-paragrafu 2;

(c) il-frekwenza li biha jiġu kklerjati tranżazzjonijiet ġodda permezz ta' kontijiet attivi mit-tipi differenti ta' kontropartijiet;

(d) valutazzjoni tal-effettività tal-kontijiet attivi fil-mitigazzjoni tar-riskji għall-Unjoni jew għal Stat Membru wieħed jew aktar tagħha ppreżentati minn CCPs tal-Grad 2 sostanzjalment sistemiċi jew mis-servizzi tal-ikklerjar tagħhom.

Meta l-ESMA tikkonkludi li r-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx wassal, jew x'aktarx ma jwassalx, għal mitigazzjoni suffiċjenti tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni jew għal Stat Membru wieħed jew aktar tagħha, hija għandha, f'kooperazzjoni mal-EBA, mal-EIOPA u mal-BERS u wara li tikkonsulta mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan li ġej:

(a) il-proporzjon ta' attività f'kull kategorija tal-kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2 li kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għandhom jikklerjaw permezz tal-kontijiet attivi tagħhom;

(b) il-metodoloġija għall-kalkolu skont il-paragrafu 3, li tiżgura li l-kalkolu:

(i) jinkludi l-kategoriji ta' kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2 konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħrajn fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja.

(ii) ma jwassalx għall-għadd doppju

tal-pożizzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti;

(c) jipprevedi perjodi differenti ta' introduzzjoni gradwali għall-implimentazzjoni progressiva tar-rekwiżit li jinżamm proporzjon ta' attività fil-kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2.

Għall-fini tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu, fejn xieraq, jistgħu jiġu stabbiliti proporzjonijiet differenti għal subtipi differenti ta' kuntratti tad-derivattivi, għal tipi differenti ta' kontropartijiet, u għal tipi differenti ta' attività.

Dawk il-proporzjonijiet stabbiliti ma għandhomx jinkludu kuntratti pendenti u għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jirriżulta fi tnaqqis fl-ikklerjar f'dawk il-kuntratti tad-derivati f'dawk is-CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 25(2c) u li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-importanza sistemika sostanzjali tal-ikklerjar f'tali kuntratti tad-derivattivi.

Meta tiżviluppa l-istandards tekniċi msemmija fit-tieni subparagrafu, l-ESMA għandha tqis dan kollu li ġej:

(a) is-subkategoriji differenti ta' kull kategorija tal-kuntratti tad-derivattivi msemmija fil-paragrafu 2;

(b) it-tipi differenti ta' kontropartijiet finanzjarji u kontropartijiet mhux finanzjarji u l-karatteristiċi rispettivi tagħhom;

(c) il-kostijiet jew ir-riskji potenzjali li jkun meħtieġ proporzjon ta' attività fuq tipi differenti ta' kontropartijiet finanzjarji jew ta' kontropartijiet mhux finanzjarji, inkluż l-eżitu tal-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-ispejjeż kif meħtieġ skont l-Artikolu 10 tar-

Regolament (UE) 1095/2010;

(d) l-impatt potenzjali li l-livell ta' attività jista' jkollu fuq il-kompetittività tal-kontropartijiet finanzjarji u tal-kontropartijiet mhux finanzjarji;

(e) ir-riskju potenzjali li l-kostijiet relatati mal-allokazzjoni ta' proporzjon ta' attività jiġu mgħoddija lill-klijenti;

(f) żviluppi tas-suq li jistgħu jirrikjedu valutazzjoni ġdida skont l-Artikolu 25(2c);

(h) l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 12-il xahar wara s-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex jitfassal Rapport tal-ESMA 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-EMIR 3 ħalli jiġi vvalutat jekk is-sitwazzjoni ttejbitx bir-rekwiżit ta' kont attiv kwalitattiv u jekk għandhomx jiġu introdotti limiti kwantitattivi ħalli tiġi indirizzata s-sitwazzjoni, u biex jiġi spjegat il-proċess għaliha. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BERS u wara li tikkonsulta mas-SEBĊ, tiżviluppa	***imħassar***

abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-proporzjon ta' attività f'kull kategorija tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2; dak il-proporzjon għandu jiġi stabbilit f'livell li jirriżulta fi tnaqqis fl-ikklerjar f'dawk il-kuntratti tad-derivati f'dawk il-kontropartijiet ċentrali tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 25(2c) u li jiżgura li l-ikklerjar f'tali kuntratti tad-derivati ma jibqax ta' importanza sistemika sostanzjali;

(b) il-metodoloġija għall-kalkolu skont il-paragrafu 3.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta l-AETS twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) u tikkonkludi li ċerti servizzi jew attivitajiet ipprovduti mill-kontropartijiet ċentrali tal-Grad 2***	6. ***L-ESMA għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 u tirrapporta fuq bażi annwali lill-Parlament Ewropew, lill-***

huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew li s-servizzi jew l-attivitajiet li qabel kienu identifikati mill-AETS bħala li huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha ma għadhomx ta' importanza sistemika sostanzjali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat sabiex temenda l-paragrafu 2 kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 82.	***Kunsill u lill-Kummissjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tneħħi l-Att Delegat tal-Kummissjoni, minħabba kontroreferenza għall-valutazzjoni tal-ESMA skont l-Artikolu 25(2c). Sostitwita bi proposta biex jiżdiedu l-feedback u r-responsabbiltà mill-ESMA, minbarra r-rapport annwali mill-JMM skont l-Artikolu 23c(3).

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li huma parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni u li jikklerjaw f'kontroparti ċentrali rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 għandhom jirrapportaw ***lill-awtorità kompetenti tagħhom*** l-ambitu tal-attività ta' kklerjar tagħhom ***f'tali kontroparti ċentrali*** fuq bażi annwali, filwaqt li jispeċifikaw dawn kollha li ġejjin:	1. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li huma parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni u li jikklerjaw f'kontroparti ċentrali rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 għandhom jirrapportaw ***lill-ESMA*** l-ambitu tal-attività ta' kklerjar tagħhom fuq bażi annwali, filwaqt li jispeċifikaw dawn kollha li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota

spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiddivulgaw ukoll, b'mod ċar u li jinftiehem, il-kostijiet assoċjati mas-servizzi tal-ikklerjar tas-CCPs differenti li fihom ikun possibbli li jiġi kklerjat il-kuntratt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex jissaħħu l-kunsiderazzjonijiet tal-kostijiet għall-klijenti.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-valuri ***medji*** kklerjati fuq perjodu ta' sena għal kull munita ***tal-Unjoni*** u għal kull klassi ta' assi;	(b) il-valuri ***u l-volumi*** kklerjati ***u l-marġni kollokat*** fuq perjodu ta' sena għal kull munita u għal kull klassi ta' assi;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-ammont ta' riżorsi finanzjarji likwidi totali impenjati għas-CCP.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik l-awtorità kompetenti għandha tibgħat ***minnufih*** dik l-informazzjoni ***lill-AETS u*** lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.	***L-ESMA*** għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AETS għandha, ***b'kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BERS u*** wara li tikkonsulta mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata ***u***	***L-ESMA*** għandha, wara li tikkonsulta ***mal-BERS u*** mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, filwaqt li

l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-paragrafu 2, filwaqt li tqis liema informazzjoni hija diġà disponibbli għall-AETS taħt il-qafas ta' rapportar eżistenti.	tqis liema informazzjoni hija diġà disponibbli għall-AETS taħt il-qafas ta' rapportar eżistenti***, inkluż skont l-Artikolu 9***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' konsultazzjoni u biex jiġu standardizzati u allinjati kemm jista' jkun ir-rekwiżiti l-ġodda ta' rapportar ma' dawk eżistenti, biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-kostijiet mhux meħtieġa.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7b – paragrafu 4 – subparagrafi 1 u 1a (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ***il-format tal-informazzjoni*** li għandha tiġi ***sottomessa lill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 2***.	***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ESMA*** għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ,*** li jispeċifikaw ***l-istandards u l-formati tad-data għall-informazzjoni*** li għandha tiġi ***rrapportata.*** ***Fl-iżvilupp ta' dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-ESMA għandha tqis l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali miftiehma fil-livell internazzjonali u tal-Unjoni, u l-konsistenza tagħhom mar-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 9***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara aktar 'il fuq.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 7c
	Informazzjoni dwar is-CCPs stabbiliti fl-Unjoni
	1. Is-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 għandhom jirrapportaw kull xahar lill-ESMA mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
	(a) il-valuri u l-volumi kklerjati għal kull munita u għal kull klassi ta' assi, inkluż il-valur tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-parteċipanti tal-ikklerjar;
	(b) l-investimenti, il-kapital tas-CCP, inklużi r-riżorsi proprji ddedikati li jintużaw fil-kaskata jew imsemmija fl-Artikolu 45(4) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 9(14) tar-Regolament (UE) 2021/23;
	(c) ir-rekwiżiti tal-marġini tal-membri tal-ikklerjar, il-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza, u r-riżorsi impenjati kuntrattwalment fil-ġestjoni tal-inadempjenza jew fil-pjanijiet ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/23;
	(d) l-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-marġni u tal-inadempjenza u tar-riżorsi tal-kaskata;
	(e) ir-riżorsi likwidi disponibbli tas-CCP u r-riżultati tal-ittestjar tal-istress tal-likwidità; u
	(f) il-membri tal-ikklerjar, il-klijenti li jkollhom kontijiet segregati individwalment, il-partijiet terzi li jipprovdu attivitajiet ewlenin marbuta mal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP, il-

fornituri materjali tal-likwidità konnessi mas-CCP, kif ukoll is-CCPs interoperabbli u konnessi.

L-ESMA għandha tipprovdi minnufih l-informazzjoni msemmija fil-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lill-kulleġġ tas-CCP imsemmi fl-Artikolu 18.

2. L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar id-dettalji u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-istandards u l-formati tad-data għall-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi tal-implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposal to include a formal reporting requirement regarding CCP risk management data by EU CCPs to ESMA. This would cover similar data as the reports prepared by EU CCPs and shared with the college on a monthly basis and therefore not be additional burden for CCPs. However, it would help further strengthen the standardisation and comparability across data, and ensure it is delivered on time (as of today, the college sometimes receives the reports months later). The addition is necessary, as today ESMA receives transaction data under EMIR and SFTR which provides an EU-wide view on markets (OI/notional, volumes, margin collected), but not on CCPs' risk management, creating substantial issues for ESMA to fulfil its financial stability mandate. In addition to the possibility for ESMA to request data directly from CCPs, CMs and clients in market turmoil (Article 24(5) of EMIR 3), the data received in the monthly (voluntary) data reports via the college should be formalised to ensure higher standardisation, comparability and timely delivery.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-kontropartijiet u s-CCPs għandhom jiżguraw li d-dettalji ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivattivi li jkunu kkonkludew u kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tal-kuntratt jiġu rrapportati skont il-paragrafi 1a sa 1f ta' dan l-Artikolu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet rreġistrat skont l-Artikolu 55 jew rikonoxxut skont l-Artikolu 77. Id-dettalji għandhom jiġu rrapportati mhux iżjed tard mill-jum tax-xogħol wara l-konklużjoni, il-modifika jew it-terminazzjoni tal-kuntratt.	"Il-kontropartijiet***, inklużi dawk stabbiliti barra mill-Unjoni u li jappartjenu għal grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni,*** u s-CCPs għandhom jiżguraw li d-dettalji ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivattivi li jkunu kkonkludew u kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tal-kuntratt jiġu rrapportati skont il-paragrafi 1a sa 1f ta' dan l-Artikolu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet rreġistrat skont l-Artikolu 55 jew rikonoxxut skont l-Artikolu 77. Id-dettalji għandhom jiġu rrapportati mhux iżjed tard mill-jum tax-xogħol wara l-konklużjoni, il-modifika jew it-terminazzjoni tal-kuntratt."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Tfittex li tidentifika l-attività offshore għall-fini tal-Artikolu.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafi 3 u 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1, jitħassru t-tielet u r-raba' subparagrafi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija tal-eżenzjoni mill-obbligi ta' rapportar għal tranżazzjonijiet intragrupp tista' tkun prematura, u din għandha tiġi vvalutata aħjar wara analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż jew valutazzjoni tal-impatt xierqa, minħabba li din ġiet introdotta biss dan l-aħħar u jidher li ma huwiex ċar jekk il-benefiċċji miżjuda minn perspettiva superviżorja jiġġustifikawx il-kostijiet għall-NFCs.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 9 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"6a. Sa … [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà li jitneħħew ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, it-tielet u r-raba' subparagrafu. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-Emenda 53.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2a sa 5 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin***:	(6) ***l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej***:

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	a) fl-Artikolu 10(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Sabiex tikkonforma mar-rekwiżit ta' notifika msemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu, il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tuża l-istess formola ta' notifika, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha għas-sussidjarji kollha tal-grupp stabbilit fl-Unjoni, biex tinnotifika lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti differenti tal-Istati Membri fejn huma stabbiliti dawk is-sussidjarji u lill-ESMA."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Ċentralizzazzjoni tan-notifika biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-NCAs għal informazzjoni rilevanti għall-grupp li għalih jappartjenu l-NFCs. Dan għandu jiffaċilita s-superviżjoni tal-NFCs fil-livell tal-UE.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10 – paragrafi 2a sa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-paragrafi 2a sa 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-kontroparti mhux finanzjarja u tal-entitajiet l-oħrajn fi ħdan il-grupp għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw il-kalkolu effettiv tal-pożizzjonijiet ***u jevalwaw u jivvalutaw il-livell*** ta' skopertura fil-kuntratti tad-derivati OTC fil-livell tal-grupp.	2a. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-kontroparti mhux finanzjarja u tal-entitajiet l-oħrajn fi ħdan il-grupp għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw***:***
	(a) il-kalkolu effettiv tal-pożizzjonijiet ***fil-livell tal-grupp; u***
	(b) l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni effettivi tal-livell ta' skopertura fil-kuntratti

tad-derivati OTC fil-livell tal-grupp.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet biex jiġi ċċarat li l-kalkoli/il-valutazzjoni japplikaw fil-livell tal-grupp. It-twettiq tal-kalkolu fl-NFCs individwali ma jidentifikax ir-riskju li jinħoloq mill-gruppi, jinkoraġġixxi lis-sussidjarji ta' gruppi kbar li jiċċentralizzaw in-negozjar għal kumpaniji affiljati oħra biex jitbiegħdu mill-UE jekk il-limiti tal-ikklerjar jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li dawn jiġu identifikati, u jimpedixxi l-identifikazzjoni tal-pożizzjonijiet meħuda mis-sussidjarji tal-grupp barra mill-UE.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 konklużi mill-kontroparti mhux finanzjarja li ma jkunux jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor tal-kontroparti mhux finanzjarja.	3. Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 konklużi mill-kontroparti mhux finanzjarja ***jew minn entitajiet mhux finanzjarji fi ħdan il-grupp li l-kontroparti mhux finanzjarja tappartjeni għalih*** li ma jkunux jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor tal-kontroparti mhux finanzjarja ***jew ta' dak il-grupp***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terġa' ddaħħal il-formulazzjoni attwali dwar l-Artikolu 10(3), peress li l-proposta tal-COM tista' twassal għall-impossibbiltà biex it-teżoriera korporattivi jiċċentralizzaw il-funzjoni tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju. It-tneħħija tar-referenza għal-livell tal-"grupp", tista' twassal għal sitwazzjoni fejn kull entità tal-grupp ikollha tiħħeġġja r-riskji tagħha għaliha

nnifisha, u b'hekk tikkontradixxi l-vantaġġi tal-ġestjoni ċentralizzata tar-riskju għal ebda benefiċċju ċar.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar, li jiġu ddeterminati filwaqt li titqies ir-rilevenza sistemika tal-pożizzjonijiet ***miftuħa*** u tal-iskoperturi ***netti futuri*** għal kull kontroparti ***u għal kull klassi ta' derivati*** OTC;	(b) il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar ***għal derivattivi mhux ikklerjati***, li jiġu ddeterminati filwaqt li tiġi kkunsidrata r-rilevenza sistemika ***tas-somma*** tal-pożizzjonijiet ***netti*** u tal-iskoperturi għal kull kontroparti***. L-ESMA għandha tivvaluta wkoll jekk huwiex meħtieġ livell limitu aggregat ta' attività, filwaqt li tqis il-pożizzjoni aggregata ġenerali fid-derivattiv*** OTC ***ta' kontroparti finanzjarja, biex tiġi żgurata kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji skont l-obbligu tal-ikklerjar u jiġi stabbilit livell għal tali livell limitu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku li jkun meħtieġ għal-limiti tal-ikklerjar, fid-dawl tal-metodoloġija l-ġdida ta' kalkolu.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 3, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:	***imħassar***

Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-ewwel darba għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma' dawk l-obbligi fi żmien erba' xhur wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawk l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba' xhur wara dik in-notifika.

L-ABE tista' toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bil-għan li tiżgura applikazzjoni uniformi tal-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskji msemmija fl-ewwel subparagrafu, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' dawk il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet b'kooperazzjoni mal-ASE.";

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-kontropartijiet finanzjarji għandu jkollhom proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju li jirrikjedu l-iskambju fil-ħin, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral fir-rigward tal-kuntratti ***tad-derivati*** OTC konklużi fi jew wara s-16 ta' Awwissu 2012. Il-kontropartijiet mhux finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10 għandu jkollhom proċeduri tal-	"3. Il-kontropartijiet finanzjarji għandu jkollhom proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju li jirrikjedu l-iskambju fil-ħin, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral fir-rigward tal-kuntratti ***tad-derivattivi*** OTC konklużi fi jew wara s-16 ta' Awwissu 2012. Il-kontropartijiet mhux finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10 għandu jkollhom proċeduri tal-

immaniġġjar tar-riskju li jirrikjedu l-iskambju fil-ħin, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral fir-rigward tal-kuntratti ***tad-derivati*** OTC ***konklużi fi jew wara li jkun*** inqabeż il-livell limitu tal-ikklerjar.	immaniġġjar tar-riskju li jirrikjedu l-iskambju fil-ħin, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral fir-rigward tal-kuntratti ***tad-derivattivi*** OTC ***fil-klassi tal-assi jew fil-klassijiet tal-assi li għalihom ikun*** inqabeż il-livell limitu tal-ikklerjar. ***Il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għandhom jinnotifikaw lill-EBA u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar il-mudelli li jintużaw għall-kalkolu tal-marġni inizjali mill-inqas 60 jum tax-xogħol qabel l-użu tagħhom. L-EBA u l-awtoritajiet kompetenti tal-kontroparti jistgħu joġġezzjonaw għall-użu ta' mudell ta' marġni inizjali speċifiku mill-kontroparti jekk il-mudell ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 15(a). Meta l-EBA jew l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali joġġezzjonaw, il-kontroparti tkun intitolata tkompli tuża l-mudell tal-marġni inizjali sa sena wara li tirċievi l-oġġezzjoni. Meta l-kontropartijiet ma jibqgħux jużaw dawn il-mudelli, huma għandhom jinnotifikaw lill-EBA u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sa tmiem it-trimestru li fih ma jibqgħux jużaw il-mudell.*** ***Il-kontropartijiet finanzjarji għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluż, fejn rilevanti, fir-rigward tal-mudelli ta' marġni inizjali użati, lill-EBA u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u għandhom jiddivulgaw informazzjoni ewlenija dwar dawn il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju.*** ***Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-ewwel darba għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma' dawk l-obbligi fi żmien erba' xhur wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti***

mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawn l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba' xhur wara dik in-notifika.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Information on initial margin models is not available within the existing regulatory framework in a form appropriate for prudential purposes. The AM intends to clarify supervisory requirements for counterparties in connection with initial margin models, and to introduce greater proportionality and more flexibility. It also grants competent authorities the power to take action in order to ensure that these models are sufficiently robust. The requirements under this article should be defined via RTS, rather than guidelines, in order to ensure convergence (see following AMs). Lastly, the current wording should be amended to align theasset class approach taken for clearing obligation to the exchange of collateral on a bilateral basis.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt bb (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b b) fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:
	3a. Minkejja l-paragrafu 3, l-opzjonijiet fuq stokk wieħed u l-opzjonijiet fuq l-indiċi tal-ekwità mhux ikklerjati minn CCP għandhom jiġu eżentati temporanjament minn proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju li jkunu jirrikjedu l-iskambju f'waqtu, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral.
	L-ESMA għandha timmonitorja l-iżviluppi regolatorji f'ġuriżdizzjonijiet oħra u għandha, mill-inqas kull sentejn, tippreżenta rapport dwar dan lill-Kummissjoni. Wara s-sottomissjoni tar-rapport mill-ESMA, il-Kummissjoni

għandha tivvaluta jekk l-iżviluppi internazzjonali jkunux wasslu għal aktar konverġenza fit-trattament tal-opzjonijiet fuq stokk wieħed u tal-opzjonijiet fuq l-indiċi tal-ekwità u jekk l-eżenzjoni temporanja ta' tali opzjonijiet għadhiex iġġustifikata. Il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat li jispeċifika li, wara l-iskadenza ta' perjodu ta' adattament, l-eżenzjoni għandha titneħħa. Il-perjodu ta' adattament ma għandux jaqbeż is-sentejn, u jista' jiġi estiż darba biss b'perjodu addizzjonali ta' sitt xhur meta jkunu għadhom jeżistu r-raġunijiet għall-għoti ta' perjodu ta' adattament.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 82.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi jipprovdu eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-varjazzjoni u tal-marġni inizjali għall-opzjonijiet fuq stokk wieħed u l-opzjonijiet fuq l-indiċi tal-ekwità, minħabba li f'xi ġuriżdizzjonijiet dawk ir-rekwiżiti tal-marġini ma humiex qed jiġu infurzati, u b'hekk joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi tas-suq tal-UE. Fid-dawl ta' dan, it-trattament ta' dawk il-prodotti għandu jiddaħħal gradwalment, sabiex l-ESMA tkun tista' timmonitorja l-iżviluppi regolatorji f'ġuriżdizzjonijiet oħra u sabiex il-Kummissjoni tiżgura li jkunu stabbiliti rekwiżiti xierqa fl-Unjoni.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11 – paragrafu 15 – subparagrafu 1 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 15, l-ewwel subparagrafu, ***jitħassar*** il-punt (aa).	(c) fil-paragrafu 15, fl-ewwel subparagrafu, il-punt (aa) ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"(aa) ir-rekwiżiti superviżorji għall-kontropartijiet b'rabta mal-mudelli ta'

marġni inizjali addizzjonali għal dawk speċifikati fil-punt (a);"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Art. 11(15aa) includes an obligation for EBA to develop draft RTS specifying the supervisory procedures to ensure initial and ongoing validation of risk-management procedures for OTC derivative contracts not cleared by a CCP. It is unclear why this obligation is deleted, albeit the COM seems to suggest that guidelines should replace the RTS. However, the replacement of RTS with guidelines would reduce the legal certainty for market participants, and create a discrepancy between the chosen legal instrument (RTS vs guidelines) for validation of risk management procedures for the cleared and the bilateral world. For explanation of changes to the wording of this point, see justification to AM of Article 11 paragraph 3.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – point 7 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11 – paragrafu 15 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fil-paragrafu 15, l-ewwel subparagrafu, jiddaħħal il-punt (ab):
	"(ab) l-istandards, il-formati tad-data u t-tip ta' informazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata u ddivulgata dwar il-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż fejn rilevanti dwar il-mudelli tal-marġni inizjali, f'konformità mar-rekwiżiti superviżorji msemmija fil-punt (aa);"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Emenda tal-Artikolu 11(3).

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 11a
	Servizzi tat-Tnaqqis tar-Riskju ta' wara n-Negozjar
	1. Mingħajr preġudizzju għat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11, l-Artikolu 4(1) ma għandux japplika għal kuntratti tad-derivattivi OTC li jiġu ffurmati u stabbiliti bħala riżultat ta' eżerċizzju ta' servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ("tranżazzjonijiet tal-PTRR") fejn ikun miftiehem hekk eletti miż-żewġ partijiet għat-tranżazzjoni.
	2. It-tranżazzjonijiet tal-PTRR jistgħu jiġu eżentati biss mill-obbligu tal-ikklerjar skont l-ewwel subparagrafu meta l-fornitur tas-servizz tal-PTRR u kull parteċipant għall-PTRR jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, rispettivament.
	3. Eżerċizzju ta' PTRR għandu:
	a) jitwettaq minn entità indipendenti mill-kontropartijiet għall-kuntratti tad-derivattivi OTC inklużi fl-eżerċizzju;
	b) ikun newtrali għar-riskju tas-suq;
	c) ma jikkontribwixxix għall-formazzjoni tal-prezzijiet;
	d) jieħu l-forma ta' kompressjoni, riekwilibriju jew ottimizzazzjoni;
	e) jiġi eżegwit fuq bażi bilaterali jew multilaterali u jkun fih biss portafolli ta' derivattivi OTC mhux ikklerjati f'CCP;
	f) jikseb tnaqqis fir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti f'kull wieħed mill-portafolli sottomessi għall-eżerċizzju;
	g) jiġi aċċettat jew miċħud bis-sħiħ u, b'riżultat ta' dan, il-parteċipanti fl-eżerċizzju ma għandhomx ikunu jistgħu jagħżlu liema tranżazzjonijiet għandhom

jiġu eżegwiti fl-ambitu tal-eżerċizzju;

h) ikun miftuħa għall-parteċipazzjoni biss għall-entitajiet li inizjalment jissottomettu portafoll għall-eżerċizzju.

4. Fornitur ta' servizzi ta' PTRR għandu:

a) ikun awtorizzat f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE;

b) iwettaq eżerċizzji ta' PTRR skont regoli, metodi u algoritmi miftiehma minn qabel f'ċikli skedati minn qabel u b'mod raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorju;

c) jiżgura li l-entitajiet li jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' PTRR ma jkollhom l-ebda influwenza fuq ir-riżultat tal-eżerċizzju;

d) sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' tranżazzjonijiet fil-portafolli, iwettaq eżerċizzju ta' kompressjoni wara kull eżerċizzju ta' PTRR li jirriżulta fi tranżazzjonijiet ġodda;

e) iżomm rekords tat-tranżazzjonijiet eżegwiti skont eżerċizzju ta' PTRR, inkluża informazzjoni dwar it-tranżazzjoni li tkun iddaħħlet fl-eżerċizzju, tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju jew bħala tranżazzjonijiet modifikati jew bħala tranżazzjonijiet ġodda, u l-bidla ġenerali fir-riskju tal-portafolli differenti inklużi fl-eżerċizzju;

f) jimmonitorja t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-PTRR biex jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-eżerċizzju tal-PTRR ma jirriżulta fl-ebda użu ħażin jew ċirkomvenzjoni intenzjonata tal-obbligu tal-ikklerjar.

L-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat lill-fornitur tas-servizzi tal-PTRR għandha tinnotifika lill-ESMA dwar l-awtorizzazzjoni.

5. Qabel ma l-entitajiet jibdew jużaw l-eżenzjoni tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet tal-PTRR imsemmija fil-

paragrafu 1, dawn għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, jipprovdulhom spjegazzjoni bil-miktub ta' kif qed jiġu rrispettati u se jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

6. L-użu tal-eżenzjoni tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet tal-PTRR rilevanti għandu jitqies approvat sakemm l-awtorità kompetenti notifikata ma tinformax lill-entità li tissorvelja li hija ma tivvalidax l-użu tal-eżenzjoni, fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tan-notifika. Meta fornitur tas-servizzi tal-PTRR ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tista' tirtira l-validazzjoni tagħha għall-eżenzjoni ta' tranżazzjonijiet ġodda tal-PTRR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar kwalunkwe entità li tkun ġiet ivvalidata biex tipparteċipa fl-eżerċizzji tal-PTRR jew li l-validazzjoni tagħha tkun ġiet irtirata mill-awtorità.

7. L-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat fornitur ta' servizzi ta' PTRR għandha, fuq bażi annwali, tikkonferma li dak il-fornitur jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika wkoll il-lista tal-entitajiet li joffru servizzi ta' PTRR li hija tkun awtorizzat, u kwalunkwe aġġornament tagħha, lill-ESMA, li għandha tippubblika dik il-lista.

8. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, inklużi aspetti bħan-newtralità tas-suq fl-eżerċizzju tal-PTRR, ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tal-eżerċizzju tal-PTRR u kif għandha tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni korretta tal-eżenzjoni mogħtija, filwaqt li tiżgura li l-obbligu tal-ikklerjar ma jiġix evitat. L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji

lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Emenda tal-Artikolu 11(3).

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Jitħassar*** l-Artikolu 13;	(8) L-Artikolu 13 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-ASE fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni internazzjonali tal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 11, b'mod partikolari fir-rigward ta' rekwiżiti potenzjali duplikattivi u kunfliġġenti fuq il-parteċipanti fis-suq, u tirrakkomanda azzjoni possibbli.
	2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddikjaraw li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz:
	(a) ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 11;
	(b) jiżguraw protezzjoni tas-sigriet professjonali li tkun ekwivalenti għal dik stipulata f'dan ir-Regolament; u

(c) ikunu qed jiġu applikati u infurzati b'mod effettiv b'mod ekwu u bla distorsjoni sabiex ikunu żgurati s-superviżjoni u l-infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 86(2).

3. Att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jimplika li l-kontropartijiet li jidħlu f'kuntratt tad-derivattivi OTC mhux ikklerjat minn CCP soġġett għal dan ir-Regolament għandu jitqies li jkun issodisfa l-obbligi inklużi fl-Artikolu 11 meta mill-inqas waħda mill-kontropartijiet tkun stabbilita f'dak il-pajjiż terz, jew tkun soġġetta għar-rekwiżiti ekwivalenti tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tipproponi li jinżamm l-approċċ ta' ekwivalenza fir-rigward tal-marġnijiet bilaterali, li wera li huwa ta' xi utilità għall-parteċipanti fis-suq.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Meta persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kklerjar bħala kontroparti ċentrali, din għandha tapplika għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita ***(l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali), skont il-proċedura***	"Meta persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kklerjar bħala kontroparti ċentrali, din għandha tapplika għal awtorizzazzjoni ***lill-ESMA, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.***

mniżżla fl-Artikolu 17.

L-ESMA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita ***mingħajr dewmien***.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha tkun responsabbli għall-approvazzjoni ta' CCPs ġodda, biex issaħħaħ il-konverġenza superviżorja.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
4. Kontroparti ċentrali għandha tikkonforma f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni.	"4. Kontroparti ċentrali għandha tikkonforma f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni.
Kontroparti ċentrali għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla materjali li taffetwa il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.	Kontroparti ċentrali għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla materjali li taffetwa il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Kemm l-ESMA kif ukoll l-NCA għandhom jiġu nnotifikati b'bidliet materjali li jaffettwaw il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroparti ċentrali li tkun tixtieq testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali mhux koperti mill-awtorizzazzjoni eżistenti għandha tissottometti talba għal estensjoni ***lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali***. L-offerta ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar li għalihom il-kontroparti ċentrali ma tkunx diġà ġiet awtorizzata għandha titqies bħala estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni.	Kontroparti ċentrali li tkun tixtieq testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali mhux koperti mill-awtorizzazzjoni eżistenti***, jew CCP li, matul l-aħħar 12-il xahar, ma tkunx ipprovdiet servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar fi klassi ta' strument finanzjarju jew klassi ta' strument mhux finanzjarju kopert mill-awtorizzazzjoni eżistenti u li tkun tixtieq toffri tali strument għall-ikklerjar,*** għandha tissottometti talba għal estensjoni ***lill-ESMA***. L-offerta ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar li għalihom il-kontroparti ċentrali ma tkunx diġà ġiet awtorizzata***, jew li għalihom tkun ġiet awtorizzata iżda li ma tkunx ipprovdiethom matul l-aħħar 12-il xahar,*** għandha titqies bħala estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha tkun responsabbli biex twettaq validazzjoni għall-Artikolu 15 dwar l-estensjoni tas-servizzi. Il-bidliet ifittxu wkoll li jevitaw sitwazzjoni fejn jingħataw awtorizzazzjonijiet mingħajr ma dawn jintużaw, kif meħtieġ skont l-Artikolu 20.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta tħejji l-abbozzi tal-istandards tekniċi

regolatorji, l-ESMA għandha tqis ir-rekwiżiti u l-prattiki eżistenti ta' dokumentazzjoni skont dan ir-Regolament u tissimplifika s-sottomissjoni tagħhom fejn possibbli, u l-importanza li jiġi evitat żmien eċċessiv għas-suq u li jiġi żgurat li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mis-CCP li tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 tkun proporzjonali għall-materjalità tal-bidla li għaliha qed tapplika s-CCP.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni biex jiġi żgurat li meta tabbozza RTS, l-ESMA tqis il-grad ta' materjalità tal-bidla li s-CCP tkun qed tapplika għaliha, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għas-suq, sabiex tiġi evitata lista eċċessivament twila ta' dokumenti li għandhom jiġu pprovduti mis-CCP. Għal raġuni simili, l-ESMA għandha tqis ukoll ir-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni eżistenti għas-CCPs u tfittex li tissimplifika s-sottomissjoni tagħhom biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv fuq is-CCPs.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tiddikjara lill-kontroparti ċentrali jekk din fihiex id-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew, meta l-kontroparti ċentrali tkun applikat għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 15(3) u (4).	***L-ESMA*** għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tiddikjara lill-kontroparti ċentrali jekk din fihiex id-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew, meta l-kontroparti ċentrali tkun applikat għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 15(3) u (4).

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** tiddetermina li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew l-Artikolu 15(3) u (4), hija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni tal-kontroparti ċentrali.	Meta ***l-ESMA*** tiddetermina li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew l-Artikolu 15(3) u (4), hija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni tal-kontroparti ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kontroparti ċentrali applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex turi li hija tkun stabbiliet, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti kollha meħtieġa, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.	2. Il-kontroparti ċentrali applikanti għandha tipprovdi ***lill-ESMA*** l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex turi li hija tkun stabbiliet, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti kollha meħtieġa, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ***applikabbli*** stipulati f'dan ir-Regolament ***fir-rigward tal-bidliet imsemmija fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sottomessa mis-CCP applikanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li l-Artikolu japplika biss għall-applikazzjoni speċifika għall-awtorizzazzjoni. L-abbozzar attwali jista' jiġi interpretat li jimplika li kull darba li CCP tapplika għal estensjoni tal-liċenzja skont l-Artikolu 15(1), għandu jsir rieżami sħiħ tal-konformità tas-CCP mal-Artikoli kollha tal-EMIR applikabbli għas-CCPs, inklużi dawk li ma humiex rilevanti għall-proċedura ta' approvazzjoni, u dan jista' jkompli jikkomplika l-proċess ta' approvazzjoni.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien 40 jum tax-xogħol mit-tmiem tal-perjodu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ("il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju"), ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali, l-AETS*** u l-kulleġġ għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-konformità tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament. Sa tmiem il-perjodu tal-valutazzjoni tar-riskju***:***	Fi żmien 40 jum tax-xogħol mit-tmiem tal-perjodu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ("il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju"), ***l-ESMA*** u l-kulleġġ għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-konformità tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament. Sa tmiem il-perjodu tal-valutazzjoni tar-riskju***, l-ESMA għandha tibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha u tirrapporta lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ.***
(a) l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha u tirrapporta lill-AETS u lill-kulleġġ;	
(b) L-AETS għandha tadotta opinjoni f'konformità mal-Artikolu 24a(7) u tibgħatha lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u lill-kulleġġ;	
(c) il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u lill-AETS.	

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (b), l-AETS tista' tinkludi fl-opinjoni tagħha kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tqis meħtieġa sabiex jittaffa kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti ċentrali, b'mod partikolari b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 3, ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali,*** l-ESMA jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu jissottomettu mistoqsijiet direttament lill-kontroparti ċentrali. Meta l-kontroparti ċentrali ma tweġibx għal dawn il-mistoqsijiet fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-awtorità rikjedenti***, l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali***, ***l-AETS*** jew il-kulleġġ jistgħu jieħdu deċiżjoni fin-nuqqas tar-rispons tal-kontroparti ċentrali jew jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-perjodu ta' valutazzjoni b'massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol, jekk, fil-fehma tagħhom, il-kwistjoni tkun materjali għall-valutazzjoni.	3a. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 3, l-ESMA jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu jissottomettu mistoqsijiet direttament lill-kontroparti ċentrali. Meta l-kontroparti ċentrali ma tweġibx għal dawn il-mistoqsijiet fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-awtorità rikjedenti, ***l-ESMA*** jew il-kulleġġ jistgħu jieħdu deċiżjoni fin-nuqqas tar-rispons tal-kontroparti ċentrali jew jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-perjodu ta' valutazzjoni b'massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol, jekk, fil-fehma tagħhom, il-kwistjoni tkun materjali għall-valutazzjoni. ***CCP ma għandhiex tkun meħtieġa twieġeb aktar minn darba għal mistoqsija speċifika.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'riflessjoni tal-formulazzjoni diġà inkluża fil-premessa 20, skont liema kwalunkwe mistoqsija li tintalab lis-CCPs matul il-perjodu ta' valutazzjoni għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet rilevanti.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi ***kemm l-opinjoni tal-AETS kif ukoll*** l-opinjoni tal-kulleġġ, ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha ***lill-AETS*** u lill-kulleġġ.	Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-kulleġġ, ***l-ESMA*** għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP*** u lill-kulleġġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** ma taqbilx ma' opinjoni ***tal-AETS jew*** tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta'	Meta ***l-ESMA*** ma taqbilx ma' opinjoni tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn

kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.	dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 3b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AETS għandha tippubblika ***l-fatt li awtorità kompetenti ma tikkonformax jew ma għandhiex il-ħsieb*** li ***tikkonforma mal-opinjoni tagħha jew*** mal-opinjoni tal-kulleġġ jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha. ***L-AETS tista' tiddeċiedi wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, li tippubblika r-raġunijiet ipprovduti mill-awtorità kompetenti għan-nuqqas ta' konformità mal-opinjoni tal-AETS jew mal-opinjoni tal-kulleġġ jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha.;***	***L-ESMA*** għandha***, fejn ikun meħtieġ,*** tippubblika ***r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità tagħha jew għall-intenzjoni tagħha*** li ***ma tikkonformax*** mal-opinjoni tal-kulleġġ jew ma' kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni inkluża fiha.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha, wara li tikkunsidra kif xieraq ***l-opinjonijiet tal-AETS u*** tal-kulleġġ imsemmija fil-paragrafu 3, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni fihom, tagħti awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 u l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), biss meta tkun kompletament sodisfatta li l-kontroparti ċentrali applikanti:	***L-ESMA*** għandha, wara li tikkunsidra kif xieraq ***l-opinjoni*** tal-kulleġġ imsemmija fil-paragrafu 3, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni fihom, tagħti awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 u l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), biss meta tkun kompletament sodisfatta li l-kontroparti ċentrali applikanti:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontroparti ċentrali ma għandhiex tiġi awtorizzata meta l-membri kollha tal-kulleġġ, minbarra ***l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-kontroparti ċentrali***, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li l-kontroparti ċentrali ma tkunx awtorizzata. Dik l-opinjoni għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-kulleġġ iqis li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew fi dritt ieħor tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.	Il-kontroparti ċentrali ma għandhiex tiġi awtorizzata meta l-membri kollha tal-kulleġġ, minbarra ***l-ESMA***, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li l-kontroparti ċentrali ma tkunx awtorizzata. Dik l-opinjoni għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-kulleġġ iqis li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew fi dritt ieħor tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma tkunx intlaħqet opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku kif imsemmi fit-tieni subparagrafu u maġġoranza ta' żewġ terzi tal-kulleġġ ikunu esprimew opinjoni negattiva, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, abbażi ta' dik il-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-kulleġġ, tista', fi żmien 30 jum kalendarju mill-adozzjoni ta' dik l-opinjoni negattiva, tirreferi l-kwistjoni lill-AETS f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassret biex jiġi evitat kunflitt ta' interess mal-medjazzjoni vinkolanti tal-ESMA.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni ta' riferiment għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-membri rilevanti tal-kulleġġ iqisu li r-rekwiżiti stipulati f'dan	***imħassar***

	ir-Regolament jew f'partijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni ma ġewx issodisfati. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha dwar l-awtorizzazzjoni u tistenna kwalunkwe deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni li l-AETS tista' tieħu f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha f'konformità mad-deċiżjoni tal-AETS. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-AETS wara t-tmiem tal-perjodu ta' 30 jum imsemmi fit-tielet subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE (li b'segwitu ta' dan din id-dispożizzjoni ma għadhiex meħtieġa). Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-membri kollha tal-kulleġġ, minbarra l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-kontroparti ċentrali, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li l-kontroparti ċentrali ma għandhiex tkun awtorizzata, l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali tista' tirreferi l-kwistjoni lill-AETS f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE (li b'segwitu ta' dan din id-dispożizzjoni ma għadhiex meħtieġa). Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-kontroparti ċentrali għandha tibgħat id-deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħrajn.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE (li b'segwitu ta' dan din id-dispożizzjoni ma għadhiex meħtieġa). Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt e
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu minnufih id-dokumenti kollha li jirċievu mill-kontroparti ċentrali b'rabta ma' applikazzjoni skont il-paragrafu 1 u l-bażi tad-data ċentrali għandha tinforma awtomatikament lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha. Il-bażi tad-data ċentrali għandu jkun fiha d-dokumenti kollha pprovduti minn kontroparti ċentrali applikanti skont il-	Ir-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu minnufih id-dokumenti kollha li jirċievu mill-kontroparti ċentrali b'rabta ma' applikazzjoni skont il-paragrafu 1 u l-bażi tad-data ċentrali għandha tinforma awtomatikament lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha. Il-bażi tad-data ċentrali għandu jkun fiha d-dokumenti kollha pprovduti minn kontroparti ċentrali applikanti skont il-

paragrafu 1 u d-dokumenti l-oħrajn kollha rilevanti għall-valutazzjoni ***mill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali, mill-AETS*** u mill-kulleġġ.	paragrafu 1 u d-dokumenti l-oħrajn kollha rilevanti għall-valutazzjoni ***mill-ESMA*** u mill-kulleġġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt e
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali għandu jkollhom ukoll aċċess għall-bażi tad-data ċentrali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 24a(7). Il-President tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali jista' jillimita l-aċċess għal xi whud mid-dokumenti għall-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali msemmija fl-Artikolu 24a, il-punti (c) u (d)(ii), fejn ġustifikat abbażi ta' tħassib dwar il-kunfidenzjalità.”;	Il-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali għandu jkollhom ukoll aċċess għall-bażi tad-data ċentrali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 24a(7). Il-President tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali jista' jillimita l-aċċess għal xi whud mid-dokumenti għall-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali msemmija fl-Artikolu 24a, il-punti (c) u (d)(ii) ***u fl-Artikolu 24a(7)***, fejn ġustifikat abbażi ta' tħassib dwar il-kunfidenzjalità.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-kontroreferenza għall-Artikolu 24a(7).

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għandha tapplika għal bidliet mhux materjali fl-awtorizzazzjoni eżistenti ta' kontroparti ċentrali ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin*** meta s-servizz jew l-attività ta' kklerjar addizzjonali proposti:	1. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għandha tapplika għal bidliet mhux materjali fl-awtorizzazzjoni eżistenti ta' kontroparti ċentrali ***f'każijiet*** meta s-servizz jew l-attività ta' kklerjar ***iwettqu wieħed jew aktar minn dan li ġej***:
(a) ***jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:***	(a) iżżid munita ġdida tal-Unjoni fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali ***li għalihom is-CCP ma jkollhiex stabbilita il-faċilità ta' pagament rilevanti;***
(i) il-kontroparti ċentrali jkollha l-ħsieb li tikklerja strument finanzjarju wieħed jew aktar li jappartjenu għall-istess klassijiet ta' strumenti finanzjarji li għalihom tkun ġiet awtorizzata li tikklerja skont l-Artikoli 14 jew 15;	
(ii) l-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punt (i) jiġu nnegozjati f'post ta' negozju li għalih il-kontroparti ċentrali diġà tipprovdi servizzi tal-ikklerjar jew twettaq attivitajiet; u	
(iii) is-servizz jew l-attività ta' kklerjar addizzjonali proposti ma jinvolvux pagament f'munita ġdida;	
(b) iżżid munita ġdida tal-Unjoni fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali; jew	***(b) tinkludi l-offerta ta' mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvi l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, CSD jew sistema ta' pagament li s-CCP ma kinitx tuża qabel;***
(c) iżżid terminu addizzjonali wieħed jew aktar ma' klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperta mill-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali, diment li l-medda tal-maturità ma tiġix estiża b'mod sinifikanti.	(c) ***tinkludi l-offerta ta' kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod, bħal permezz ta' offerta diretta jew irkant, jew flimkien ma' kuntratti diġà kklerjati mis-CCP.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-premessa 21 korrispondenti.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali tista', wara li tikkunsidra l-kontribut tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b, tiddeċiedi wkoll li tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni ta' dan l-Artikolu meta l-kontroparti ċentrali titlob hekk u meta s-servizz jew l-attività ta' kklerjar addizzjonali proposti ma jissodisfaw l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	***2. Is-servizz jew l-attività ta' kklerjar addizzjonali proposti għandhom jitqiesu bħala bidla materjali u soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 meta dan jirriżulta biex is-CCP twettaq kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:***
(a) dan jirriżulta fil-ħtieġa li l-kontroparti ċentrali tadatta b'mod sinifikanti l-istruttura operattiva tagħha, fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-kuntratt:	(a) ***tadatta b'mod sinifikanti l-istruttura operattiva tagħha, fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-kuntratt;***
(b) dan jinkludi li jiġu offruti kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod, bħal permezz ta' offerta diretta jew irkant, jew flimkien ma' kuntratti diġà kklerjati mill-kontroparti ċentrali;	(b) ***toffri servizz jew twettaq attività relatata ma' kategorija ġdida ta' strumenti finanzjarji jew ma' tip ġdid ta' prodotti jew ma' tip ġdid ta' tranżazzjonijiet;***
(c) dan jirriżulta fil-ħtieġa li l-kontroparti ċentrali tqis speċifikazzjonijiet materjali ġodda tal-kuntratt, bħal estensjonijiet sinifikanti tal-meded ta' maturitajiet jew stili ġodda ta' eżerċizzju ta' opzjoni fi ħdan kategorija ta' kuntratti;	(c) ***toffri servizz jew twettaq attività għal kuntratti nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, fejn is-CCP kienet qed tipprovdi servizz qabel jew twettaq attività għal dawk il-kuntratti nnegozjati fuq bażi bilaterali biss;***
(d) dan jirriżulta fl-introduzzjoni ta' riskji materjali ġodda, marbuta mal-karatteristiċi differenti tal-assi referenzjati;	(d) ***toffri servizz jew twettaq attività għal kuntratti nnegozjati fuq bażi bilaterali, fejn is-CCP kienet qed tipprovdi servizz qabel jew twettaq attività għal dawk il-kuntratti f'ċentru tan-negozjar biss;***

(e) dan jinkludi l-offerta ta' mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvi l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, CSD jew sistema ta' pagament li l-kontroparti ċentrali ma kinitx tuża qabel.	(e) ***tqis l-ispeċifikazzjonijiet ġodda tal-kuntratt, bħal stili ġodda tal-eżerċizzju tal-opzjoni f'kategorija ta' kuntratti;***
	(f) l-introduzzjoni ta' riskji materjali ġodda, marbuta mal-karatteristiċi differenti tal-assi referenzjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-premessa 21 korrispondenti.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroparti ċentrali li tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha li titlob li tiġi applikata l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni u li s-servizzi jew l-attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali proposti jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1 tista' tibda tikklerja tali strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji addizzjonali adattati għall-ikklerjar qabel id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali skont il-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-wasla ta' applikazzjoni skont il-paragrafu 2, ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha, wara li tikkunsidra l-kontribut ***tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b***, tiddeċiedi jekk l-applikazzjoni għandhiex tkun soġġetta għall-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu jew, jekk ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** tkun identifikat riskji materjali bħala riżultat tal-estensjoni proposta tan-negozju tal-kontroparti ċentrali għal servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali, li għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17. ***L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha tinnotifika lill-kontroparti ċentrali applikanti bid-deċiżjoni tagħha. ***Meta l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali tkun iddeċidiet li għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17, il-kontroparti ċentrali għandha, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li tirċievi tali notifika, tieqaf tipprovdi tali servizz jew attività ta' kklerjar.***	4. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-wasla ta' applikazzjoni skont il-paragrafu 2, ***l-ESMA*** għandha, wara li tikkunsidra l-kontribut ***tal-kulleġġ***, tiddeċiedi jekk l-applikazzjoni għandhiex tkun soġġetta għall-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu jew, jekk ***l-ESMA*** tkun identifikat riskji materjali bħala riżultat tal-estensjoni proposta tan-negozju tal-kontroparti ċentrali għal servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali, li għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17. ***L-ESMA*** għandha tinnotifika lill-kontroparti ċentrali applikanti bid-deċiżjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jitneħħa l-perjodu ta' 5 ijiem peress li tneħħiet ukoll il-possibbiltà li s-CCPs jibdew jipprovdu servizzi tal-ikklerjar qabel l-approvazzjoni.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ***awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali***, wara li tikkunsidra l-kontribut ***tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b***, ma tkunx esprimiet l-oġġezzjoni tagħha għas-servizzi jew l-attivitajiet addizzjonali proposti tal-kontroparti ċentrali fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni meta japplika l-paragrafu 1 jew minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 4, fejn japplika dak il-paragrafu, filwaqt li tikkonferma li tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu, l-awtorizzazzjoni għandha titqies bħala mogħtija.	5. Meta ***l-ESMA***, wara li tikkunsidra l-kontribut ***tal-kulleġġ***, ma tkunx esprimiet l-oġġezzjoni tagħha għas-servizzi jew l-attivitajiet addizzjonali proposti tal-kontroparti ċentrali fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni meta japplika l-paragrafu 1 jew minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 4, fejn japplika dak il-paragrafu, filwaqt li tikkonferma li tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu, l-awtorizzazzjoni għandha titqies bħala mogħtija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali għandha tissottometti f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) talba għal opinjoni***:***	***Meta jkun biħsiebha tadotta deċiżjoni fir-rigward tal-Artikoli 20, 21, 30, 31, 32, 35, 41, 49, 51 jew 54, l-ESMA*** għandha tissottometti f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) talba għal opinjoni ***mill-kulleġġ skont l-Artikolu 18.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-AETS skont l-Artikolu 23a(2), meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni b'rabta mal-Artikoli 7, 8, 20, 21, 29, 30, 31, 32, 33, 35, 36, 41 u 54;	***imħassar***

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-kulleġġ skont l-Artikolu 18, meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni b'rabta mal-Artikoli 20, 21, 30, 31, 32, 35, 41, 49, 51 u 54.	***imħassar***

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik it-talba għal opinjoni għandha tiġi kondiviża minnufih mar-riċevituri rreġistrati.	It-talba għal opinjoni ***msemmija fl-ewwel subparagrafu, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha,*** għandha tiġi kondiviża minnufih mar-riċevituri rreġistrati.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-Artikolu rilevanti, ***l-AETS u l-kulleġġ għandhom***, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta ***jirċievu*** t-talba msemmija fil-paragrafu 1 (“il-perjodu ta’ valutazzjoni”), ***jivvalutaw il-konformità*** tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti rispettivi. Sa tmiem il-perjodu ta’ valutazzjoni***:***	2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-Artikolu rilevanti, ***il-kulleġġ għandu***, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta ***jirċievi*** t-talba msemmija fil-paragrafu 1 (“il-perjodu ta’ valutazzjoni”), ***jivvaluta l-konformità*** tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti rispettivi. Sa tmiem il-perjodu ta’ valutazzjoni***, l-ESMA għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha u tirrapporta lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ, u l-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tas-CCP. Għall-finijiet tal-punt (c), il-kulleġġ jista’ jinkludi fl-opinjoni tiegħu kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li jqis meħtieġa sabiex jiġi mmitigat kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti ċentrali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota

spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha u tirrapporta lill-AETS u lill-kulleġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-AETS għandha tadotta opinjoni f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), u tibgħatha lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u lill-kulleġġ. Fl-opinjoni tagħha, l-AETS tista' tinkludi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tqis meħtieġa sabiex ittaffi kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti ċentrali, b'mod partikolari b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali. L-opinjoni tal-kulleġġ tista' tinkludi l-kundizzjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet li tqis meħtieġa sabiex jittaffa kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti ċentrali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni ***tal-AETS u, fejn meħtieġ, l-opinjoni*** tal-kulleġġ, ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha, wara li tqis kif xieraq ***l-opinjonijiet tal-AETS u*** tal-kulleġġ, inklużi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li hemm fihom, tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha ***lill-AETS*** u lill-kulleġġ.	Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-kulleġġ, ***l-ESMA*** għandha, wara li tqis kif xieraq ***l-opinjoni*** tal-kulleġġ, inklużi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li hemm fihom, tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP*** u lill-kulleġġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17b – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** ma taqbilx ***ma' opinjoni tal-AETS jew*** tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.	Meta ***l-ESMA*** ma taqbilx ***mal-opinjoni*** tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 17ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 17ba
	Proċeduri għall-implimentazzjoni mis-CCPs ta' bidliet ta' "żamma tal-istatus quo"
	1. Bidla li CCP ikollha l-ħsieb li tadotta għandha tiġi implimentata direttament mis-CCP u ma għandhiex tkun soġġetta għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 17 u

17a meta tali bidla:

(a) ma tikkwalifikax bħala materjal skont l-Artikolu 17;

(b) ma tikkwalifikax bħala mhux materjali skont l-Artikolu 17a(1); u

(c) ma tissodisfax il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 17a(2).

2. L-ESMA għandha tirrieżamina regolarment l-implimentazzjoni mis-CCPs ta' bidliet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 u tirrapporta lill-kulleġġ ta' kull CCP fl-Unjoni dwar l-adegwatezza tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-premessa 21 korrispondenti.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 18 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"***Għall-fini taż-żieda ta' punti mal-aġenda, il-membri tal-kulleġġ għandhom iqisu l-eżitu tal-ħidma mwettqa mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ***."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 18 tal-EMIR għandu jiġi emendat biex jinkludi rekwiżit għall-membri tal-kulleġġ ħalli jqisu l-eżitu tal-ħidma mwettqa mill-JMM meta jissuġġerixxu suġġetti li għandhom jiġu inklużi fl-aġenda tal-laqgħat tal-kulleġġ. Dan għandu jgħin fis-segwitu tal-ħidma mwettqa

mill-JMM fi ħdan il-qafas superviżorju eżistenti għas-CCP tal-UE, sa fejn rilevanti għall-attivitajiet jew il-profil tar-riskju ta' dik is-CCP speċifika.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17(4), it-tielet subparagrafu, u jekk ma jaqbilx dwar opinjoni konġunta f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni ta' maġġoranza fl-istess perjodu.;	Jekk ma jaqbilx dwar opinjoni konġunta f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni ta' maġġoranza fl-istess perjodu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 17(4).

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***fl-Artikolu 20, il-paragrafi 3 sa 7 huma sostitwiti*** b'dawn li ġejjin:	(15) ***l-Artikolu 20 huwa sostitwit*** b'dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20 – paragrafi 1 u 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(3), ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha tirtira l-awtorizzazzjoni fejn il-kontroparti ċentrali:	"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(3), ***l-ESMA*** għandha tirtira l-awtorizzazzjoni fejn il-kontroparti ċentrali:
(a) ma tkunx għamlet użu tal-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, b'mod espress tirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma tkunx ipprovdiet servizzi jew ma tkun wettqet l-ebda attività fis-sitt xhur preċedenti;	(a) ma tkunx għamlet użu tal-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, b'mod espress tirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma tkunx ipprovdiet servizzi jew ma tkun wettqet l-ebda attività fis-sitt xhur preċedenti;
(b) tkun kisbet l-awtorizzazzjoni billi tkun għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;	(b) tkun kisbet l-awtorizzazzjoni billi tkun għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;
(c) ma tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma tkunx ħadet azzjonijiet ta' rimedju mitluba ***mill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** fi żmien stabbilit;	(c) ma tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma tkunx ħadet azzjonijiet ta' rimedju mitluba ***mill-ESMA*** fi żmien stabbilit;
(d) tkun kisret serjament u sistematikament kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.	(d) tkun kisret serjament u sistematikament kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.
2. Meta ***l-awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali*** tikkunsidra li waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 tapplika, din għandha, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, tinnotifika ***lill-AETS*** u lill-membri tal-kulleġġ b'dan.	2. Meta ***l-ESMA*** tikkunsidra li waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 tapplika, din għandha, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, tinnotifika ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP*** u lill-membri tal-kulleġġ b'dan.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 648/2012
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-awtorità*** kompetenti tal-kontroparti ċentrali ***għandha tikkonsulta mal-AETS*** u mal-membri tal-kulleġġ, f'konformità mal-paragrafu 6, dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali, ħlief fejn tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti.	3. ***L-ESMA għandha tikkonsulta mal-awtorità*** kompetenti tal-kontroparti ċentrali u mal-membri tal-kulleġġ, f'konformità mal-paragrafu 6, dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali, ħlief fejn tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-AETS*** jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jitolbu li ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** teżamina jekk il-kontroparti ċentrali tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.	4. ***L-awtorità kompetenti tas-CCP*** jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jitolbu li ***l-ESMA*** teżamina jekk il-kontroparti ċentrali tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** tista' tillimita l-irtirar għal servizz, attività, jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji.	5. ***L-ESMA*** tista' tillimita l-irtirar għal servizz, attività, jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Qabel ma ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** tieħu deċiżjoni li tirtira servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, hija għandha titlob ***l-opinjonijiet tal-AETS u*** tal-kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 17b.	6. Qabel ma ***l-ESMA*** tieħu deċiżjoni li tirtira servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, hija għandha titlob ***l-opinjoni*** tal-kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 17b.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 20 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta ***l-awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali*** tieħu deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bis-sħiħ jew b'rabta ma' servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, dik id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-Unjoni kollha.";	7. Meta ***l-ESMA*** tieħu deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bis-sħiħ jew b'rabta ma' servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, dik id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-Unjoni kollha.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 22 għandhom jagħmlu*** dan kollu li ġej:	1. ***L-ESMA għandha tagħmel*** dan kollu li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) iħejju pjan għal attivitajiet superviżorji konġunti skont l-Artikolu 23b.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b − parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafi 3 sa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafi 3 ***u*** 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:	(b) il-paragrafi 3**,** 4 ***u 5*** huma ssostitwiti b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom, wara li ***jkunu kkunsidraw*** il-kontribut ***tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b***, ***jistabbilixxu*** l-frekwenza ***u l-profondità*** tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-	***L-ESMA għandha***, wara li ***tkun ikkunsidrat*** il-kontribut ***tal-kulleġġ***, ***tistabbilixxi*** l-frekwenza***, il-profondità u l-enfasi sostantiva*** tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li ***tqis*** b'mod partikolari d-daqs, l-importanza sistemika,

Artikolu, filwaqt li ***jqisu*** b'mod partikolari d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala, il-kumplessità tal-attivitajiet u l-interkonnettività ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju tal-kontropartijiet ċentrali kkonċernati u l-prijoritajiet superviżorji stabbiliti mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba). ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw ir-rieżami*** u l-evalwazzjoni mill-anqas fuq bażi annwali.	in-natura, l-iskala, il-kumplessità tal-attivitajiet u l-interkonnettività ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju tal-kontropartijiet ċentrali kkonċernati u l-prijoritajiet superviżorji stabbiliti mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba). ***L-ESMA għandha taġġorna r-rieżami*** u l-evalwazzjoni mill-anqas fuq bażi annwali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontropartijiet ċentrali għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistiednu lill-membri tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b,*** sabiex ***jipparteċipaw*** fi spezzjonijiet fuq il-post.	Il-kontropartijiet ċentrali għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post. ***L-ESMA għandha tistieden lill-kulleġġ jipparteċipa*** fi spezzjonijiet fuq il-post.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tibgħat ***lill-membri tat-tim superviżorju konġunt stabbilit għal dik il-kontroparti ċentrali skont l-Artikolu 23b*** kwalunkwe informazzjoni li tasal mingħand il-kontropartijiet ċentrali matul jew b'rabta mal-ispezzjonijiet fuq il-post.	***L-ESMA*** għandha tibgħat ***lill-kulleġġ*** kwalunkwe informazzjoni li tasal mingħand il-kontropartijiet ċentrali matul jew b'rabta mal-ispezzjonijiet fuq il-post.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu*** regolarment, u mill-anqas kull sena, rapport lill-kulleġġ ***dwar*** ir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluż jekk ***l-awtorità kompetenti*** tkunx ħadet xi azzjoni ta' rimedju jew tkunx imponiet penali***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw ir-rapport*** li jkopri sena kalendarja ***lill-AETS*** sat-30 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara. Dak ir-rapport għandu jkun soġġett għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u ***opinjoni mill-AETS skont l-***	4. ***L-ESMA*** għandha tissottometti regolarment, u mill-anqas kull sena, rapport lill-kulleġġ ***li jinkludi dan li ġej:***

Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.;

(a) ir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluż jekk ***l-ESMA*** tkunx ħadet xi azzjoni ta' rimedju jew tkunx imponiet penali***; u***

(b) pjan għal attivitajiet superviżorji konġunti skont l-Artikolu 23b għas-sena kalendarja ta' wara.

L-ESMA għandha tikkomunika r-rapport li jkopri sena kalendarja ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ*** sat-30 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara. Dak ir-rapport għandu jkun soġġett għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għall-finijiet tat-twettiq tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-istabbiliment tal-frekwenza, il-fond u l-enfasi sostantiva tiegħu f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tqis l-eżitu tal-ħidma li jkun wettaq il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ skont l-Artikolu 23c, sa fejn tali eżitu jkun rilevanti għas-CCP soġġett

għal tali riežami u evalwazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu lil kwalunkwe kontroparti ċentrali li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament tieħu l-azzjonijiet jew il-passi meħtieġa fi stadju bikri biex tindirizza s-sitwazzjoni.	***"5. L-ESMA għandha tesiġi*** lil kwalunkwe kontroparti ċentrali li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament tieħu l-azzjonijiet jew il-passi meħtieġa fi stadju bikri biex tindirizza s-sitwazzjoni.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) fl-Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament ***għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-kontropartijiet*** ċentrali stabbiliti fit-territorju tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-AETS b'dan.	"1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament ***għall-kontropartijiet*** ċentrali stabbiliti fit-territorju tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-AETS b'dan.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Aġġustamenti f'konformità mas-setgħat il-ġodda mogħtija lill-ESMA (ara l-Artikolu 22a).

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 22a
	Setgħat tal-ESMA
	1. L-ESMA għandha tkun responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fl-Unjoni.
	2. L-ESMA għandha tiżgura fuq bażi kontinwa l-konformità mis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni mal-Artikoli 7 sa 8, l-Artikoli 14 sa 17b, l-Artikoli 20, 21, u 24 u t-Titoli IV u V.
	3. L-ESMA għandha tingħata s-setgħa b'setgħat superviżorji, investigattivi u ta' infurzar meħtieġa għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha skont dan ir-Regolament.

4. Is-setgħat imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu mill-inqas is-setgħat biex:

(a) tawtorizza CCP jew servizz jew attività tal-ikklerjar partikolari fi strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji;

(b) tissorvelja l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u tadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-Artikoli 7 sa 8, 14 sa 17b, 20, 21, u 24 u t-Titoli IV u V;

(c) ikollha aċċess għal kwalunkwe dokument jew data oħra mis-CCP f'forma li l-ESMA tqis rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha u li tirċievi jew tagħmel kopja ta' tali dokumenti jew data;

(d) tirrikjedi jew titlob l-għoti ta' informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna relatata mas-CCP u, jekk ikun meħtieġ, issejjaħ u tinterroga lil persuna bil-ħsieb li tikseb informazzjoni;

(e) twettaq spezzjonijiet jew investigazzjonijiet konġunti fuq il-post mal-awtorità kompetenti tas-CCP;

(f) tirrikjedi li l-awdituri ta' CCPs awtorizzati jipprovdu informazzjoni;

(g) tirrikjedi, il-waqfien temporanju jew permanenti ta' kwalunkwe prattika jew imġiba li l-ESMA tqis li tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew fejn tali prattika jew imġiba jista' jkollha effett negattiv fuq l-attivitajiet transfruntiera tas-CCPs jew impatt transfruntier possibbli;

(h) tirrikjedi t-tneħħija ta' persuna fiżika mill-bord maniġerjali ta' CCP awtorizzata;

(i) timponi multi u pagamenti perjodiċi ta' penali;

(j) toħroġ avviżi pubbliċi; u

(k) tirtira l-awtorizzazzjoni tas-CCP, jew tal-awtorizzazzjoni tagħha għal servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti

finanzjarji jew kuntratt mhux finanzjarju.
“

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 22b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	“Artikolu 22b
	Delega tal-kompiti mill-ESMA lill-awtoritajiet kompetenti
	1. Fejn meħtieġ għat-twettiq xieraq ta’ kompitu superviżorju, l-ESMA tista’, b’deċiżjoni, tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru f’konformità mal-linji gwida maħruġin mill-ESMA skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1095/2010. Tali kompiti superviżorji speċifiċi jistgħu, b’mod partikolari, jinkludu s-setgħa li jitwettqu talbiet għal informazzjoni u li jitwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f’konformità mal-Artikolu 22a ta’ dan ir-Regolament.
	2. Qabel ma tiddelega kompitu msemmi fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti rilevanti dwar dawn kollha li ġejjin:
	(a) l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat;
	(b) l-iskeda ta’ żmien għat-twettiq tal-kompitu;
	(c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-ESMA u lilha.
	3. L-ESMA għandha tirrieżamina d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1

f'intervalli xierqa. Delega tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin.

4. Id-delega ta' kompiti ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-ESMA u lanqas ma għandha tillimita l-kapaċità tal-ESMA li twettaq u tissorvelja l-attività ddelegata."

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-paragrafi*** 1 ***u 2 huma sostitwiti*** b'dawn li ġejjin:	(a) ***il-paragrafu*** 1 ***huwa sostitwit*** b'dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-AETS*** għandha twettaq rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn il-kulleġġi sabiex:	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22a, l-ESMA*** għandha twettaq rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn il-kulleġġi sabiex:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet biex l-artikoli proposti jiġu allinjati mal-introduzzjoni tal-Artikolu 22a ġdid.

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23a – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tivvaluta r-riskji meta tipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2 dwar il-konformità tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari b'rabta mar-riskji transfruntiera identifikati jew mar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, u meta tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif kontroparti ċentrali għandha ttaffi dawk ir-riskji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tagħhom lill-AETS għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att jew miżura skont l-Artikoli 7, 8 u 14, l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) u l-Artikoli 20 u 21, l-Artikoli 29 sa 33 u l-Artikoli 35, 36, 41 u 54. ***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissottomettu wkoll abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-AETS għall-opinjoni tagħha qabel ma jadottaw kwalunkwe att ieħor jew miżura oħra f'konformità mad-dmirijiet tagħhom taħt l-Artikolu 22(1).;***	***imħassar***

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23a – paragrafi 2 sa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassru l-paragrafi 3 u 4;	(b) jitħassru l-paragrafi ***2,*** 3 u 4;

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Timijiet Superviżorji Konġunti	***Attivitajiet*** Superviżorji Konġunti *(Jekk jogħġbok innota li fit-test kollu, ir-referenza għat-Timijiet Superviżorji Konġunti għandha tiġi ssostitwita b'referenza għall-Attivitajiet Superviżorji Konġunti.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' Timijiet Superviżorji Konġunti seta' ħoloq saffi addizzjonali f'qafas superviżorju diġà frammentat. Madankollu, il-valur tagħhom għandu jiġi ppreservat fl-ambitu tal-qafas ta' attivitajiet superviżorji konġunti. Flimkien ma' rwol akbar għall-ESMA u rwol akbar għall-Kulleġġ fis-superviżjoni tas-CCPs tal-UE, l-attivitajiet Superviżorji Konġunti se jipprovdu valur kbir fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni u fil-kompiti komuni tal-ESMA, il-Kulleġġ u awtoritajiet rilevanti oħra.

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jiġi stabbilit tim superviżorju konġunt għas-superviżjoni ta'*** kull kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14***. Kull tim superviżorju konġunt għandu jkun magħmul minn membri tal-persunal mill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali, l-AETS u l-membri*** tal-kulleġġ ***imsemmija fl-Artikolu 18, il-punti (c), (g) u (h). Membri oħrajn tal-kulleġġ jistgħu jitolbu wkoll li jipparteċipaw fit-tim superviżorju konġunt. It-timijiet superviżorji konġunti għandhom jaħdmu taħt il-koordinazzjoni ta' membru tal-persunal tal-awtorità kompetenti maħtura***.	1. Kull kontroparti ċentrali awtorizzata skont l-Artikolu 14 ***għandha tkun soġġetta*** għal ***attivitajiet superviżorji konġunti. Dawn l-attivitajiet għandhom jiġu kkoordinati mill-ESMA u mill-kulleġġ fil-kuntest tal-proċess annwali ta' rieżami u evalwazzjoni, u għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' kull membru*** tal-kulleġġ ***fuq bażi volontarja***.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-kompiti ta' tim superviżorju konġunt*** għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, dawn kollha li ġejjin:	2. ***L-attivitajiet superviżorji konġunti*** għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, dawn kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi kontribut lill-awtoritajiet kompetenti, lill-AETS u lill-kulleġġi skont l-Artikolu 17a(2), (4) u (5) u l-Artikolu 21(3);	(a) jipprovdi kontribut lill-awtoritajiet kompetenti, lill-AETS u lill-kulleġġi skont l-Artikolu 17a(2), (4) u (5) u l-Artikolu 21(3) ***u l-Artikolu 49(1b)***;

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jikkollabora mal-awtoritajiet kompetenti u mal-membri tal-kulleġġ, fejn*** rilevanti;	(c) ***jipparteċipa f'valutazzjonijiet superviżorji*** rilevanti;

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***meta l-awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali titlob hekk, jipprovdi assistenza lil dik l-awtorità kompetenti fil-valutazzjoni tal-konformità tal-kontroparti ċentrali mar-rekwiżiti ta' dan***	(d) ***jikkontribwixxi għall-proċess annwali ta' rieżami u evalwazzjoni, imwettaq mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 21(1)***.

ir-Regolament.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ESMA tista' tikkoordina wkoll, b'kontribut mill-kulleġġ, attivitajiet superviżorji konġunti f'oqsma mhux previsti fiż-żmien tar-rieżami annwali preċedenti, b'mod partikolari fil-valutazzjoni tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u fil-valutazzjoni ta' kwalunkwe tħassib superviżorju materjali li seta' nħoloq minn dak iż-żmien.

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali*** għandha tkun inkarigata ***mit-twaqqif ta' timijiet*** superviżorji konġunti.	3. ***L-ESMA*** għandha tkun inkarigata ***biex tistabbilixxi u tikkoordina l-attivitajiet*** superviżorji konġunti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota

spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23c – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) rappreżentanti tal-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti minbarra l-euro li fihom huma denominati l-kuntratti tad-derivati msemmija fl-Artikolu 7a(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-JMM huwa li jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7a u 7b proposti. Dawn ir-rekwiżiti jappartjenu għal ċerti kategoriji ta' kuntratti tad-derivati denominati f'euro, kif ukoll fi zloty Pollakka. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-banek ċentrali rilevanti fil-kapaċità tagħhom bħala banek ċentrali ta' ħruġ hija ġġustifikata.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23c – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-kontropartijiet ċentrali li jiffokaw fuq ir-riskji tal-likwidità li jikkonċernaw lill-kontropartijiet ċentrali, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti;	(c) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tal-kontropartijiet ċentrali li jiffokaw fuq ***ir-riskji ta' kreditu u operazzjonali orizzontali kif ukoll*** ir-riskji tal-likwidità li jikkonċernaw lill-kontropartijiet ċentrali, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-JMM ikun jista' jkollu perspettiva olistika dwar ir-riskji li jaffettwaw l-ikklerjar ċentrali tal-Unjoni, minbarra r-riskji ta' likwidità, il-JMM għandu jwettaq ukoll valutazzjonijiet madwar l-Unjoni tar-riskji ta' kreditu u operazzjonali li jikkonċernaw is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti. Barra minn hekk, il-kompitu tal-JMM fir-rigward tal-identifikazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni għandu jinkludi aspetti addizzjonali tar-riskji ta' konċentrazzjoni li huma rilevanti għall-ikklerjar ċentrali (hawn taħt).

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23c – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jidentifika r-riskji ta' konċentrazzjoni, b'mod partikolari fl-ikklerjar tal-klijenti, minħabba l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fejn diversi kontropartijiet ċentrali, membri tal-ikklerjar jew klijenti jużaw l-istess forniturи ta' servizzi;	(d) jidentifika r-riskji ta' konċentrazzjoni, b'mod partikolari fl-ikklerjar tal-klijenti, minħabba l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fejn diversi kontropartijiet ċentrali, membri tal-ikklerjar jew klijenti jużaw l-istess forniturи ta' servizzi***, minħabba li l-klijenti jaċċessaw l-istess CCP permezz ta' membri tal-ikklerjar differenti ta' dik is-CCP, jew minħabba li l-klijenti jżommu pożizzjonijiet kbar fis-swieq tal-prodotti li tikklerja s-CCP***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara aktar 'il fuq.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha skont il-paragrafu 2.	3. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ***, u wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, jekk tqis li dan huwa meħtieġ***, tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha skont il-paragrafu 2. ***Fejn xieraq, dan ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal azzjoni potenzjali fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati r-riskji orizzontali identifikati.***

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 23c – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) hija tqis li l-awtoritajiet kompetenti qed jonqsu milli jiżguraw il-konformità tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 7a;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-bidliet introdotti fl-Artikolu 7a u fir-rigward tar-rwol tal-ESMA fil-qafas superviżorju u fl-implimentazzjoni tal-RAA, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu għandu jitneħħa.

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta ssir laqgħa wara sitwazzjoni ta' emerġenza kif speċifikat fil-paragrafu 1(c), il-President għandu dejjem jistieden lill-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ biex jipparteċipaw f'dik il-laqgħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tal-banek ċentrali tal-ħruġ rilevanti, li għalhekk għandhom dejjem jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP b'reazzjoni għal tali emerġenzi.

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii)*** huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	(a) ***il-paragrafu*** 2 huwa ***emendat kif*** ġej:

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a – punt i (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24a – paragrafu 2 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) fil-punt (d), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24a – paragrafu 2 – punti e u f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	(e) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tat-tliet membri tal-ikklerjar bl-akbar kontribuzzjonijiet, ikkalkolati fuq bażi aggregata fuq perjodu ta' sena, għall-fond tal-inadempjenza, imsemmi fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament, minn kull waħda mis-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 jew rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament, li ma għandhomx ikollhom vot;
	(f) il-BĊE, fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku mogħtija lilu f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, li ma għandux ikollu vot."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni tas-superviżuri nazzjonali u tal-BĊE fil-Kumitat Superviżorju tas-CCP se tappoġġa l-identifikazzjoni u l-indirizzar tar-riskji li jirriżultaw mir-rabta bejn il-banek u s-CCPs.

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt c – punt ii
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24a – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(bc) tħejji abbozzi ta' ***opinjonijiet*** għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri ***f'konformità mal-Artikoli 17 u 17b u abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' validazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49;"***;	(bc) tħejji abbozzi ta' ***deċiżjonijiet*** għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri ***fir-rigward tal-Artikoli 7, 8, 14 sa 17b, 20, 21, u 24 u t-Titoli IV u V ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt c – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24a – paragrafu 7 – punt c

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(iia) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(c) jippromwovi l-iskambju u d-diskussjoni regolari fost l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament relattivament għal:	"(c) jippromwovi l-iskambju u d-diskussjoni regolari fost l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament relattivament għal:
(i) l-attivitajiet ***u d-deċiżjonijiet superviżorji*** rilevanti ***li ġew adottati*** mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 22 meta jwettqu dmirijiethom skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fit-territorju tagħhom;	(i) l-attivitajiet rilevanti ***mwettqa*** mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 22 meta jwettqu dmirijiethom skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fit-territorju tagħhom;
(ii***) l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ippreżentati lill-AETS minn awtorità kompetenti f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23a(2);***	(ii) żviluppi tas-suq rilevanti, inklużi sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jaffettwaw jew li x'aktarx jaffettwaw is-soliditá prudenzjali jew finanzjarja, jew ir-reżiljenza ta' CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 jew il-membri tal-ikklerjar tagħhom;
(iii) l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ippreżentati lill-AETS minn awtorità kompetenti fuq bażi volontarja f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23a(2);	***(iii) l-abbozzi ta' deċiżjonijiet sottomessi mill-ESMA f'konformità mal-punt (bc);"***

(iv) żviluppi tas-suq rilevanti, inklużi sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jaffettwaw jew li x'aktarx jaffettwaw is-soliditá prudenzjali jew finanzjarja, jew ir-reżiljenza ta' CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 jew il-membri tal-ikklerjar tagħhom;

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 24b – paragrafi 1 u 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(20a) fl-Artikolu 24b, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:
1. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54 li jirrigwardaw CCPs tal-Grad 2, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkonsulta lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 25(3). Kull bank ċentrali tal-ħruġ jista' jirrispondi. Kwalunkwe risposta għandha tasal fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-trażmissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ***il-perijodu*** msemmi hawn fuq ma għandux ikun ta' aktar minn 24 siegħa. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54, għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Hekk kif jiskadi ***l-perijodu*** għall-konsultazzjoni, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkunsidra b'mod debitu ***l-emendi proposti*** mill-banek ċentrali tal-ħruġ.	"1. Fir-rigward ***tal-valutazzjonijiet superviżorji mwettqa b'rabta ma' u*** deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 41, 44, 46***, 49***, 50 u 54 li jirrigwardaw CCPs tal-Grad 2, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkonsulta lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 25(3). Kull bank ċentrali tal-ħruġ jista' jirrispondi. Kwalunkwe risposta għandha tasal fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-trażmissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ***il-perjodu*** msemmi hawn fuq ma għandux ikun ta' aktar minn 24 siegħa. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għall-abbozzi ***ta' valutazzjonijiet relatati jew l-abbozzi ta'*** deċiżjonijiet skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54, għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Hekk kif jiskadi ***l-perjodu*** għall-konsultazzjoni, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkunsidra b'mod debitu ***r-rispons*** mill-banek ċentrali tal-ħruġ.

2. Fejn il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs ma jirriflettix fl-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu ***l-emendi proposti*** minn bank ċentrali tal-ħruġ, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub waqt li jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont ***tal-emendi proposti minn*** dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, u jipprovdi spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn ***dawk l-emendi***. Il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jippreżenta lill-Bord tas-Superviżuri ***l-emendi proposti*** minn banek ċentrali tal-ħruġ u l-ispjegazzjonijiet tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont tagħhom flimkien mal-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu.	2. Fejn il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs ma jirriflettix fl-abbozz ta' ***valutazzjoni jew l-abbozz ta'*** deċiżjoni tiegħu ***r-rispons*** minn bank ċentrali tal-ħruġ, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub waqt li jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont ***tar-rispons ta'*** dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, u jipprovdi spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn ***dak ir-rispons***. Il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jippreżenta lill-Bord tas-Superviżuri ***r-risponsi*** minn banek ċentrali tal-ħruġ u l-ispjegazzjonijiet tiegħu għalfejn ma jkunx ħa kont tagħhom flimkien mal-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

L-emenda li tfittex li timmodifika l-formulazzjoni tal-Artikolu li jirreferi għall-"valutazzjonijiet" u mhux biss għad-deċiżjonijiet, minħabba li l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54 tal-EMIR ma jirreferu għall-ebda proċedura speċifika ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u minħabba li mhux il-valutazzjonijiet u l-proċeduri superviżorji kollha jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet formali tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP. L-għan huwa li jiġi żgurat involviment suffiċjenti mal-banek ċentrali tal-ħruġ f'oqsma relatati mal-marġini, il-kontrolli tar-riskju tal-likwidità, il-kollateral, u l-arranġamenti ta' saldu u interoperabbiltà għall-attivitajiet u l-proċeduri superviżorji rilevanti kollha.

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt d
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 25 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-AETS għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni effettivi mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala	7. L-AETS għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni effettivi mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala

ekwivalenti għal dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 6.;	ekwivalenti għal dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 6. ***Dawn l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu wkoll il-proċeduri għall-kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-formulazzjoni u t-tħejjija tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni***. ;

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. kontroparti ċentrali għandu jkollha arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sewwa, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex tidentifika, tiġġestixxi, timmonitorja u tirrapporta r-riskji li għalihom hija esposta jew li għalihom tista' tkun esposta, u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi. Kontroparti ċentrali ma għandhiex tkun jew issir membru tal-ikklerjar, klijent, jew tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma' membru tal-ikklerjar bil-għan li twettaq attivitajiet ta' kklerjar f'kontroparti ċentrali.;	1. kontroparti ċentrali għandu jkollha arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sewwa, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex tidentifika, tiġġestixxi, timmonitorja u tirrapporta r-riskji li għalihom hija esposta jew li għalihom tista' tkun esposta, u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi. ***Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' interoperabbiltà,*** kontroparti ċentrali ma għandhiex tkun jew issir membru tal-ikklerjar, klijent, jew tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma' membru tal-ikklerjar bil-għan li twettaq attivitajiet ta' kklerjar f'kontroparti ċentrali.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-premessa 21 korrispondenti.

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 26 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25a) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"8. Il-kontroparti ċentrali għandha tkun soġġetta għal verifiki frekwenti u indipendenti. Ir-riżultati ta' dawk il-verifiki għandhom ikunu komunikati lill-bord u għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti."	"8. Il-kontroparti ċentrali għandha tkun soġġetta għal verifiki frekwenti u indipendenti. Ir-riżultati ta' dawk il-verifiki għandhom ikunu komunikati lill-bord u għandhom jiġu magħmula disponibbli ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti ***tas-CCP***.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25b) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"3. CCP għandha tiddetermina b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-bord u għandha tagħmel il-minuti tal-laqgħat tal-bord disponibbli għall-awtorità kompetenti u għall-awdituri.	"3. Kontroparti ċentrali għandha tiddetermina b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-bord u għandha tagħmel il-minuti tal-laqgħat tal-bord disponibbli ***għall-ESMA,*** għall-awtorità kompetenti ***tas-CCP*** u għall-awdituri.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 28

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25c) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 28	Artikolu 28
Kumitat tar-riskju	Kumitat tar-riskju
"1. Kontroparti ċentrali għandha tistabbilixxi kumitat tar-riskju, li għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-membri tal-ikklerjar tagħha, membri indipendenti tal-bord u rappreżentanti tal-klijenti tagħha. Il-kumitat tar-riskju jista' jistieden lill-impjegati tal-kontroparti ċentrali u lil esperti indipendenti esterni biex jattendu laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li jattendu l-laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot u li jkunu infurmati kif xieraq bl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tar-riskju. Il-parir tal-kumitat tar-riskju għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tal-kontroparti ċentrali. L-ebda mill-gruppi ta' rappreżentanti m'għandu jkollhom maġġoranza fil-kumitat tar-riskju.	"1. Kontroparti ċentrali għandha tistabbilixxi kumitat tar-riskju, li għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-membri tal-ikklerjar tagħha, membri indipendenti tal-bord u rappreżentanti tal-klijenti tagħha. Il-kumitat tar-riskju jista' jistieden lill-impjegati tal-kontroparti ċentrali u lil esperti indipendenti esterni biex jattendu laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot. ***L-ESMA u*** l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li jattendu l-laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot u li jkunu infurmati kif xieraq bl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tar-riskju. Il-parir tal-kumitat tar-riskju għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tal-kontroparti ċentrali. L-ebda mill-gruppi ta' rappreżentanti m'għandu jkollhom maġġoranza fil-kumitat tar-riskju.
2. Kontroparti ċentrali għandha b'mod ċar tiddetermina l-mandat, l-arranġamenti ta' governanza sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħha, il-proċeduri operattivi, il-kriterji tal-ammissjoni u l-	2. Kontroparti ċentrali għandha b'mod ċar tiddetermina l-mandat, l-arranġamenti ta' governanza sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħha, il-proċeduri operattivi, il-kriterji tal-ammissjoni u l-

mekkaniżmu li bih jiġu eletti l-membri tal-kumitat tar-riskju. L-arranġamenti tal-governanza għandhom ikunu pubblikament disponibbli u għandhom, mill-inqas, jiddeterminaw li l-kumitat tar-riskju jkun ippresedut minn membru tal-bord indipendenti, jirrapporta direttament lill-bord u jżomm laqgħat regolari.

3. Il-kumitat tar-riskju għandu jagħti pariri lill-bord dwar kwalunkwe arranġament li jista' jħalli impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP, bħal bidla sinifikanti fil-mudell tar-riskju tagħha, il-proċeduri ta' inadempjenza, il-kriterji sabiex jiġu aċċettati l-membri tal-ikklirjar, l-ikklirjar ta' klassijiet ġodda ta' strumenti jew l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet. Il-kumitat tar-riskju għandu jgħarraf lill-bord fil-ħin dwar kwalunkwe riskju li jaffettwa r-reżiljenza tas-CCP. Il-pariri tal-kumitat tar-riskju ***mhumiex*** meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' kuljum tas-CCP. Għandhom isiru sforzi raġonevoli sabiex issir konsultazzjoni mal-kumitat tar-riskju dwar l-iżviluppi li jħallu impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inkluż dwar l-iżviluppi li huma rilevanti għall-iskoperturi tal-membri tal-ikklirjar għas-CCP u l-interdipendenzi ma' CCPs oħrajn.

4. Mingħajr preġudizzjoni għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu informati kif dovut, il-membri tal-kumitat tar-riskju għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità. Meta l-president tal-kumitat tar-riskju jiddetermina li membru effettivament jew potenzjalment għandu konflitt ta' interess fuq kwistjoni partikolari, dak il-membru ma għandux jitħalla jivvota fuq dik il-kwistjoni.

5. CCP għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti u lill-kumitat tar-riskju bi kwalunkwe deċiżjoni fejn il-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-pariri tal-kumitat tar-riskju u tispjega tali deċiżjoni. Il-kumitat tar-riskju jew kwalunkwe

mekkaniżmu li bih jiġu eletti l-membri tal-kumitat tar-riskju. L-arranġamenti tal-governanza għandhom ikunu pubblikament disponibbli u għandhom, mill-inqas, jiddeterminaw li l-kumitat tar-riskju jkun ippresedut minn membru tal-bord indipendenti, jirrapporta direttament lill-bord u jżomm laqgħat regolari.

3. Il-kumitat tar-riskju għandu jagħti pariri lill-bord dwar kwalunkwe arranġament li jista' jħalli impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP, bħal bidla sinifikanti fil-mudell tar-riskju tagħha, il-proċeduri ta' inadempjenza, il-kriterji sabiex jiġu aċċettati l-membri tal-ikklirjar, l-ikklirjar ta' klassijiet ġodda ta' strumenti jew l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet. Il-kumitat tar-riskju għandu jgħarraf lill-bord fil-ħin dwar kwalunkwe riskju li jaffettwa r-reżiljenza tas-CCP. Il-pariri tal-kumitat tar-riskju ***ma humiex*** meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' kuljum tas-CCP. Għandhom isiru sforzi raġonevoli sabiex issir konsultazzjoni mal-kumitat tar-riskju dwar l-iżviluppi li jħallu impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inkluż dwar l-iżviluppi li huma rilevanti għall-iskoperturi tal-membri tal-ikklirjar għas-CCP u l-interdipendenzi ma' CCPs oħrajn.

4. Mingħajr preġudizzjoni għad-dritt ***tal-ESMA u*** tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu informati kif dovut, il-membri tal-kumitat tar-riskju għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità. Meta l-president tal-kumitat tar-riskju jiddetermina li membru effettivament jew potenzjalment għandu konflitt ta' interess fuq kwistjoni partikolari, dak il-membru ma għandux jitħalla jivvota fuq dik il-kwistjoni.

5. CCP għandha tgħarraf minnufih ***lill-ESMA,*** lill-awtorità kompetenti u lill-kumitat tar-riskju bi kwalunkwe deċiżjoni fejn il-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-pariri tal-kumitat tar-riskju u tispjega tali deċiżjoni. Il-kumitat tar-riskju jew

membru tal-kumitat tar-riskju jista' jgħarraf lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe qasam fejn huwa jqis li l-pariri tal-kumitat tar-riskju ma ġewx segwiti.”;	kwalunkwe membru tal-kumitat tar-riskju jista' jgħarraf lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe qasam fejn huwa jqis li l-pariri tal-kumitat tar-riskju ma ġewx segwiti.”;

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25d) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Kontroparti ċentrali għandha żżomm, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin, ir-rekords kollha dwar is-servizzi u l-attività pprovduti sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti li timmonitorja l-konformità tal-kontroparti ċentrali ma' dan ir-Regolament.	“1. Kontroparti ċentrali għandha żżomm, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin, ir-rekords kollha dwar is-servizzi u l-attività pprovduti sabiex tippermetti ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti li timmonitorja l-konformità tal-kontroparti ċentrali ma' dan ir-Regolament.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25e (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 30

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25e) L-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 30	"Artikolu 30
Azzjonisti u membri b'parteċipazzjoni kwalifikatorja	Azzjonisti u membri b'parteċipazzjoni kwalifikatorja
1. ***L-awtorità kompetenti*** ma għandhiex tawtorizza kontroparti ċentrali sakemm ma tkunx ġiet infurmata bl-identitajiet tal-azzjonisti jew membri, kemm jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li għandhom parteċipazzjoni kwalifikatorja u bl-ammonti ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.	1. ***L-ESMA*** ma għandhiex tawtorizza kontroparti ċentrali sakemm ma tkunx ġiet infurmata bl-identitajiet tal-azzjonisti jew membri, kemm jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li għandhom parteċipazzjoni kwalifikatorja u bl-ammonti ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.
2. ***L-awtorità kompetenti*** għandha tirrifjuta li tawtorizza kontroparti ċentrali meta ma tkunx sodisfatta dwar l-adattezza tal-azzjonisti jew il-membri li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fil-kontroparti ċentrali, meta tikkunsidra l-bżonn li jiġi żgurat l-immaniġjar sod u prudenti ta' kontroparti ċentrali.	2. ***L-ESMA*** għandha tirrifjuta li tawtorizza kontroparti ċentrali meta ma tkunx sodisfatta dwar l-adattezza tal-azzjonisti jew il-membri li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fil-kontroparti ċentrali, meta tikkunsidra l-bżonn li jiġi żgurat l-immaniġjar sod u prudenti ta' kontroparti ċentrali.
3. Meta jeżistu konnessjonijiet mill-qrib bejn il-kontroparti ċentrali u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta dawk il-konnessjonijiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti.	3. Meta jeżistu konnessjonijiet mill-qrib bejn il-kontroparti ċentrali u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, ***l-ESMA*** għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta dawk il-konnessjonijiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti.
4. Meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw influwenza li aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-immaniġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tieħu l-miżuri xierqa biex ittemm din is-sitwazzjoni, liema azzjoni tista' tinkludi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali.	4. Meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw influwenza li aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-immaniġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali, ***l-ESMA*** għandha tieħu l-miżuri xierqa biex ittemm din is-sitwazzjoni, liema azzjoni tista' tinkludi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali.
5. ***L-awtorità kompetenti*** għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika jew iżjed minn persuna waħda li magħha/magħhom il-kontroparti ċentrali ikollha konnessjonijiet mill-qrib, jew diffikultajiet involuti fl-	5. ***L-ESMA*** għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika jew iżjed minn persuna waħda li magħha/magħhom il-kontroparti ċentrali ikollha konnessjonijiet mill-qrib, jew diffikultajiet involuti fl-

infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji ***tal-awtorità kompetenti***.	infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji ***tal-ESMA***.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) fil-paragrafu 2, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:	
L-awtorità kompetenti għandha, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tirċievi n-notifika msemmija f'dan il-paragrafu u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tirrikonoxxi mal-akkwirent jew mal-bejjiegħ propost, bil-miktub li tkun irċeviethom u tikkondividi l-informazzjoni mal-AETS u mal-kulleġġ.	
Fi żmien 60 jum tax-xogħol mid-data tal-konferma bil-miktub tar-riċevuta tan-notifika u tad-dokumenti kollha meħtieġa li jiġu mehmuża man-notifika abbażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 32(4) u sakemm ma jkunux estiżi f'konformità ma' dan l-Artikolu ("il-perjodu ta' valutazzjoni"), l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 32(1) ("il-valutazzjoni"). Il-	

kulleġġ għandu joħroġ opinjoni skont l-Artikolu 19 u l-AETS għandha toħroġ opinjoni skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, l-punt (bc) u f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b matul il-perjodu ta' valutazzjoni.;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-awtorità kompetenti, l-AETS u l-kulleġġ jistgħu, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, fejn ikun meħtieġ, iżda mhux aktar tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, jitolbu kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa sabiex titlesta l-valutazzjoni. Tali talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.";

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 31

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(26a) L-Artikolu 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 31	"Artikolu 31
Informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti	Informazzjoni ***lill-ESMA u*** lill-awtoritajiet kompetenti
1. Kontroparti ċentrali għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tagħha bi kwalunkwe bidla fil-maniġment tagħha, u għandha tipprovdi ***lill-awtorità kompetenti*** bl-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex ***jiġi*** vvalutata l-konformità mal- Artikolu 27(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2).	1. Kontroparti ċentrali għandha tinnotifika ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti tagħha bi kwalunkwe bidla fil-maniġment tagħha, u għandha tipprovdi ***lill-ESMA*** bl-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex ***tiġi*** vvalutata l-konformita' mal-Artikolu 27(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2).
Meta l-komportament ta' membru tal-bord	Meta l-komportament ta' membru tal-bord

aktarx li jkun ta’ preġudizzju għall-immaniġġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tieħu l-miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu ***it-tneħħija*** ta’ dak il-membru mill-bord.

2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew dawk il-persuni li jaġixxu flimkien (“l-akkwirent propost”), li ħadu deċiżjoni li jiksbu, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali jew li jkomplu jżidu, direttament jew indirettament, tali parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali li b’konsegwenza ta’ dan il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jeċċedi 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b’tali mod li l-kontroparti ċentrali ssir is-sussidjarja (“l-akkwiżizzjoni proposta”), għandhom l-ewwel jinnotifikaw bil-miktub lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali li fiha qed ifittxu li jiksbu jew iżidu parteċipazzjoni kwalifikatorja, filwaqt li jindikaw id-daqs tal-parteċipazzjoni intiża u l-informazzjoni rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 32(4).

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ħadet deċiżjoni li tiddisponi, direttament jew indirettament, minn parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali (“il-bejjiegħ propost”) għandha l-ewwel tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwarha, u tindika d-daqs ta’ din il-parteċipazzjoni. Tali persuna għandha bl-istess mod tinnotifika lill-awtorità kompetenti meta tkun ħadet deċiżjoni għat-tnaqqis ta’ parteċipazzjoni kwalifikatorja sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital jaqa’ taħt 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b’tali mod li l-kontroparti ċentrali ma tibqax tkun sussidjarja ta’ dik il-persuna.

L-awtorità kompetenti għandha, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara l-irċevuta tan-notifika msemmija f’dan il-paragrafu, u tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3,

aktarx li jkun ta’ preġudizzju għall-immaniġġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali, ***l-ESMA*** għandha tieħu l-miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu ***t-tneħħija*** ta’ dak il-membru mill-bord.

2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew dawk il-persuni li jaġixxu flimkien (“l-akkwirent propost”), li ħadu deċiżjoni li jiksbu, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali jew li jkomplu jżidu, direttament jew indirettament, tali parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali li b’konsegwenza ta’ dan il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jeċċedi 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b’tali mod li l-kontroparti ċentrali ssir is-sussidjarja (“l-akkwiżizzjoni proposta”), għandhom l-ewwel jinnotifikaw bil-miktub ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali li fiha qed ifittxu li jiksbu jew iżidu parteċipazzjoni kwalifikatorja, filwaqt li jindikaw id-daqs tal-parteċipazzjoni intiża u l-informazzjoni rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 32(4).

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ħadet deċiżjoni li tiddisponi, direttament jew indirettament, minn parteċipazzjoni kwalifikatorja f’kontroparti ċentrali (“il-bejjiegħ propost”) għandha l-ewwel tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwarha, u tindika d-daqs ta’ din il-parteċipazzjoni. Tali persuna għandha bl-istess mod tinnotifika ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti meta tkun ħadet deċiżjoni għat-tnaqqis ta’ parteċipazzjoni kwalifikatorja sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital jaqa’ taħt 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b’tali mod li l-kontroparti ċentrali ma tibqax tkun sussidjarja ta’ dik il-persuna.

L-ESMA għandha, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara l-irċevuta tan-notifika msemmija f’dan il-paragrafu, u tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tirrikonoxxi l-

tirrikonoxxi l-irċevuta tagħha bil-miktub lill-akkwirent propost jew lill-bejjiegħ.

L-awtorità kompetenti għandu jkollha massimu ta' 60 jum tax-xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tal-irċevuta tan-notifika u d-dokumenti kollha meħtieġa li jridu jinhemżu man-notifika fuq il-bażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 32(4) ("il-perjodu ta' valutazzjoni"), ***għat-twettiq tal-valutazzjoni*** pprovduta fl-Artikolu 32(1) ("il-valutazzjoni"). ***L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-akkwirent propost jew lill-bejjiegħ bid-data tal-iskadenza tal-perjodu*** ta' valutazzjoni ***fiż-żmien tar-rikonoxximent tal-irċevuta***.

3. L-awtorità kompetenti ***tista'***, waqt il-perjodu ta' valutazzjoni, fejn ikun meħtieġ, iżda mhux iżjed tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, ***titlob*** kwalunkwe informazzjoni oħra li hi meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jkun interrott għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni ***mill-awtorità kompetenti*** u l-irċevuta ta' risposta għaliha mill-akkwirent propost. L-interruzzjoni ma għandhiex teċċedi 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talbiet oħra mill-awtorità kompetenti għat-tlestija jew il-kjarifika tal-informazzjoni għandhom ikunu fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma jistgħux jirriżultaw f'interruzzjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

4. ***L-awtorità kompetenti*** tista' testendi l-interruzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 sa 30 jum tax-xogħol meta l-akkwirent propost jew il-bejjiegħ ikun:

(a) jinsab jew hu rregolat barra l-Unjoni;

irċevuta tagħha bil-miktub lill-akkwirent propost jew lill-bejjiegħ ***u tikkondividi l-informazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-kulleġġ.***

Fi żmien 60 jum tax-xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tal-irċevuta tan-notifika u d-dokumenti kollha meħtieġa li jridu jinhemżu man-notifika fuq il-bażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 32(4) ***u sakemm dan ma jiġix estiż f'konformità ma' dan l-Artikolu,*** ("il-perjodu ta' valutazzjoni"), ***l-ESMA għandha twettaq il-valutazzjoni*** pprovduta fl-Artikolu 32(1) ("il-valutazzjoni"). ***Il-kulleġġ għandu joħroġ opinjoni skont l-Artikolu 19 f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b matul il-perjodu*** ta' valutazzjoni.***";***

3. L-awtorità kompetenti***, l-ESMA u l-kulleġġ jistgħu***, waqt il-perjodu ta' valutazzjoni, fejn ikun meħtieġ, iżda mhux iżjed tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, ***jitolbu*** kwalunkwe informazzjoni oħra li hi meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jkun interrott għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni ***mill-ESMA*** u l-irċevuta ta' risposta għaliha mill-akkwirent propost. L-interruzzjoni ma għandhiex teċċedi 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talbiet oħra mill-awtorità kompetenti għat-tlestija jew il-kjarifika tal-informazzjoni għandhom ikunu fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma jistgħux jirriżultaw f'interruzzjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

4. ***L-ESMA*** tista' testendi l-interruzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 sa 30 jum tax-xogħol meta l-akkwirent propost jew il-bejjiegħ ikun:

(a) jinsab jew hu rregolat barra l-Unjoni;

(b) persuna fiżika jew ġuridika mhux soġġetta għal superviżjoni skont dan ir-Regolament jew id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (17) jew id-Direttivi 2002/83/KE, 2003/41/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE, 2006/48/KE, 2009/65/KE jew 2011/61/UE.	(b) persuna fiżika jew ġuridika mhux soġġetta għal superviżjoni skont dan ir-Regolament jew id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (17) jew id-Direttivi 2002/83/KE, 2003/41/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE, 2006/48/KE, 2009/65/KE jew 2011/61/UE.
5. Meta ***l-awtorità kompetenti***, mat-tlestija tal-valutazzjoni, tiddeċiedi li topponi l-akkwiżizzjoni proposta, għandha fi żmien jumejn tax-xogħol, u mingħajr ma taqbeż il-perjodu ta' valutazzjoni, tinforma lill-akkwirent propost bil-miktub u tipprovdi r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. ***L-awtorità kompetenti*** għandha tinnotifika lill-kulleġġ msemmi fl-Artikolu 18 b'dan. Soġġett għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-akkwirent propost. Madankollu, ***l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti li*** tagħmel tali divulgazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-akkwirent propost.	5. Meta ***l-ESMA***, mat-tlestija tal-valutazzjoni, tiddeċiedi li topponi l-akkwiżizzjoni proposta, għandha fi żmien jumejn tax-xogħol, u mingħajr ma taqbeż il-perjodu ta' valutazzjoni, tinforma lill-akkwirent propost bil-miktub u tipprovdi r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. ***L-ESMA*** għandha tinnotifika ***lill-awtorità kompetenti u*** lill-kulleġġ msemmi fl-Artikolu 18 b'dan. Soġġett għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-akkwirent propost. Madankollu, ***l-ESMA tista'*** tagħmel tali divulgazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-akkwirent propost.
6. Meta ***l-awtorità kompetenti*** ma topponix l-akkwiżizzjoni proposta fiż-żmien tal-perjodu tal-valutazzjoni, din għandha titqies li ġiet approvata.	6. Meta ***l-ESMA*** ma topponix l-akkwiżizzjoni proposta fiż-żmien tal-perjodu tal-valutazzjoni, din għandha titqies li ġiet approvata.
7. ***L-awtorità kompetenti*** tista' tistipula perjodu massimu għall-konklużjoni tal-akkwiżizzjoni proposta u testendih ***safejn*** dan ikun xieraq.	7. ***L-ESMA*** tista' tistipula perjodu massimu għall-konklużjoni tal-akkwiżizzjoni proposta u testendih ***sa fejn*** dan ikun xieraq.
8. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti għal notifika lil, u approvazzjoni minn, l-awtorità kompetenti ta' akkwisti diretti jew indiretti ta' drittijiet ta' votazzjoni jew kapital li huma iżjed stretti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.	

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 32 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) fl-Artikolu 32(1), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3) għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u opinjoni mill-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.;	

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 32

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(27a) l-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 32	"Artikolu 32
Valutazzjoni	Valutazzjoni
1. Fil-valutazzjoni tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), l-awtorità kompetenti	"1. Fil-valutazzjoni tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), ***l-ESMA*** għandha, sabiex

għandha, sabiex tiżgura l-immaniġġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali li fiha hu propost l-akkwist, u wara li tikkunsidra l-influwenza probabbli tal-akkwirent propost fuq il-kontroparti ċentrali, tevalwa l-adattezza tal-akkwirent propost u s-sodezza finanzjarja tal-akkwiżizzjoni proposta skont dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni u s-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost;

(b) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li se tidderieġi n-negozju tal-kontroparti ċentrali b'konsegwenza tal-akkwiżizzjoni proposta;

(c) jekk il-kontroparti ċentrali hix se tkun kapaċi tikkonforma u tkompli tikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(d) jekk ikunx hemm motivi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li, f'rabta mal-akkwist propost, sar, qed isir jew hemm tentattivi biex isir ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE, jew li l-akkwist propost jista' jżid ir-riskju ta' kondotta bħal din.

Fil-valutazzjoni tas-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-tip ta' negozju segwit u previst fil-kontroparti ċentrali li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

Meta tiġi vvalutata l-abilità tal-kontroparti ċentrali li tikkonforma ma' dan ir-Regolament, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tagħti attenzjoni partikolari dwar jekk il-grupp li minnha se ssir parti għandux struttura li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata superviżjoni effikaċi, li effettivament tiġi skambjata informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u li tiġi ddeterminata l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet kompetenti.

Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-

tiżgura l-immaniġġjar sod u prudenti tal-kontroparti ċentrali li fiha hu propost l-akkwist, u wara li tikkunsidra l-influwenza probabbli tal-akkwirent propost fuq il-kontroparti ċentrali, tevalwa l-adattezza tal-akkwirent propost u s-sodezza finanzjarja tal-akkwiżizzjoni proposta skont dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni u s-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost;

(b) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li se tidderieġi n-negozju tal-kontroparti ċentrali b'konsegwenza tal-akkwiżizzjoni proposta;

(c) jekk il-kontroparti ċentrali hix se tkun kapaċi tikkonforma u tkompli tikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(d) jekk ikunx hemm motivi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li, f'rabta mal-akkwist propost, sar, qed isir jew hemm tentattivi biex isir ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE, jew li l-akkwist propost jista' jżid ir-riskju ta' kondotta bħal din.

Fil-valutazzjoni tas-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost, ***l-ESMA*** għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-tip ta' negozju segwit u previst fil-kontroparti ċentrali li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

Meta tiġi vvalutata l-abilità tal-kontroparti ċentrali li tikkonforma ma' dan ir-Regolament, ***l-ESMA*** għandha tagħti attenzjoni partikolari dwar jekk il-grupp li minnha se ssir parti għandux struttura li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata superviżjoni effikaċi, li effettivament tiġi skambjata informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u li tiġi ddeterminata l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet kompetenti.

Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-

Artikolu 31(3), għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19.	Artikolu 31(3), għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19.
2. ***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu*** l-akkwiżizzjoni proposta biss meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli għalxiex ***jagħmlu*** dan fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew meta l-informazzjoni pprovduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompleta.	2. ***L-ESMA tista' topponi*** l-akkwiżizzjoni proposta biss meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli għalxiex ***tagħmel*** dan fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew meta l-informazzjoni pprovduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompleta.
3. L-Istati Membri ma ***għandhom la*** jimponu ***kwalunkwe kundizzjonijiet*** preċedenti fir-rigward tal-livell ta' parteċipazzjoni li għandu jinkiseb ***u lanqas ma jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jeżaminaw l-akkwiżizzjoni proposta f'termini tal-bżonnijiet ekonomiċi tas-suq.***	3. L-Istati Membri ma għandhom ***jimponu l-ebda kundizzjoni*** preċedenti fir-rigward tal-livell ta' parteċipazzjoni li għandu jinkiseb***.***
4. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu*** pubblikament disponibbli lista li tispeċifika l-informazzjoni li hi meħtieġa għat-twettiq tal-valutazzjoni u li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu 31(2). L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun proporzjonali u għandha tkun adattata għan-natura tal-akkwirent propost u l-akkwiżizzjoni proposta. ***L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu*** informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.	4. ***L-ESMA għandha tagħmel*** pubblikament disponibbli lista li tispeċifika l-informazzjoni li hi meħtieġa għat-twettiq tal-valutazzjoni u li għandha tiġi pprovduta ***lill-ESMA u*** lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu 31(2). L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun proporzjonali u għandha tkun adattata għan-natura tal-akkwirent propost u l-akkwiżizzjoni proposta. ***L-ESMA ma għandhiex tirrikjedi*** informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.
5. Minkejja l-Artikolu 31(2), (3) u (4), fejn żewġ proposti jew iżjed għall-kisba jew iż-żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fl-istess kontroparti ċentrali jkunu ġew notifikati lill-awtorità kompetenti, din tal-aħħar għandha titratta l-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.	5. Minkejja l-Artikolu 31(2), (3) u (4), fejn żewġ proposti jew iżjed għall-kisba jew iż-żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fl-istess kontroparti ċentrali jkunu ġew notifikati ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti, din tal-aħħar għandha titratta l-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.
6. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkooperaw mill-viċin ma' xulxin għat-twettiq tal-valutazzjoni meta l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:	6. ***L-ESMA u*** l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkooperaw mill-viċin ma' xulxin għat-twettiq tal-valutazzjoni meta l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:
(a) kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni,	(a) kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni,

impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(b) l-impriża prinċipali ta' kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tikkontrolla kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li hi essenzjali għall-valutazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti kollha lil xulxin u għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha essenzjali b'inizjattiva tagħhom. Deċiżjoni ***mill-awtorità kompetenti*** li awtorizzat il-kontroparti ċentrali li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni għandha tindika kwalunkwe fehmiet jew riservi espressi mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-akkwirent propost.

impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(b) l-impriża prinċipali ta' kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tikkontrolla kontroparti ċentrali oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

7. ***L-ESMA u*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li hi essenzjali għall-valutazzjoni. ***L-ESMA u*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti kollha lil xulxin u għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha essenzjali b'inizjattiva tagħhom. Deċiżjoni ***mill-ESMA*** li awtorizzat il-kontroparti ċentrali li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni għandha tindika kwalunkwe fehmiet jew riservi espressi mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-akkwirent propost.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, fl-ewwel subparagrafu, il-punt (i) huwa ssostitwit b'dan li ġej:
(i) il-fornitur tas-servizzi jikkoopera ***mal-awtorità kompetenti*** b'rabta mal-attivitajiet esternalizzati;	(i) il-fornitur tas-servizzi jikkoopera ***mal-ESMA*** b'rabta mal-attivitajiet esternalizzati;

Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 2i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroparti ċentrali ma għandhiex testernalizza attivitajiet maġġuri marbuta mal-ġestjoni tar-riskju, sakemm tali esternalizzazzjoni ma tkunx approvata ***mill-awtorità kompetenti***. Id-deċiżjoni ***tal-awtorità kompetenti*** għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u għal opinjoni ***mill-AETS skont l-Artikolu 24a(7)(bc) maħruġa*** f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.***";***	Kontroparti ċentrali ma għandhiex testernalizza attivitajiet maġġuri marbuta mal-ġestjoni tar-riskju, sakemm tali esternalizzazzjoni ma tkunx approvata ***mill-ESMA***. Id-deċiżjoni ***tal-ESMA*** għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u għal opinjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28 – punt aa (ġdid)

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi li l-kontroparti ċentrali talloka u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħha, u dawk tal-fornitur tas-servizzi, b'mod ċar fi ftehim bil-miktub.	***2. L-ESMA*** għandha tirrikjedi li l-kontroparti ċentrali talloka u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħha, u dawk tal-fornitur tas-servizzi, b'mod ċar fi ftehim bil-miktub.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kontroparti ċentrali għandha tistabbilixxi, fejn rilevanti għal kull tip ta' prodott ikklerjat, il-kategoriji ta' membri tal-ikklerjar ammissibbli u l-kriterji ta' ammissjoni, fuq il-parir tal-kumitat tar-riskju skont l-Artikolu 28(3). Tali kriterji għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti u oġġettivi sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għal-kontroparti ċentrali u għandhom jiżguraw li l-membri tal-ikklerjar ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u kapaċità operazzjonali sabiex jissodisfaw l-obbligi li jinħolqu mill-parteċipazzjoni f'kontroparti ċentrali. Il-kriterji li jirrestringu l-aċċess għandhom ikunu permessi biss sal-punt li l-għan	1. Kontroparti ċentrali għandha tistabbilixxi, fejn rilevanti għal kull tip ta' prodott ikklerjat, il-kategoriji ta' membri tal-ikklerjar ammissibbli u l-kriterji ta' ammissjoni, fuq il-parir tal-kumitat tar-riskju skont l-Artikolu 28(3). Tali kriterji għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti u oġġettivi sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għal-kontroparti ċentrali u għandhom jiżguraw li l-membri tal-ikklerjar ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u kapaċità operazzjonali sabiex jissodisfaw l-obbligi li jinħolqu mill-parteċipazzjoni f'kontroparti ċentrali. Il-kriterji li jirrestringu l-aċċess għandhom ikunu permessi biss sal-punt li l-għan

tagħhom ikun li jikkontrollaw ir-riskju għall-kontroparti ċentrali. Il-kriterji għandhom jiżguraw li l-kontropartijiet ċentrali jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tal-kontroparti ċentrali.**”**;	tagħhom ikun li jikkontrollaw ir-riskju għall-kontroparti ċentrali. ***Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' interoperabbiltà,*** il-kriterji għandhom jiżguraw li l-kontropartijiet ċentrali jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tal-kontroparti ċentrali.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-premessa 21.

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 37 – paragrafu 1a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti ta' kontroparti ċentrali li taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji ***għandha tirrieżamina regolarment tali arranġamenti*** u tirrapporta ***lill-AETS u*** lill-kulleġġ dwar l-adegwatezza tagħhom.	***L-ESMA għandha tirrieżamina b'mod regolari l-arranġamenti stabbiliti minn*** kontroparti ċentrali li taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji u tirrapporta ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP u*** lill-kulleġġ dwar l-adegwatezza tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 37 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AETS għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-ABE, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ammissjoni msemmija fil-paragrafu 1**.**	***L-ESMA*** għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-ABE, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ammissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***u r-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni biex il-kontropartijiet mhux finanzjarji jiġu aċċettati bħala membri tal-ikklerjar f'konformità mal-paragrafu 1a***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mandat tal-ESMA biex tiżviluppa l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji rilevanti għand jestendi wkoll għall-aċċess dirett tal-kontropartijiet mhux finanzjarji għal CCP. Il-profil tal-likwidità ta' tali tipi ta' kontropartijiet għandu jiġi vvalutat b'aktar attenzjoni minn CCP, speċjalment jekk jistgħux jissodisfaw żidiet potenzjali fir-rekwiżiti tal-marġini jew fil-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza fuq bażi f'waqtha, anke taħt kundizzjonijiet ta' stress tas-suq.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) fil-paragrafu 7, jiżdied is-subparagrafu li ġej:	
"Il-membri tal-ikklerjar li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformaw lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u trasparenti dwar il-mod kif jaħdmu l-mudelli tal-marġni tal-kontroparti ċentrali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' stress, u jipprovdulhom simulazzjoni tar-	

rekwiżiti tal-marġni li jistgħu jkunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti. Dan għandu jinkludi kemm il-marġnijiet meħtieġa mill-kontroparti ċentrali kif ukoll kwalunkwe marġni addizzjonali meħtieġ mill-membri tal-ikklerjar u mill-klijenti li jipprovdu s-servizzi tal-ikklerjar infushom.";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

8. Il-membri tal-ikklerjar tal-kontroparti ċentrali u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformaw b'mod ċar lill-klijenti eżistenti u potenzjali tagħhom dwar it-telf potenzjali jew kostijiet oħrajn li jistgħu jġarrbu bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' inadempjenza u l-arranġamenti ta' allokazzjoni tat-telf u tal-pożizzjoni skont ir-regoli operattivi tal-kontroparti ċentrali, inkluż it-tip ta' kumpens li jistgħu jirċievu, filwaqt li jqisu l-Artikolu 48(7). Il-klijenti għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata biżżejjed sabiex jiġi żgurat li huma jkunu jistgħu jifhmu t-telf tal-agħar xenarju possibbli jew kostijiet oħrajn li jistgħu jiffaċċjaw jekk ill-kontroparti ċentrali tieħu miżuri ta' rkupru.";

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 38

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30a) L-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 38	"Artikolu 38

Trasparenza	Trasparenza
1. Kontroparti ċentrali u l-membri tal-ikklerjar tagħha għandhom pubblikament jiddivulgaw il-prezzijiet u t-drittijiet assoċjati mas-servizzi pprovduti. Huma għandhom jiddivulgaw il-prezzijiet u t-drittijiet ta' kull servizz pprovdut separatament, inklużi skontijiet u ribassi u l-kundizzjonijiet li jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis. Kontroparti ċentrali għandha tippermetti l-membri tal-ikklerjar tagħha u, fejn rilevanti, il-klijenti tagħhom, aċċess separat għas-servizzi speċifiċi pprovduti.	"1. Kontroparti ċentrali u l-membri tal-ikklerjar tagħha għandhom pubblikament jiddivulgaw il-prezzijiet u t-drittijiet assoċjati mas-servizzi pprovduti. Huma għandhom jiddivulgaw il-prezzijiet u t-drittijiet ta' kull servizz pprovdut separatament, inklużi skontijiet u ribassi u l-kundizzjonijiet li jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis. Kontroparti ċentrali għandha tippermetti l-membri tal-ikklerjar tagħha u, fejn rilevanti, il-klijenti tagħhom, aċċess separat għas-servizzi speċifiċi pprovduti.
Kontroparti ċentrali għandha tagħti rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi pprovduti u għandha tiżvela dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti.	Kontroparti ċentrali għandha tagħti rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi pprovduti u għandha tiżvela dik l-informazzjoni ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti.
2. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela lill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti r-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti.	2. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela lill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti r-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti.
3. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela lill-membri tagħha tal-ikklerjar u lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni dwar il-prezz użata għall-kalkolu tal-iskoperturi tagħha fi tmiem il-jum lill-membri tal-ikklerjar tagħha.	3. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela ***lill-ESMA,*** lill-membri tagħha tal-ikklerjar u lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni dwar il-prezz użata għall-kalkolu tal-iskoperturi tagħha fi tmiem il-jum lill-membri tal-ikklerjar tagħha.
Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament il-volumi tat-transazzjonijiet ikklerjati għal kull klassi ta' strumenti kklerjata mil-kontroparti ċentrali fuq bażi aggregata.	Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament il-volumi tat-transazzjonijiet ikklerjati għal kull klassi ta' strumenti kklerjata mil-kontroparti ċentrali fuq bażi aggregata.
4. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi marbutin mal-protokolli tal-komunikazzjoni li jkopru l-format tal-kontenut u tal-messaġġ li tuża fl-interazzjoni ma' terzi, inklużi ***ir-rekwiżiti*** operattivi u tekniċi msemmija fl-Artikolu 7.	4. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi marbutin mal-protokolli tal-komunikazzjoni li jkopru l-format tal-kontenut u tal-messaġġ li tuża fl-interazzjoni ma' terzi, inklużi ***r-rekwiżiti*** operattivi u tekniċi msemmija fl-Artikolu 7.
5. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament kull ksur mill-membri tal-ikklerjar tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 37(1) u r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief fejn ***l-awtorità*** kompetenti***, wara li tikkonsulta***	5. Kontroparti ċentrali għandha tiżvela pubblikament kull ksur mill-membri tal-ikklerjar tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 37(1) u r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief fejn ***l-ESMA, wara li tikkonsulta mal-awtorità***

mal-AETS, tikkunsidra li żvelar ta' dan it-tip ikun jikkostitwixxi theddida għall-istabilità finanzjarja jew il-fiduċja tas-suq jew jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża danni sproporzjonati lill-partijiet involuti.

6. CCP għandha tipprovdi għodda ta' simulazzjoni lill-membri tal-ikklerjar tagħha li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont tal-marġini inizjali addizzjonali, fuq bażi grossa, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni ġdida. Dik l-għodda għandha tkun aċċessibbli biss fuq bażi ta' aċċess sigur, u r-riżultati tas-simulazzjoni ma għandhomx ikunu vinkolanti.

7. CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha b'informazzjoni dwar il-mudelli tal-marġni inizjali li tuża. Dik l-informazzjoni għandha:

(a) tispjega b'mod ċar id-disinn tal-mudell tal-marġni inizjali u kif jaħdem;

(b) tiddeskrivi b'mod ċar is-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġini inizjali u ċ-ċirkostanzi li taħthom dawn is-suppożizzjonijiet ma jkunux iżjed validi;

(c) tkun iddokumentata.

8. Il-membri tal-ikklirjar tas-CCP għandhom jgħarrfu b'mod ċar lill-klijenti eżistenti u potenzjali tagħhom dwar it-telf potenzjali jew spejjeż oħrajn li jistgħu jġarrbu bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-inadempjenza u l-arranġamenti ta' allokazzjoni tat-telf u tal-pożizzjonijiet skont ir-regoli operattivi tas-CCP, inkluż it-tip ta' kumpens li jistgħu jirċievu, filwaqt li jitqies l-Artikolu 48(7), il-klijenti għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata suffiċjenti biex jiġi żgurat li jifhmu t-telf tal-agħar każ u spejjeż oħra li jistgħu jiffaċċjaw li kieku s-CCP tieħu miżuri ta' rkupru.***";***

kompetenti, tikkunsidra li żvelar ta' dan it-tip ikun jikkostitwixxi theddida għall-istabilità finanzjarja jew il-fiduċja tas-suq jew jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża danni sproporzjonati lill-partijiet involuti.

6. CCP għandha tipprovdi għodda ta' simulazzjoni lill-membri tal-ikklerjar tagħha li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont tal-marġini inizjali addizzjonali, fuq bażi grossa, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni ġdida. Dik l-għodda għandha tkun aċċessibbli biss fuq bażi ta' aċċess sigur, u r-riżultati tas-simulazzjoni ma għandhomx ikunu vinkolanti.

7. CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha b'informazzjoni dwar il-mudelli tal-marġni inizjali li tuża. Dik l-informazzjoni għandha:

(a) tispjega b'mod ċar id-disinn tal-mudell tal-marġni inizjali u kif jaħdem;

(b) tiddeskrivi b'mod ċar is-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġini inizjali u ċ-ċirkostanzi li taħthom dawn is-suppożizzjonijiet ma jkunux iżjed validi;

(c) tkun iddokumentata.

8. ***"Il-membri tal-ikklerjar li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformaw lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u trasparenti dwar il-mod kif jaħdmu l-mudelli tal-marġni tas-CCP, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' stress, u jipprovdulhom simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li jistgħu jkunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti. Dik is-simulazzjoni għandha tinkludi kemm il-marġnijiet meħtieġa mis-CCP kif ukoll kwalunkwe marġni addizzjonali meħtieġ mill-membri tal-ikklerjar u mill-klijenti li jipprovdu s-servizzi tal-ikklerjar infushom.***

CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha li jipprovdu servizzi tal-

ikklerjar u lill-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar kwalunkwe informazzjoni li jirrikjedu biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet skont l-ewwel subparagrafu, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà pprovduta skont id-dispożizzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu. Fuq talba minn wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha li jipprovdi servizzi tal-ikklerjar u klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar, is-CCP għandha tibgħat dik l-informazzjoni mingħajr dewmien.

9. Il-membri tal-ikklirjar tas-CCP ***u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar,*** għandhom jgħarrfu b'mod ċar lill-klijenti eżistenti u potenzjali tagħhom dwar it-telf potenzjali jew spejjeż oħrajn li jistgħu jġarrbu bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-inadempjenza u l-arranġamenti ta' allokazzjoni tat-telf u tal-pożizzjonijiet skont ir-regoli operattivi tas-CCP, inkluż it-tip ta' kumpens li jistgħu jirċievu, filwaqt li jitqies l-Artikolu 48(7), il-klijenti għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata suffiċjenti biex jiġi żgurat li jifhmu t-telf tal-agħar każ u spejjeż oħra li jistgħu jiffaċċjaw li kieku s-CCP tieħu miżuri ta' rkupru.

10. L-ESMA għandha, f'konsultazzjoni mal-EBA u mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Qed tiġi ddelgata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

The development of draft regulatory technical standards in relation to transparency requirements applicable to CCPs and client clearing service providers would considerably enhance the standardisation and the quality of such disclosures. These draft regulatory technical standards would also ensure effective interaction between CCPs and client clearing service providers concerning their respective margin practices disclosure responsibilities. Furthermore, ongoing international work under the auspices of the Basel Committee on Banking Supervision, the Bank for International Settlements' Committee on Payments and Market Infrastructures and the International Organization of Securities Commissions may result in further elaborations with respect to margin transparency, in particular the elements referred to in paragraphs 6 to 8 of Article 38 of EMIR.

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kontroparti ċentrali għandha tadotta mudelli u parametri fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġini tagħha li jaqbdu l-karatteristiċi tar-riskju tal-prodotti klerjati u li jikkunsidraw l-intervall bejn il-ġbir tal-marġini, il-likwidità tas-suq u l-possibilità ta' bidliet tul id-durata ***tat-transazzjoni***. Il-mudelli għandhom jiġu vvalidati ***mill-awtorità kompetenti*** u jkunu soġġetti għal opinjoni f'konformità mal-Artikolu 19 ***u opinjoni mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa*** f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b.	2. Kontroparti ċentrali għandha tadotta mudelli u parametri fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġini tagħha li jaqbdu l-karatteristiċi tar-riskju tal-prodotti klerjati u li jikkunsidraw l-intervall bejn il-ġbir tal-marġini, il-likwidità tas-suq u l-possibilità ta' bidliet tul id-durata ***tat-tranżazzjoni***. Il-mudelli għandhom jiġu vvalidati ***mill-ESMA*** u jkunu soġġetti għal opinjoni f'konformità mal-Artikolu 19 f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kontroparti ċentrali għandha ssejjaħ il-marġnijiet u tiġborhom fuq bażi tal-istess ġurnata, mill-anqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti. Meta tagħmel dan, kontroparti ċentrali għandha tikkunsidra l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjoni ta' likwidità tal-parteċipanti tagħha. ***Kontroparti ċentrali għandha tagħmel ħilitha kollha sabiex ma tagħmilx sejħiet tal-marġni ta' varjazzjoni tal-istess ġurnata wara li jkunu waslu l-pagamenti kollha dovuti.";***	3. Kontroparti ċentrali għandha ssejjaħ il-marġnijiet u tiġborhom fuq bażi tal-istess ġurnata, mill-anqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti. Meta tagħmel dan, kontroparti ċentrali għandha tikkunsidra l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjoni ta' likwidità tal-parteċipanti tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sentenza għandha titħassar. Il-formulazzjoni "għandha tagħmel ħilitha kollha" ma hijiex ċara u toħloq inċertezza legali sinifikanti. Barra minn hekk, l-Artikolu diġà jinkludi rekwiżit għas-CCP biex tikkunsidra l-impatt li s-sejħiet ta' marġni tal-istess ġurnata jista' jkollhom fuq il-pożizzjonijiet ta' likwidità tal-parteċipanti tagħhom, u r-rekwiżiti tal-marġini huma diġà regolati permezz ta' dan l-Artikolu u l-RTS (UE) relatata Nru 153/2013.

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroparti ċentrali għandha tkejjel, fuq bażi ta' kuljum, il-ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali tagħha. Hija għandha tqis ir-riskju ta' likwidità ġġenerat mill-	Kontroparti ċentrali għandha tkejjel, fuq bażi ta' kuljum, il-ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali tagħha. Hija għandha tqis ir-riskju ta' likwidità ġġenerat mill-

inadempjenza ta' mill-anqas iż-żewġ entitajiet, ***inklużi l-membri*** tal-ikklerjar jew il-forniturі tal-likwiditа, li għalihom għandha l-akbar skoperturi.”;	inadempjenza ta' mill-anqas iż-żewġ entitajiet, ***li jistgħu jkunu jew il-membri*** tal-ikklerjar jew il-forniturі tal-likwiditа, li għalihom għandha l-akbar skoperturi.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li r-rekwiżit biex is-CCPs jitħejjew ħalli jkopru l-inadempjenza tal-akbar żewġ "entitajiet" li għalihom ikollhom skoperturi jkopri l-membri tal-ikklerjar u l-forniturі tal-likwiditа, iżda mhux Infrastrutturi oħra tas-Suq Finanzjarju bħal CCPs interoperabbli.

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kontroparti ċentrali għandha taċċetta kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq sabiex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha. Kontroparti ċentrali tista' taċċetta garanziji pubbliċi jew garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali, sakemm dawn ikunu disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta' likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41. Meta jiġu pprovduti garanziji bankarji lil kontroparti ċentrali, dik il-kontroparti ċentrali għandha tqishom meta tikkalkula l-iskopertura tagħha għall-bank li jkun ukoll membru tal-ikklerjar. Il-kontroparti ċentrali għandha tapplika t-tnaqqis impost adegwat fuq il-valuri tal-assi u l-garanziji sabiex dawn ikunu jirriflettu l-potenzjal li l-valur tagħhom jonqos matul l-intervall bejn l-aħħar rivalwazzjoni tagħhom u ż-żmien sa meta jistgħu raġonevolment jiġu preżunti li jiġu likwidati. Għandha tqis ir-riskju ta' likwiditа wara l-inadempjenza ta' parteċipant fis-suq u r-riskju ta'	1. Kontroparti ċentrali għandha taċċetta kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq sabiex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha. Kontroparti ċentrali tista' taċċetta garanziji pubbliċi jew garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali***, inkluż fuq bażi mhux kollateralizzata għal kontropartijiet mhux finanzjarji***, sakemm dawn ikunu disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta' likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41. Meta jiġu pprovduti garanziji bankarji lil kontroparti ċentrali, dik il-kontroparti ċentrali għandha tqishom meta tikkalkula l-iskopertura tagħha għall-bank li jkun ukoll membru tal-ikklerjar. Il-kontroparti ċentrali għandha tapplika t-tnaqqis impost adegwat fuq il-valuri tal-assi u l-garanziji sabiex dawn ikunu jirriflettu l-potenzjal li l-valur tagħhom jonqos matul l-intervall bejn l-aħħar rivalwazzjoni tagħhom u ż-żmien sa meta jistgħu raġonevolment jiġu preżunti li jiġu likwidati. Għandha tqis ir-riskju ta'

konċentrazzjoni fuq ċerti assi li jistgħu jirriżultaw fl-istabbiliment tal-kollateral aċċettabbli u tat-tnaqqis impost rilevanti. Meta tirrevedi l-livell tat-tnaqqis impost li tapplika għall-assi li taċċetta bħala kollateral, il-kontroparti għandha tqis kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta' tali reviżjonijiet.**"**;	likwidità wara l-inadempjenza ta' parteċipant fis-suq u r-riskju ta' konċentrazzjoni fuq ċerti assi li jistgħu jirriżultaw fl-istabbiliment tal-kollateral aċċettabbli u tat-tnaqqis impost rilevanti. Meta tirrevedi l-livell tat-tnaqqis impost li tapplika għall-assi li taċċetta bħala kollateral, il-kontroparti għandha tqis kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta' tali reviżjonijiet.;

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 46 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	1a. Sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet inklużi fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Ewropea 2022/2311 għandhom ikomplu japplikaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi jestendu l-validità tal-miżuri temporanji (introdotti matul il-kriżi tal-enerġija) li jippermettu l-użu ta' garanziji bankarji mhux kollateralizzati f'xi każijiet sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex tingħata ċertezza lis-swieq rigward l-aċċettazzjoni tal-kollaterali.

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 46 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) li ġej huwa sostitwit b'dan li ġej:
(c) il-kundizzjonijiet li skonthom garanziji tal-banek kummerċjali jistgħu jiġu aċċettati bħala kollateral taħt il-paragrafu 1.	***"***(c) il-kundizzjonijiet li skonthom garanziji ***pubbliċi, garanziji tal-banek pubbliċi u garanziji*** tal-banek kummerċjali jistgħu jiġu aċċettati bħala kollateral taħt il-paragrafu 1. ***Meta tispeċifika dawn il-kundizzjonijiet, l-ESMA għandha tistabbilixxi standard minimu ta' aċċettazzjoni, u għandha tħalli lis-CCP tiddeċiedi l-livell ta' kollateralizzazzjoni ta' dawk il-garanziji abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha, inkluża l-possibbiltà li dawk il-garanziji ma jiġux kollateralizzati fejn xieraq, soġġetti għal limiti ta' konċentrazzjoni xierqa, rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu u rekwiżiti stretti ta' riskju ta' korrelazzjoni ħażina."***

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(33a) fl-Artikolu 48, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"3. Fejn kontroparti ċentrali tqis li l-membru tal-ikklerjar mhux se jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi futuri tiegħu, għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti qabel ma tiġi ddikjarata jew skattata l-proċedura ta' inadempjenza. L-awtorità kompetenti għandha minnufih tikkomunika din l-informazzjoni lill-AETS, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ u	"3. Fejn kontroparti ċentrali tqis li l-membru tal-ikklerjar mhux se jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi futuri tiegħu, għandha tinforma mingħajr dewmien ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti qabel ma tiġi ddikjarata jew skattata l-proċedura ta' inadempjenza. ***L-ESMA*** għandha minnufih tikkomunika din l-informazzjoni lill-membri rilevanti tas-SEBĊ u lill-awtorità

lill-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti.	responsabbli għas-superviżjoni tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroparti ċentrali għandha tirrieżamina regolarment il-mudelli u l-parametri adottati sabiex tikkalkula r-rekwiżiti tal-marġni tagħha, il-kontribuzzjonijiet għal fond ta' inadempjenza, ir-rekwiżiti tal-kollateral u mekkaniżmi oħrajn ta' kontroll tar-riskju. Hija għandha tissoġġetta l-mudelli għal testijiet tal-istress rigoruż u frekwenti sabiex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli u għandha twettaq testijiet retrospettivi sabiex tivvaluta l-affidabbiltà tal-metodoloġija adottata. Il-kontroparti ***ċentraligħandha*** tikseb validazzjoni indipendenti, għandha tinforma ***lill-awtorità kompetenti tagħha u lill-AETS*** bir-riżultati tat-testijiet imwettqa u għandha tikseb il-validazzjoni ***tagħhom*** f'konformità mal-paragrafi 1a sa 1e qabel ma tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli.	Kontroparti ċentrali għandha tirrieżamina regolarment il-mudelli u l-parametri adottati sabiex tikkalkula r-rekwiżiti tal-marġni tagħha, il-kontribuzzjonijiet għal fond ta' inadempjenza, ir-rekwiżiti tal-kollateral u mekkaniżmi oħrajn ta' kontroll tar-riskju. Hija għandha tissoġġetta l-mudelli għal testijiet tal-istress rigoruż u frekwenti sabiex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli u għandha twettaq testijiet retrospettivi sabiex tivvaluta l-affidabbiltà tal-metodoloġija adottata. Il-kontroparti ***ċentrali għandha*** tikseb validazzjoni indipendenti, għandha tinforma ***lill-ESMA*** bir-riżultati tat-testijiet imwettqa u għandha tikseb il-validazzjoni ***tal-ESMA*** f'konformità mal-paragrafi 1a sa 1e qabel ma tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli ***u l-parametri***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mudelli adottati, inkluża kwalunkwe bidla sinifikanti fihom, għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ f'konformità ma' dan l-Artikolu.	Il-mudelli ***u l-parametri*** adottati, inkluża kwalunkwe bidla sinifikanti fihom, għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kontroparti ċentrali jkollha l-ħsieb li tadotta kwalunkwe bidla ***sinifikanti*** fil-mudelli msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tissottometti applikazzjoni ***għall-awtorizzazzjoni*** ta' tali bidla f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) fejn għandha tiġi kondiviża minnufih ***mal-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali,*** mal-AETS u mal-kulleġġ. Il-kontroparti ċentrali għandha tinkludi validazzjoni indipendenti tal-bidla maħsuba fl-applikazzjoni tagħha.	Meta kontroparti ċentrali jkollha l-ħsieb li tadotta kwalunkwe bidla fil-mudelli ***u l-parametri*** msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tissottometti applikazzjoni ***għall-validazzjoni*** ta' tali bidla f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) fejn għandha tiġi kondiviża minnufih mal-AETS u mal-kulleġġ. Il-kontroparti ċentrali għandha tinkludi validazzjoni indipendenti tal-bidla maħsuba fl-applikazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kontroparti ċentrali tqis li l-bidla fil-mudelli msemmija fil-paragrafu 1 li jkollha l-ħsieb li tadotta ma tkunx sinifikanti kif imsemmi fil-paragrafu 1g, il-kontroparti ċentrali għandha titlob li l-applikazzjoni tkun soġġetta għal proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni skont il-paragrafu 1b. ***F'dak il-każ, il-kontroparti ċentrali tista' tibda tapplika tali bidla qabel id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u tal-AETS skont il-paragrafu 1b.***	Meta kontroparti ċentrali tqis li l-bidla fil-mudelli ***u l-parametri*** msemmija fil-paragrafu 1 li jkollha l-ħsieb li tadotta ma tkunx sinifikanti kif imsemmi fil-paragrafu 1g, il-kontroparti ċentrali għandha titlob li l-applikazzjoni tkun soġġetta għal proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni skont il-paragrafu 1b.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1a – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali għandha, ***b'kooperazzjoni mal-AETS,*** fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tikkonferma mal-kontroparti ċentrali li din fiha d-dokumenti meħtieġa. Meta ***xi ħadd minnhom jikkonkludi*** li l-applikazzjoni ma fihiex id-dokumenti meħtieġa, l-	***L-ESMA*** għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tikkonferma mal-kontroparti ċentrali li din fiha d-dokumenti meħtieġa. Meta ***l-ESMA tikkonkludi*** li l-applikazzjoni ma fihiex id-dokumenti meħtieġa, l-applikazzjoni għandha tiġi

applikazzjoni għandha tiġi rrifjutata.	rrifjutata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a, ***l-awtorità kompetenti u l-AETS għandhom jivvalutaw*** jekk il-bidla proposta tikkwalifikax bħala bidla sinifikanti skont il-paragrafu 1g. Meta ***xi ħadd minnhom jikkonkludi*** li l-bidla tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1g, l-applikazzjoni għandha tiġi vvalutata skont il-paragrafi 1c, 1d u 1e u ***l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali, b'kooperazzjoni mal-AETS,*** għandha tinforma bil-miktub lill-kontroparti ċentrali applikanti b'dan.	Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a, ***l-ESMA, wara li tqis il-kontribut tal-kulleġġ,*** għandha tivvaluta jekk il-bidla proposta tikkwalifikax bħala bidla sinifikanti skont il-paragrafu 1g. Meta ***l-ESMA tikkonkludi*** li l-bidla tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1g, l-applikazzjoni għandha tiġi vvalutata skont il-paragrafi 1c, 1d u 1e u ***l-ESMA*** għandha tinforma bil-miktub lill-kontroparti ċentrali applikanti b'dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla biex jiġi rifless ir-rwol ġdid tal-ESMA bħala s-superviżur tas-CCPs tal-UE. Ara n-nota spjegattiva għal aktar dettalji.

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a

Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a*:*	1c. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a***, l-ESMA għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tadotta deċiżjoni, u għandha tissottometti r-rapport u d-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ.*** ***Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi r-rapport u d-deċiżjoni mill-ESMA, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-ESMA u l-ESMA għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-kulleġġ*** ***Meta l-ESMA tiddeċiedi li ma tivvalidax it-tibdil, l-applikazzjoni tas-CCP għall-validazzjoni għandha tiġi miċħuda.***

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1c – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tissottometti r-rapport tagħha lill-AETS u lill-kulleġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1c – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-AETS għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tissottometti r-rapport tagħha lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u lill-kulleġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-wasla tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1c, l-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u l-AETS għandhom jadottaw deċiżjoni, filwaqt li jqisu tali rapporti u jinformaw lil xulxin bid-deċiżjoni meħuda. Meta waħda minnhom ma tkunx ivvalidat il-bidla, il-validazzjoni għandha tiġi rrifjutata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt a
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1e. Fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jiġu adottati d-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1d, ***l-awtorità kompetenti u l-AETS għandhom jinformaw*** lill-kontroparti ċentrali bil-miktub, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk il-validazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata.	1e. Fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jiġu adottati d-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1d, ***l-ESMA għandha tinforma*** lill-kontroparti ċentrali bil-miktub, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk il-validazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata.

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1f. Il-kontroparti ċentrali ma tista' tadotta l-ebda bidla sinifikanti fil-mudelli msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma tikseb il-validazzjonijiet ***mill-awtorità kompetenti tagħha u mill-AETS***. ***L-awtorità kompetenti, bi qbil mal-AETS***, tista' tippermetti adozzjoni provviżorja ta' bidla sinifikanti ta' dawk il-mudelli qabel il-validazzjonijiet tagħhom, fejn ikun debitament ġustifikat minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament. Tali bidla temporanja fil-mudelli għandha tkun permessa biss għal ċertu perjodu ta' żmien speċifikat ***b'mod konġunt mill-awtorità kompetenti tal-kontroparti ċentrali u mill-AETS***. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-kontroparti ċentrali ma għandhiex titħalla tuża tali bidla fil-mudell, sakemm ma tkunx ġiet approvata skont il-paragrafi 1a, 1c, 1d u 1e.	1f. Il-kontroparti ċentrali ma tista' tadotta l-ebda bidla sinifikanti fil-mudelli ***u l-parametri*** msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma tikseb il-validazzjonijiet ***mill-ESMA***. ***L-ESMA*** tista' tippermetti adozzjoni provviżorja ta' bidla sinifikanti ta' dawk il-mudelli qabel il-validazzjonijiet tagħhom, fejn ikun debitament ġustifikat minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament. Tali bidla temporanja fil-mudelli għandha tkun permessa biss għal ċertu perjodu ta' żmien speċifikat ***mill-ESMA***. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-kontroparti ċentrali ma għandhiex titħalla tuża tali bidla fil-mudell, sakemm ma tkunx ġiet approvata skont il-paragrafi 1a, 1c, 1d u 1e.

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1g. Bidla għandha titqies bħala sinifikanti meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-bidla twassal għal tnaqqis jew żieda tar-riżorsi finanzjarji totali ffinanzjati minn qabel, inklużi r-rekwiżiti tal-marġni, il-fond ta' inadempjenza u r-riżorsi proprji ddedikati ta' aktar minn 15 %;	
(b) l-istruttura, l-elementi strutturali jew il-parametri tal-marġni tal-mudell tal-marġni jinbidlu jew jiġi introdott, jitneħħa, jew jiġi emendat modulu tal-marġni b'mod li jwassal għal tnaqqis jew żieda ta' dan il-modulu tal-marġni ta' aktar minn 15 % fil-livell tal-kontroparti ċentrali;	
(c) il-metodoloġija użata sabiex jiġu kkalkolati l-kumpensi tal-portafoll tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda tar-rekwiżiti tal-marġni totali għal dawn l-istrumenti finanzjarji ta' aktar minn 10 %;	
(d) il-metodoloġija għad-definizzjoni u l-kalibrazzjoni tax-xenarji tat-testijiet tal-istress għall-fini tad-determinazzjoni tal-iskoperturi tal-fond ta' inadempjenza tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda ta' aktar minn 20 % ta' fond ta' inadempjenza, jew aktar minn 50 % ta' kwalunkwe kontribuzzjoni ta' fond ta' inadempjenza individwali;	
(e) il-metodoloġija applikata għall-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità u għall-monitoraġġ tar-riskju ta' konċentrazzjoni tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda tal-ħtiġijiet ta' likwidità stmati fi kwalunkwe munita ta'	

aktar minn 20 % jew tal-ħtiġijiet ta' likwidità totali ta' aktar minn 10 %;

(f) il-metodoloġija applikata sabiex jingħata valur lill-kollateral, jiġi kkalibrat it-tnaqqis impost tal-kollateral jew jiġu stabbiliti l-limiti ta' konċentrazzjoni tinbidel, b'tali mod li l-valur totali ta' kollateral mhux fi flus jonqos jew jiżdied b'aktar minn 10 %; dment li l-bidla proposta tal-kontroparti ċentrali ma tissodisfa l-ebda kriterju għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tal-kontroparti ċentrali speċifikata fl-Artikolu 2(1);

(g) kwalunkwe bidla oħra fil-mudelli li jista' jkollha effett materjali fuq ir-riskju ġenerali tal-kontroparti ċentrali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sostitwita bil-paragrafu 1g t'hawn taħt.

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1ga. Bidliet fil-parametri derivati minn input estern jew li jkunu f'medda ddefinita minn qabel, fejn tali emenda jew medda għall-kalibrazzjoni mill-ġdid ta' mudell tkun parti mill-mudell jew mill-metodoloġija approvata u vvalidata skont dan l-Artikolu, ma għandhomx jitqiesu bħala bidla fil-mudelli u fil-parametri u jirrikjedu validazzjoni skont dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Paragrafu ġdid biex jirrifletti li bidliet żgħar "ta' żamma tal-istatus quo" ma jirrikjedux li jsegwu proċess sħiħ ta' approvazzjoni. Li jkun hemm bidliet żgħar li ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe proċedura ta' approvazzjoni jirrappreżenta l-prattika attwali tas-CCPs f'konformità mal-EMIR u jevita piż bla bżonn fuq l-awtoritajiet rilevanti bi proċeduri amministrattivi.

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt b
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 1gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1gb. Bidla għandha titqies bħala sinifikanti meta tiġi ssodisfata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) il-bidla twassal għal tnaqqis jew żieda tar-riżorsi finanzjarji totali ffinanzjati minn qabel, inklużi r-rekwiżiti tal-marġni, il-fond ta' inadempjenza u r-riżorsi proprji ddedikati ta' aktar minn 15 %;
	(b) il-metodoloġija għad-definizzjoni u l-kalibrazzjoni tax-xenarji tat-testijiet tal-istress għall-fini tad-determinazzjoni tal-iskoperturi tal-fond ta' inadempjenza tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda ta' aktar minn 20 % ta' fond ta' inadempjenza, jew aktar minn 50 % ta' kwalunkwe kontribuzzjoni ta' fond ta' inadempjenza individwali;
	(c) il-metodoloġija applikata għall-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità u għall-monitoraġġ tar-riskju ta' konċentrazzjoni tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda tal-ħtiġijiet ta' likwidità stmati fi kwalunkwe munita ta' aktar minn 20 % jew tal-ħtiġijiet ta' likwidità totali ta' aktar minn 20 %;
	(d) il-metodoloġija applikata sabiex jingħata valur lill-kollateral, jiġi kkalibrat it-tnaqqis impost tal-kollateral tinbidel, b'tali mod li l-valur totali ta' kollateral

	jonqos jew jiżdied b'aktar minn 20 %;
	(e) kwalunkwe bidla oħra fil-mudelli li jista' jkollha effett materjali fuq ir-riskju ġenerali tas-CCP.

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt c
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-lista ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għall-validazzjoni skont il-paragrafu 1a u għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom sabiex juru li l-kontroparti ċentrali tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.	***L-ESMA*** għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw***:***
	(a) il-lista ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għall-validazzjoni skont il-paragrafu 1a u għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom sabiex juru li l-kontroparti ċentrali tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament. ***u***
	(b) l-elementi u l-indikaturi li għandhom jiġu vvalutati għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar jekk effett għandux jitqies bħala li għandu effett materjali fuq ir-riskju ġenerali tas-CCP skont il-paragrafu 1g(g).

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt da (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 49 – paragrafu 7 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika kwalunkwe bidla fil-lista ta' kundizzjonijiet li jiddefinixxu bidla sinifikanti elenkata fil-paragrafu 1g, fejn tali bidla ma ġġibx riskju akbar għas-CCP.";

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
1. Arranġament tal-interoperabbiltà għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-kontropartijiet ċentrali involuti. L-awtoritajiet kompetenti tal-kontropartijiet ċentrali għandhom jitolbu l-opinjoni tal-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), u tal-kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 19, u maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.";	

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 54

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(35a) L-Artikolu 54 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 54	Artikolu 54
Approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabbiltà	Approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabbiltà
1. Arranġament tal-interoperabbiltà għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel ***tal-awtoritajiet kompetenti tal-kontropartijiet ċentrali involuti. Il-proċedura fl-Artikolu 17 għandha tapplika.***	"1. Arranġament tal-interoperabbiltà għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel ***tal-ESMA***. ***L-ESMA għandha titlob l-opinjoni tal-kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 19, u maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.***
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità biss meta l-kontropartijiet ċentrali involuti jkunu ġew awtorizzati jikklerjaw skont l-Artikolu 17 jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 jew awtorizzati skont sistema nazzjonali ta' awtorizzazzjoni li kienet teżisti minn qabel għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 52 jintlaħqu u l-kundizzjonijiet tekniċi għall-ikklerjar ta' transazzjonijiet taħt it-termini tal-arranġament jippermettu funzjonament mingħajr ostakli u ordnat tas-swieq finanzjarji u li l-arranġament ma jxekkilx l-effikaċja tas-superviżjoni.	***L-ESMA għandha tivvaluta jekk is-CCPs awtorizzati u rikonoxxuti li fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament diġà għandhom stabbiliti arranġamenti ta' interoperabbiltà għandhomx ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu, u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha bil-miktub lis-CCPs rilevanti fi żmien 60 jum tax-xogħol minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***
3. Fejn ***awtorità kompetenti*** tqis li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ma jkunux ġew issodisfati, hi għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tar-riskju ***għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra u l-kontropartijiet ċentrali*** involuti. ***Għandha wkoll tinnotifika lill-AETS, li għandha toħroġ opinjoni dwar il-validità effettiva***	***2. L-ESMA għandha tagħti*** approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità biss meta l-kontropartijiet ċentrali involuti jkunu ġew awtorizzati jikklerjaw skont l-Artikolu 17 jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 jew awtorizzati skont sistema nazzjonali ta' awtorizzazzjoni li kienet teżisti minn qabel għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin, ir-rekwiżiti stipulati fl-

tal-kunsiderazzjonijiet tar-riskju bħala bażijiet għal ċaħda tal-arranġament tal-interoperabilità. L-opinjoni tal-AETS għandha tkun disponibbli għall-kontropartijiet ċentrali kollha involuti. Fejn l-opinjoni tal-AETS ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti rilevanti, dik l-awtorità kompetenti għandha tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-AETS.	Artikolu 52 jintlaħqu u l-kundizzjonijiet tekniċi għall-ikklerjar ta' transazzjonijiet taħt it-termini tal-arranġament jippermettu funzjonament mingħajr ostakli u ordnat tas-swieq finanzjarji u li l-arranġament ma jxekkilx l-effikaċja tas-superviżjoni.
4. Sal-31 ta' Diċembru 2012, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabilità, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	3. Fejn ***l-ESMA*** tqis li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ma jkunux ġew issodisfati, hi għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tar-riskju ***għas-CCPs*** involuti.
L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi għal dawk il-linji gwida jew rakkomandazzjonijiet wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ.	4. Sal-31 ta' Diċembru 2012, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabilità, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. ***L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' dawk il-linji gwida jew rakkomandazzjonijiet wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ.***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02012R0648-20220812)

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 81 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt s (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) fl-Artikolu 81(3), jiżdied il-punt li ġej:

"(s) il-membri tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Estensjoni tal-Artikolu 81 biex il-membri tal-JMM jingħataw aċċess għad-data tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ħalli jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet membri tiegħu.

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 89 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fl-Artikolu 89, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	***"10. Kontropartijiet finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jew li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 4a(1) u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jew li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1), għandhom jibqgħu soġġetti għal dak l-obbligu tal-ikklerjar u għandhom ikomplu l-ikklerjar sakemm tali kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-pożizzjoni medja aggregata tagħha fi tmiem ix-xahar għat-12-il xahar preċedenti ma taqbiżx il-limiti tal-ikklerjar rilevanti stabbiliti mill-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 10(4)(b), u fejn tali standards tekniċi regolatorji jkunu daħlu fis-seħħ**

billi jipprovdu l-limiti tal-ikklerjar għal derivattivi mhux ikklerjati u l-livell ta' kwalunkwe limitu ta' attività."

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt cb (ġdid)
Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 89 – paragrafu 10 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	10. Sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS u mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, għandha tivvaluta kif ġew applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15, l-Artikoli 17 sa 17b u l-Artikolu 49.
	B'mod partikolari, dik il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi:
	(a) jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+ kisbux l-effett mixtieq fir-rigward taż-żieda fil-kompetittività tas-CCPs tal-UE u naqqsux il-piż regolatorju li jiffaċċjaw;
	(b) jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) .../... + naqqsux ż-żmien għas-suq għal servizzi u prodotti ġodda mingħajr ma kellhom impatt negattiv fuq ir-riskju għas-CCP jew għall-membri tal-ikklerjar tagħha jew għall-klijenti tagħhom;
	(c) jekk l-introduzzjoni tal-possibbiltà għas-CCPs li jimplimentaw direttament bidliet li la jikkwalifikaw bħala materjali u lanqas bħala mhux materjali għall-finijiet tal-Artikoli 17, 17a u 49, affettwawx b'mod negattiv il-profil tar-riskju ta' dik is-CCP jew żidux ir-riskji

ġenerali tal-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u jekk għandhomx jiġu emendati.

L-ESMA għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex timmodifika ċerti elementi tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15, l-Artikoli 17 sa 17b u l-Artikolu 49 biex titqies il-valutazzjoni li tinsab fir-rapport skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan l-Artikolu.

---

[*] ***Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L ..., ..., p. ....).***

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal is-sena u n-numru ta' dan ir-Regolament emendatorju fit-test u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrespondenti.***

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) 2017/1131
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-iskopertura għar-riskju aggregata għall-istess kontroparti ta' MMF li ġejja minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 u li ma humiex ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata	4. L-iskopertura għar-riskju aggregata għall-istess kontroparti ta' MMF li ġejja minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi ***jew ftehimiet ta' xiri mill-ġdid*** li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 u li ma humiex ikklerjati ċentralment permezz

f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f’konformità mal-Artikolu 25 ta’ dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-assi tal-MMF.”;	ta’ CCP awtorizzata f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f’konformità mal-Artikolu 25 ta’ dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-assi tal-MMF.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitazzjoni tal-iskopertura mhux kklerjata tal-MMF għas-suq tar-repo (attwalment użata b’mod wiesa’) tinċentiva l-ikklerjar ċentrali mill-FSM.

NOTA SPJEGATTIVA

Wara l-kriżi finanzjarja tal-2008/9, saret enfasi fuq is-suq tad-derivattivi, filwaqt li ġie enfasizzat ir-rwol li dawn l-istrumenti finanzjarji għandhom fl-ekonomija kif ukoll ir-riskji li jimmitigaw u r-riskji li joħolqu.

Fl-2012, l-UE adottat ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR), li introduċa rekwiżiti ta' rapportar għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari l-obbligu li jiġu ċċarati ċerti tranżazzjonijiet f'CCP jew billi jiġi skambjat kollateral (marġni) fi tranżazzjonijiet bilaterali. L-EMIR espanda l-ikklerjar ċentrali u għamel is-swieq tal-Unjoni aktar stabbli, reżiljenti, trasparenti, effiċjenti, u, b'mod ġenerali, aktar sikuri. L-EMIR 2.2 ipprova jintroduċi bidliet biex jadatta l-qafas regolatorju għall-ekosistema tal-ikklerjar fl-Unjoni u jagħmilha saħansitra aktar sikura.

Mid-dħul fis-seħħ tal-EMIR 2.2, ix-xenarju tal-ikklerjar fl-Unjoni għadda minn bidliet sinifikanti. Ir-rwol tas-CCPs - u r-riskji li jiġġestixxu - kiber b'mod konsiderevoli, u 14-il CCP tal-UE espandew is-servizzi tagħhom fis-swieq, fil-muniti u fis-sidien, u f'ċerti każijiet, f'diversi ġuriżdizzjonijiet. It-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni - u l-bidla fl-istatus tas-CCPs tar-Renju Unit, li issa huma CCPs ta' pajjiżi terzi (CCPs ta' PT) - bidlu b'mod sinifikanti d-dinamika tas-suq u żiedu d-dipendenza tal-membri tal-ikklerjar tal-UE u tal-klijenti mill-infrastruttura tas-suq ta' ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi. Il-pandemija globali, l-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija, u l-inflazzjoni għolja, kollha żiedu r-riskji fis-sistema, affettwaw il-funzjonament ordnat tas-swieq u offrew tagħlimiet imprezzabbli għall-futur tal-ekosistema tal-ikklerjar tal-UE.

L-EMIR 3.0 jipprovdi opportunità biex jiġu vvalutati mill-ġdid l-infrastrutturi tas-suq ta' wara n-negozjar fid-dawl tal-bidliet imsemmija hawn fuq u biex jiġi żgurat li l-ekosistema tal-ikklerjar tal-UE tibqa' sikura, robusta u kompetittiva.

Il-proposta tal-Kummissjoni toffri punt tat-tluq tajjeb għad-diskussjonijiet, iżda huwa ċar li hemm lok għal titjib. Il-bidliet jirrikjedu kalibrazzjonijiet meqjusa sew, fl-ispirtu ta' approċċ ibbilanċjat inġenerali u għall-benefiċċju fit-tul tal-parteċipanti fis-suq u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja tal-UE.

Ir-Rapporteur involviet ruħha b'mod estensiv mal-Kummissjoni, mal-ESMA, mal-BĊE, mal-BERS, mal-parteċipanti fis-suq u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u qed tipproponi test

li jkun koerenti, imkejjel u li jkollu impatt. B'mod ġenerali, l-emendi huma ggwidati minn tliet objettivi ewlenin:

i. żieda fl-attraenza u l-kompetittività tal-ekosistema tal-ikklerjar tal-UE;

ii. żieda fid-domanda għal servizzi ta' kklerjar fis-CCPs tal-UE;

iii. l-istabbiliment ta' qafas superviżorju adegwat.

Miżuri min-naħa tal-provvista u tad-domanda

Ir-Rapporteur hija tal-fehma li l-objettivi proposti mill-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda fl-attraenza tas-CCPs tal-UE ("min-naħa tal-provvista") u ż-żieda fid-domanda għall-ikklerjar fis-CCPs tal-UE ("min-naħa tad-domanda") huma marbuta ma' xulxin.

Li s-CCPs tal-UE jkunu jistgħu jespandu l-offerti tagħhom b'mod aktar rapidu, filwaqt li jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż li jiffaċċjaw għandu jkun objettiv ewlieni tal-qafas rivedut tal-EMIR. Skedi ta' żmien għall-approvazzjoni regolatorja aktar effiċjenti huma essenzjali għall-kompetittività tas-CCPs tal-UE fuq skala globali: il-proċeduri twal u kumplessi li s-CCPs tal-UE jridu jgħaddu minnhom meta jitolbu estensjoni tas-servizz jew l-approvazzjoni ta' wieħed ġdid qed inaqqsu l-kompetittività tagħhom u l-attraenza usa' tal-ikklerjar fl-Unjoni.

Li jiġu pprovduti l-kundizzjonijiet biex il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti jkunu jixtiequ jikklerjaw mas-CCPs tal-UE huwa possibbilment il-mod uniku, l-aktar effettiv u l-aktar sostenibbli biex jiżdied l-ikklerjar fl-UE u titnaqqas id-dipendenza mis-CCPs ta' PT.

Għalhekk, ir-Rapporteur tipproponi diversi emendi li jmorru f'din id-direzzjoni u lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, ir-Rapporteur tipproponi li l-"proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni" proposta mill-Kummissjoni għandha tiġi ssimplifikata aktar, billi tiġi introdotta kategorija ġdida ta' bidliet "ta' żamma tal-istatus quo", li għalihom ma għandu jkun meħtieġ l-ebda proċess ta' approvazzjoni speċifiku, għajr il-valutazzjoni mill-ESMA u mill-kulleġġ bħala parti mir-rieżami annwali. Fl-istess ħin, l-emendi jfittxu li jipprovdu ċertezza legali fil-livell 1 fir-rigward ta' liema tip ta' proċedura hija meħtieġa għall-approvazzjoni regolatorja, u b'mod partikolari dwar il-każijiet eżatti meta bidla għandha titqies sinifikanti jew mhux sinifikanti, u għalhekk jekk il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tapplikax jew le. L-emendi jfittxu wkoll li jintroduċu ċarezza akbar dwar il-mudelli tal-marġni applikati mis-CCPs u aktar trasparenza dwar il-kunsiderazzjoni tal-kostijiet għall-klijenti meta jiġu ppreżentati bl-għażla ta' fejn għandhom jikklerjaw. Dawn iż-żewġ miżuri għandhom jippermettu teħid ta'

deċiżjonijiet aħjar mill-klijenti u ppjanar aħjar tal-likwidità għall-membri tal-ikklerjar.

Fir-rigward tal-miżuri biex tiżdied id-domanda għal servizzi ta' kklerjar fl-Ewropa b'rabta mal-objettiv tat-tnaqqis tad-dipendenzi minn CCPs ta' pajjiżi terzi, ir-Rapporteur temmen li l-introduzzjoni tar-"Rekwiżit ta' Kont Attiv" (AAR) għandha tiġi introdotta gradwalment, minħabba n-novità tar-rekwiżit u l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-kompetittività tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti tal-UE. Fl-ewwel fażi, il-kontropartijiet tal-UE għandhom ikunu meħtieġa jiskambjaw marġni inizjali u ta' varjazzjoni f'kont f'CCP stabbilita fl-Unjoni, u li jidħlu b'mod regolari f'pożizzjonijiet ġodda fuq dak l-istess kont. Tali rekwiżiti materjali se jiżguraw l-effettività tal-AAR fl-ewwel fażi tiegħu, mingħajr il-ħtieġa li l-kontropartijiet tal-UE jiġu soġġetti għal limitu kwantitattiv. Kont materjalment attiv se jirrappreżenta rekwiżit kredibbli b'mod partikolari għal dawk il-kontropartijiet li ma humiex attivi internazzjonalment jew li l-portafolli tagħhom huma magħmula l-aktar minn prodotti denominati f'euro.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kalibrazzjoni tal-livell tal-attività tal-ikklerjar li għandha tinżamm fil-kontijiet fis-CCPs tal-UE tkun tista' jiġi adattata għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, u tkun tista' tiġi aġġustata fid-dawl tal-effettività, jew in-nuqqas tagħha, tal-introduzzjoni tar-rekwiżit. Wara l-introduzzjoni tal-AAR kif deskritt hawn fuq, l-ESMA u l-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ għandhom jivvalutaw jekk dak ir-rekwiżit kienx biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba tiegħu, jiġifieri biex jimmitiga, jew ikunu, fin-nuqqas ta' miżuri ulterjuri, biex x'aktarx jimmitiga, ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' dipendenza eċċessiva mis-CCPs ta' PT. Huwa importanti li, flimkien mal-kunsiderazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja, titqies ukoll il-kompetittività tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti tal-Unjoni. Meta dik il-valutazzjoni twassal għall-konklużjoni li huma meħtieġa aktar miżuri, it-tieni fażi għall-AAR għandha twassal għall-iżvilupp tal-RTS tal-ESMA li tispeċifika l-proporzjon ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu fil-kontijiet attivi fis-CCPs tal-UE.

L-approċċ gradwali se jippermetti lill-ESMA tiġbor id-data meħtieġa biex tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-AAR u biex tkejjel l-impatt tal-implimentazzjoni tagħha fir-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' kklerjar u fil-kompetittività tal-parteċipanti fis-suq tal-UE. Fl-istess ħin, l-ewwel fażi se tipprovdi wkoll biżżejjed żmien biex in-naħa tal-provvista u l-miżuri superviżorji jibdew ikollhom effett, li jista' jwassal għal aktar ikklerjar lejn is-CCPs tal-UE (irrispettivament mill-AAR).

Ir-Rapporteur temmen li l-approċċ propost jintroduċi biżżejjed flessibbiltà fil-qafas, filwaqt li jindirizza t-tensjoni inerenti bejn l-għan politiku li titnaqqas id-dipendenza mis-CCPs ta' pajjiżi terzi b'argumenti tas-suq dwar il-kompetittività tad-ditti tal-UE. AAR li jiġi introdott u modulat gradwalment għandu jibbilanċja l-kompetittività internazzjonali tal-atturi tal-UE bil-għan li tinkiseb l-istabbiltà finanzjarja u jiżdiedu l-volumi tal-ikklerjar fl-UE, u tiġi evitata loġika ta' diverġenza u politiki bbażati fuq il-post.

Qafas superviżorju

L-approċċ attwali ta' superviżjoni deċentralizzata ma għadux xieraq biex jindirizza ż-żieda fl-iskoperturi transfruntiera kklerjati fis-CCPs tal-UE u fid-dawl tal-interkonnettività sistemika li joħloq l-ikklerjar ċentrali bejn is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti. Jidher li huwa meħtieġ approċċ aktar koordinat u integrat għas-superviżjoni tas-CCPs tal-UE speċjalment peress li attività aktar sistemika hija mistennija li xxaqleb lejn l-Unjoni permezz tar-rekwiżit li jinżammu kontijiet attivi fis-CCPs tal-UE għal servizzi sistemiċi sostanzjali.

Superviżjoni aktar ċentralizzata tkompli ssaħħaħ il-monitoraġġ tar-riskju madwar l-UE u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq Uniku tal-UE. Dan inaqqas l-okkorrenzi ta' interpretazzjonijiet diverġenti tal-EMIR, iżid l-effiċjenzi, u jiżgura li r-riskji kkonċentrati fis-CCPs tal-UE jiġu mmonitorjati u ġestiti b'mod adegwat, filwaqt li jimminimizza r-riskju sistemiku u l-effetti kollaterali madwar l-Istati Membri.

L-ESMA għandha tingħata s-setgħa bi rwol superviżorju dirett fil-konfront tas-CCPs tal-UE. Dan jirrikjedi l-adattament tal-qafas superviżorju eżistenti fl-ambitu tal-EMIR billi l-ESMA tingħata setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq is-CCPs tal-UE. Dan l-istabbiliment jippermetti lill-ESMA tieħu approċċ proattiv dwar ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja tal-UE u tikseb superviżjoni effiċjenti li tqis il-kwistjonijiet transfruntiera.

Fl-ambitu ta' dan l-approċċ, id-deċiżjonijiet superviżorji kollha li jappartjenu għall-Artikoli 7-8, 14-17b, 20-21, 24 u t-Titoli IV-V fl-ambitu tal-EMIR jiġu abbozzati u adottati mill-ESMA, wara li titqies l-opinjoni tal-kulleġġ. Il-bidla fl-approċċ għandha tkopri wkoll ir-rieżamijiet annwali, li huma pass importanti essenzjali fiċ-ċiklu tal-ħajja superviżorju tas-CCP, u għalhekk għandhom jitwettqu mill-ESMA u mill-kulleġġ.

L-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni jneħħu wkoll it-Timijiet Superviżorji Konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 23b. L-objettiv għall-ħolqien tal-JSTs - li jittejjeb l-involviment tal-membri tal-kulleġġ fil-proċess ta' superviżjoni li għaddejja tas-CCPs tal-UE - ma għandux

iwassal għall-istabbiliment ta' korp superviżorju ġdid, peress li dan jista' jwassal għal kumplessità istituzzjonali akbar. Minflok, il-kompiti previsti tal-JSTs għandhom jingħataw lill-kulleġġ fil-kuntest ta' "attivitajiet superviżorji konġunti", ikkoordinati mill-ESMA.

Dawn il-bidliet fis-sistema superviżorja, flimkien mal-introduzzjoni tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, se jwasslu għal sistema li tkun ċara, tinftiehem, u fejn il-frammentazzjoni tad-diverġenza tiġi mminimizzata, mingħajr ma jintilef ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, bħala membri tal-kulleġġ, fis-superviżjoni ta' kuljum tas-CCPs tal-UE.